# GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

3 atti

Oreste Calleja

© Oreste Calleja 1993
Kull jedd miżmum mill-awtur.

***IL-KARATTRI:***

*SAMWEL: zagħżugħ 18/19-il sena*
*PETRA: tfajla - l-istess età*
*In-NANNA*
*NIKOLA: xwejjaħ*
*ELEN : mara ta 40/50 sena*
*EŻRA: ħuha, ftit akbar minnha*
*Is-SA PETRONJA: armla, ħamsin sena*

***IX-XENA:***
*L-isess xena tul it-tliet atti.*

*L-EWWEL ATT:*
*Il-kamra tal-loġġa.*
*Wara nofs in-nhar ta' jum kmieni fil- ħarifa.*

*IT-TIENI ATT:*
*L-istess.*
*Tliet gimgħat wara.*

*IT-TIELET ATT:*
*1 Xena:*
*L-istess.*
*Tard fil-għaxija.*

*2 Xena:*
*L-istess - jumejn wara.*
*Tard fil-għodu.*

***Epilogu**: l-istess, jew kważi - snin wara*

## L-EWWEL ATT

*Id-dar tad-Depawli f'Wied il-Bies _ arkitettura medjovali, ġebel u ħnejjiet _ il-kamra tal-loġġa, użata wkoll biex tilqa' n-nies formalment. Fuq ix-xellug, bieb jagħti għall-intrata. Faċċata fil-fond, taraġ li jwassal għas-sulari ta' fuq, waqt li fuq il-lemin, daħla li tagħti għall-kmamar ta' ġewwa.*

*Il-loġġa tinsab għan-nofs tax-xena u titla' għaliha bi tliet filati ta' turġien, b'medda balavostri tal-ġebel tul parapett li jifridha mill-bqija tal-kamra. F'rokna, donnha mnaqqxa fil-blat, hemm xbieha ta' figura sagra mittiekla biż-żmien u li ftit li xejn għadha tingħaraf. Taħtha hemm ħawt, imma n-nixxiegħa li darba kienet tgelgel għal ġo fih, issa ilha li nixfet. Mill-bieb u l-ħġieġ tal-loġġa wieħed jista' jara xi qsari kbar tal-ġebel, siġar tal-larinġ u warajhom, biċċa sew mill-ġonna ta' madwar id-dar. Kollox iżda jixhed snin twal ta' traskuraġni— is-siġar u x-xtieli nexfin, liedna u ħaxix ħażin kullimkien, u ħġieġ tal-loġġa mkisser, b'xi bċejjeċ tal-kartun jimlew il-vojt. F'rokna fil-għoli jidher raff jixref għal ġol-loġġa minn ħnejja nofs tond. Imgeddsa fiha jidhru xi qsari tal-fuħħar, għodod tal-ġnien u xi xbiek u xkejjer. Mal-ħajt tal-lemin tax-xena hemm librerija kbira mimlija xkafef bil-kotba— 'l hawn u 'l hinn xi figorin jew tnejn itaffu l-monotonija. Hemm ukoll skrivanija żgħira mgeddsa bejn il-filati ta' kotba. Jixref għal fuqha, imperreċ fuq xkaffa, għasfur kbir tal-priża bbalzmat— xi bies, kuċċard jew bugħadam. F'nofs il-palk hemm mejda kbira ovali tal-kewba mdawra bis-siġġijiet. Fuq il-mejda platt b'xi tliet larinġiet. Barra minn lokha meta tqabbilha mal-bqija ta' l-għamara sobrija u pjuttost goffa, fil-loġġa hemm bandla żgħira u fraġli mdendla ma' qafas tal-ferro battuto, b'żewġ imħadded irrakmati mixħutin fuqha, skuluriti bix-xemx.*

*Wara nofs in-nhar ta' jum kmieni fil-ħarifa.*

*Waqt li jinfetaħ is-siparju jinstema' daqq ta' flawt ej minn ġewwa d-dar— ebda noti partikolarment melodjużi, iżda x'aktarx skonessi u tedjanti, ripetuti 'ad nauseam'.*

*SAMWEL, liebes "T shirt" imdennes, "jeans" qodma u karkur, jinsab mitluq fuq l-iskrivanija jgiddem lapes, kultant jgħaddi subgħajh minn ġo xagħru twil, u kultant iħażżeż xiħaġa fuq il-karta li għandu*

*quddiemu. Liebes ukoll nuċċali tal-vista li minn waqt għal ieħor ikollu jneħħi għax jgħajjilu għajnejh.*

*NIKOLA, raġel ta' xi sittin sena jinżel it-taraġ jaqfel is-sidrija, waqt li jħares lejn l-arloġġ tal-polz. Liebes qmis bajda b'l-għonq magħluq iżda bla ingravata, waqt li fuq għabtu għandu l-ġlekk ta' libsa skura u qadima, iżda miżmuma tajjeb. Jidher imħasseb u maħkum minn ħeġġa li mhux soltu fih.*

*Meta jisimgħu nieżel, SAMWEL għall-ewwel jagħtih ħarsa ta' malajr u jerġa' jdur fuq xogħlu, iżda mbagħad donnu jinteba b' xi ħaġa stramba f'NIKOLA u jerġa' jdawwar ħarstu lejh.*

SAMWEL: Fejn sejjer?

NIKOLA *(maħsud, jilmaħ lil SAMWEL)*: Għadek ma biddiltx? X int tistenna?

SAMWEL: Issa nbiddel. *(Idur lura fuq xogħlu, jispiċċa jikteb xi ħaġa u jieħu l-folja f'idejh. Jaqra:)* U meta wkoll it-tieni Re Nanu ta' Kastell il-Fatati miet, ġiet il-Prinċipessa Xuxtha Twil u qalet lill-Prinċep Ikreh— Ejja qabel jilħaq jisbaħ għada, ejja duq felli ta' laringa ħamra demm, u jekk tkun ħelwa u bnina, int tiġi tgħix miegħi fil-Palazz ta' missieri. Imma l-Prinċep dam jaħsibha u s-sebħ sabu għadu hemmġew. U għamluh re tan-nani. U hekk lanqas it-tielet Re Nanu ma seta' joħroġ qatt aktar mill-kastell misħut.

NIKOLA *(aħrax)*: Għax kien bla ħeġġa u iblah bħalek. Mur biddel.

SAMWEL: Le! Għax kien jaf li l-laring tad-Depawli morr u qares bħal demmhom u hu xorta jispiċċa u jsir nanu.

NIKOLA: Mur biddel. U neħħi dak il-barmil u l-ġir mil-loġġa qabel Elen tagħtiha xi oħra. Il-lejla m'għandix bżonn iżjed xenati.

SAMWEL *(jgħaffeġ il-karta u jarmiha):* Issa nbiddel. Għadu l-ħin.

*NIKOLA jxengel rasu, jispiċċa jaqfel is-sidrija, jagħti ħarsa oħra maħtufa lejn l-arloġġ, u joħroġ 'il barra.*

NIKOLA *(hu u ħiereġ mill-intrata)*: Għidilhom daqt ġej jien.

SAMWEL: Fejn sejjer? Fi x'ħin kellha tiġi s-Sa Petronja?

*Imma NIKOLA diġà sparixxa.*

*SAMWEL iħares fil-baħħ għal ftit, imbagħad jerġa' jiġbor il-karta li rema'. Jaqraha. Jgħaffiġha u jerġa' jarmiha. Iqum mill-iskrivanija. Jersaq bla ħajra ta' xejn lejn il-mejda u saflaħħar jieħu żewġ laringiet*

*mill-platt. Imur lejn il-loġġa u jkun se jpoġġi fuq il-bandla imma jerġa' jibdielu. Iħares 'il ġewwa lejn il-kurutur donnu jrid jaf hemmx min qed jarah, imbagħad jagħti daqqa ta' sieq ħafifa lill-bandla u jħalliha tixxengel waħedha. Jibda jqaxxar waħda mill-larinġiet.*

*Jerġa' jibda l-ħoss tal-flawt u SAMWEL isaffar taħt l-ilsien, jipprova għalxejn isib il-melodija.*

SAMWEL *(igiddem il-larinġa donnu bla ħsieb. Jitqarras minnufih):* Agħar mill-ġandar! (*Jixħet il-larinġa għal ġol- ġnien).*

*Jieqaf id-daqq tal-flawt għal xi sekondi, imma jkompli minnufih stunat aktar minn qabel.*

SAMWEL *(jgħajjat barra l-loġġa)*: Int se taqtagħha jew!

*Il-flawt jiżgarra xi ftit noti bla ma jieqaf, iżda mbagħad ikompli agħar minn qabel, donnu jiddieħaq bih. SAMWEL jiżbel f'daqqa; jaqbad il-larinġa l-oħra, u b'kemm għandu saħħa u qilla jitfagħha għal ġol-ġnien.*

*Ħoss ta' ħġieġ jinkiser fil-qrib. Il-flawt jieqaf ħesrem.*

SAMWEL: Kuntent issa? *(Iżda bilkemm għandu ċans idur lura 'l ġewwa li ma jerġax jibda.)* Tajjeb— huwa mela issa nurik jien! (*Joħroġ fil-kurutur u jidher qed jieħu xi ħaġa minn mal-ħajt— u ftit sekondi wara jerġa' jidħol b'senter f'idejh. Ftit jidher li huwa mid la ta' l-armi. Jipprova jiċċekkja jekk hux ikkargat jew le, u jmur iħarbex f'kexxun sakemm isib xi żewġ skrataċ qodma. Mhux ċert humiex tajbin jew le, imma hekk kif jogħla l-ħoss tal-flawt, jgħolli spallejh, jitfa' tnejn minnhom fis-senter u jersaq lejn il-loġġa.)* Hekk jew hekk! Nurih jien!

*Tidħol ELEN mill-arkata tax-xellug. Hija mara ta' xi erbgħin sena jew aktar, pjuttost irqiqa, wiċċha bajdani bla ħjiel ta' "make-up", xagħarha maqtugħ qasir u lixx. Liebsa libsa kannella bil-kmiem twal u dublett jasallha sa taħt l-irkobba sew. F'idha għandha ġewlaq u bukkett żgħir ta' ward imqartas f'gazzetta. Tersaq lejn il-mejda u tintebaħ b'SAMWEL fil-bieb tal-loġġa qed jerfa' s-senter u jimmira għal barra.*

ELEN: X int tagħmel, Samwel?

SAMWEL *(jagħfas il-grillu imma s-senter ma jisparax)*: Il-kristjelejs, kif qtajtni! *(Jerġa' jipprova l-grillu— għalxejn).*

ELEN *(ħarxa)*: Ħaqqek! Mur poġġi dak is-senter fejn kien!

*SAMWEL iniżżel is-senter. B'inkejja jagħti daqqa lill-bandla u*

*jħalliha tixxejjer bl-addoċċ. Joħroġ fil-kurutur bis-senter.*

SAMWEL *(minn barra):* Sewwa kienu jgħidu li ħlief skrataċ bla ċomb ma kienx jispara n-Nannu!

*ELEN izzekzek u tmur twaqqaf il-bandla. Tieħu l-ktieb minn fuqha u tmur bih lejn l-iskrivanija, tiġbor il-karta mill-art hija u sejra.*

ELEN: Ma rridekx terġa' tmissu dak is-senter, Samwel. Sib xi ħaġa oħra biex tilgħab!

SAMWEL *(jerġa' jidħol)*: Jien ma nilgħabx għall-informazzjoni tiegħek!

*Jibqa' ħiereġ 'il barra fil-ġnien mil-loġġa— imma waqt li ELEN tkompli ti barazza, jidher jitlajja barra; sab barmil bil-ġir u qed iħawdu bil-biċċa injama li hemm ġo fih.*

ELEN *(tiżbarazza b'effiċenza l-iskrivanija):* Logħob waħdek għandek tgħid! U dejjem taqla' l-imbarazz.

SAMWEL *(dlonk jerga' jitfaċċa fil-loġġa, il-barmil mimli bil-ġir f'idejh. (B'inkejja)*: Taf li kissru ħġieġa oħra fis-serra, zija Elen?

ELEN *(titfi d-dawl ta' l-iskrivanija— għadha ma ħarsitx lejh)*: U taħlix dawl.

SAMWEL: Kont qed nistudja!

ELEN *(tħares lejn il-qoxra tal-ktieb li kien qed jaqra):* Il-ħrejjef ta' Esopu?

SAMWEL: Għaliex le?

ELEN: Ma teħux gost in-Nanna ssibek ma tagħmel xejn. Aħjar tmur tbiddel. *(Tqiegħed il-ktieb f'postu fil-librerija. Iddur lejh*) Min kissirha?

SAMWEL: Il-ħġieġa? Min jaf. *(Iniżżel il-barmil fl-art b'tisbita— ixerred il-ġir.)*

ELEN *(twerżaq donnha mxajtna):* Neħħi dak il-barmil minn hemm! Għedtilkom ma rridx nerġa' narah hawnġew! Ara dak il-ġir fl-art issa!

*Għalkemm stedinha, SAMWEL jinħasad u jitriegħex. Malajr jaqbad il-barmil u jbewweċċ il barra bih. Kważi b'rogħda ELEN tersaq lejn il-loġġa donnha trid u ma tridx timsaħ il-ġir imxerred fl-art.*

ELEN: Għid lil Nikola jiġi jimsaħ hawn! Qed tismagħni! *(Iddur lejn il-mejda u toħroġ xi pakketti tal-gallettini mill-ġewlaq. Ixxerred u tgħaffeġ xi wħud minnhom. Tiżbel aktar)* X' jimsaħ imma? X jimsaħ! Bih u mingħajru konna nkunu xorta! Aħjar, mhux xorta. Aħjar! *(Tiġbor bir-reqqa kull farka tal-gallettini. Tgħajjat ma' SAMWEL li għadu ma reġgħax deher)* U jekk reġa' ħalla s-sellum mal-ħajt, neħħih! Neħħih minn hemm, qed tisma'? Kollox sejjer mill-ħażin għall-agħar. Ħġieġa

oħra! U fejn hu Nikola? Oħra! Ir-raba waħda dil-ġimgħa. 'Tiħ jistaħba f'xi rokna b'wiċċ ta' gendus sa l-art u ttiħ jagħmel xejn. Talanqas imissu jara li ma jidħlux fil-ġnien— talanqas! Paċenzja ma tistax iżżommhom barra l-għelieqi. Ir-raba' waħda.

*SAMWEL jidħol lejn tmiem l-aħħar kliem ta' ELEN u jersaq kutu kutu lejn l-iskrivanija.*

SAMWEL *(kważi taħt l-ilsien)*: Il-ħames.

ELEN: Kollu xogħol dawk— kollu xogħolhom. Qatt ma ħamluna.

SAMWEL: Tar-raħal?...

ELEN *(tipprova tikkalma xi ftit. Tpoġġi l-gallettini fi platt):* Tar-raħal! U apposta jagħmluha żgur.

SAMWEL: Seta' kien xi kaċċatur, jew inkella n-nassaba. Għadhom jitilgħu 'l hawn fuq, le? Iva ma nafx x'jiġu jagħmlu aktar 'l hawn. M'għadekx tara tajra li hi tajra.

ELEN: Żmien il-passa imma. Niftakar bħal daż- żmenijiet il-Pa, nannuk, Alla jaħfirlu... *(Tieqaf)* Ma kienx hawn važett hawn? *(Toħroġ izzekzek mill-bieb tax-xellug bil-platt tal-gallettini).*

SAMWEL *(jerġa' jieħu mill-iskrivanija l-ktieb li ELEN għadha kemm refgħet u jersaq lejn il-mejda. Iqiegħed il-ktieb fuqha u jnaqqar xi biċċtejn gallettini)*: Gallettini... Ħlief galletini ma ssibx hawnġew. U jien bil-ġuħ! *(Jgħolli leħnu; jixtieq jissogra jgħajjat)*: Bil-ġuħ, qed tisimgħu! U naturalment nixtru l-ward ukoll. Le, qegħdin tajjeb, eh! Ġnien daqs dak u mmorru nixtru l-fjuri minn barra. Le, tal-għaġeb, eh!

*ELEN terġa' tidħol b'żewġ važetti f'idejha. Tmur mal-mejda tirranġa l-fjuri fihom.*

ELEN: Ma hemmx għalfejn ixxandarha ma' l-erbagħt irjieħ. In-Nanna dalwaqt tqum.

SAMWEL: Tqum. Tgħid ma tafx x'ħerba hemm, hemm barra.

ELEN: Jekk ma toqgħodx tfakkarha ma tafx. Għajnejha m'għadhomx li kienu. U issa li erġajt hawn, ftakar x'għedtlek. Ma hemmx paroli u ħafna diskors bla bżonn...

SAMWEL: Kemm ilha issa ma toħroġ minn hawnġew?

ELEN ...U lanqas ħafna mistoqsijiet. *(Lestiet il-važetti bil-fjuri. Tara l-ktieb li reġa' qala' SAMWEL; taħtfu u tmur lejn l-iskrivanija u terġa' tqiegħdu f'postu.)* Flok taħli ż-żmien fil-paroli u l-ħrejjef, għax ma tagħmilx xi ħaġa? *(Toħroġ basket tax-xogħol tas-suf minn kexxun tal-*

*librerija)* Tagħmilx storbju aktar issa. In-Nanna rieqda.

SAMWEL *(b'sarkażmu):* Naf, skużani.

*ELEN tressaq siġġu għad-dawl tal-loġġa u tpoġġi taħdem is-suf mal-mejda. SAMWEL donnu jkun se jgħid xi ħaġa imma qisu f'daqqa waħda jitlef l-interess — iħokk rasu, jieħu nifs twil, iqum u jmur jittawwal skunslat 'il barra mil-loġġa.*

ELEN *(ħin bla waqt)*: Mhux għax ma tkunx idea tajba kieku.

SAMWEL *(itektek mal-ħġieġ)*: Xiex?

ELEN: Għadda sajf sħiħ u ma rajtekx tmiss ktieb li hu ktieb b'idejk. Tista' terġa' taqbad tistudja xi ħaġa. *(Tgedwed taħt l-ilsien: Punt sewwa, punt maqlub... Tkompli)* In-nofs tużżana *passes* li ħriġt bihom mis-Seminarju mhux se jlaħħquk xi professur. Meta se tapplika għall-Università?

SAMWEL: Meta jiftħu kors għall-kitba tal-ħrejjef.

ELEN *(tkompli taħdem għal ftit, imbagħad):* Ma tistax tkompli ta li l-ħin hekk. Tkun idea tajba kieku.

SAMWEL: Xiex?

ELEN: Terġa' taqbad ktieb. Tmidd għonqok. Is-sajf kollu ma missejtx ktieb.

SAMWEL *(itektek aktar bil-qawwa u b'ritmu aktar spaċenzjuż sakemm jispiċċa jsabbat waħda mal-bieb)* Xi dwejjaq — xi dwejjaq!

ELEN: Samwel, għedtlek tgħajjatx, in-Nanna rieqda.

SAMWEL: In-Nanna dejjem rieqda. Meta jaqblilha.

ELEN: Waqqajt punt minħabba fik. Nibqa' sejra hekk ikolli nerġa' noftoq kollox.

SAMWEL: U iva; skużani. Imma tassew xbajt. Imradt kemm ili lura hawn.

ELEN: Eh, int xbajt, int imradt. Hekk trid tisma' n-Nanna. Wara dak kollu li għamlet miegħek

SAMWEL *(jixtieq jibla' lura kliemu — jafhu kollu d-diskors li ġej)*: Kollox sew, skużani

ELEN *(toftoq bil-herra dak li kienet qed tħejt)*: Wara dak kollu li għamlet miegħek! Tirringrazzja 'l Alla jmissek!

SAMWEL: Qisni m'għedt xejn.

ELEN: ...Li sibt min jieħu ħsiebek wara t-traskuraġni ta' missierek! Irrin grazzja l-Providenza t'Alla. Kieku ma kienx għan-Nanna f'orfanotrofju kont tispiċċa dawn is-snin kollha.

*SAMWEL ma jafx x'jagħmel biex iwaqqafha, jintefa' minn tulu fl-art jagħmel il-"push-ups". Matul kliemha jirrepeti b'ritmu "One-Two, skużani! One-Two, skużani!..."*

ELEN: Tafu tajjeb dan; f'orfanatrofju kont tispiċċa, qed tismagħni? Kont tieħu l-edukazzjoni li għandek kieku...

SAMWEL: *One-Two*, skużani!

ELEN: ...Kont tieħu ċ-ċertifikati li ħadt! Irringrazzja l-Providenza t'Alla. Qabel tgerger aktar jaqbillek tiftakar kemm għandek għalfejn tkun grat...

SAMWEL: ...*One-Two*, skużani!

ELEN: Qatt tinsa kemm ħaddieħorgħamel għalik. U min tassew jixtieqlek il-ġid! Kieku kien għal xiħadd bħal Nikola, kieku għaddiet tiegħu, f'dak is-Seminarju kont tibqa'.

SAMWEL: ...*Two!* Skużani! *One-Two*... — u naħfirlu wkoll!

ELEN: Qatt tinsa kemm ħaddieħor għamel għalik.

SAMWEL *(iċedi; sfinit, jgħaddas geddumu sa l-art m'għandux saħħa jgħolli rasu aktar. Bejn snienu)*: Mela intom tħalluni ninsa?

ELEN: X int tgedwed? *(Terġa' tibda taħdem is-suf)* M'hemmx li joħroġ par sura ta' nies. Kollu tort tiegħek.

SAMWEL *(l-istess)*: Jista' jonqos. Skużani.

ELEN: M'inti qed togħġobni xejn mindu ġejt lura. Inbdilt.

SAMWEL *(iqum bil-mod. Għarqan, ineħħi t-"T-shirt" u jixxotta wiċċu u għonqu bih)*: Kif inbdilt? Ħa, trid tara l-*muscles*? *(Jilwi idejh l-leminija — jagħmel il-"muscles")*.

ELEN *(tħares u ma tħarisx. Tibda taħdem is-suf, dejjem aktar bl-addoċċ)*: Ilbes t-*T-shirt*. Punt sewwa, punt maqlub... Inbdilt. Donnok sirt bla paċenzja. Ma tizzetta tagħmel xejn — taħli l-ħin — tħarbix bla sens.

SAMWEL: Nikteb!

ELEN: Donnok lanqas il-ħitan ma tissaporti madwarek. Bla sens. Tistaqsi għala, kif u min!

SAMWEL: Jien biss?

ELEN: Iddur ġo din id-dar; iddur minn kurutur għall-ieħor.

SAMWEL *(jersaq lejha minn warajha. Hi taf li qiegħed hemm):* Bla sens!

ELEN: Mitluf ġo din id-dar. Lanqas il-ħitan ma tistaportihom madwarek. Minn sala battala għal oħra. Bla sens!

SAMWEL *(jitbaxxa fuqha — idawwar bil-mod idejh għarqana madwar spallejha; ma tafx iridx jifgaha jew b'sinjal ta' ħniena):* Mitlufin it-tnejn ġo din id-dar battala — induru. Minn kurutur għall-ieħor — Induru t-tnejn.

ELEN *(jintelqu l-labar tas-suf minn idejha; donnha ipnotizzata)*: Insakkar il-bibien miftuħin, dejjem anqas. Naħrab bibien magħluqa.

SAMWEL: Għaliex magħluqa?

ELEN: Dejjem trid taf.

SAMWEL: Bla sens!

ELEN: ...Il-kif — min — għala

SAMWEL: Għala? *(Idejh irosshom aktar madwar spallejha).*

ELEN: Punt sewwa

SAMWEL: Punt maqlub. Għala!

*Id-dawl jintefa' ħesrem. Jibqa' biss id-dawl minn barra l-loġġa — dawl aktarx mgħajjeb ta' tard wara nofs in-nhar.*

*SAMWEL u ELEN, mgħannqin ma' xulxin, tul ix-xena li jmiss ma jiċċaqalqux; forsi jidhru biss bħala silwett kontra l-ħġieġ tal-loġġa.*

SAMWEL/ELEN *(leħen baxx, flimkien)*: Ta' min il-ħtija?.

*Eku (forsi l-ilħna tan-Nanna u Eżra?) jidwi: Ta' min il-ħtija?*

*PETRA tidħol mill-intrata, NIKOLA ftit passi warajha. Forsi għandha sittax/sbatax-il sena, aktarx samranija. Mhux li tgħid li hija xi tfajla l-ġmiel tagħha, għalkemm ma tonqoshiex is-sbuħija naturali taż-żgħożija. Hija liebsa libsa skura bla sura, peduni suwed tal-malja u karkur jew sandli sempliċi. Xagħarha huwa miġbud fuq wara, wiccha għeri, bla rtokk. Tieqaf taħt l-arkata ta' l-intrata, hekk kif "spotlight" jinxtgħel bil-mod il-mod fuqha.*

*Pawsa sakemm jissaħħah id-dawl ta' li "spotlight". Ix-xena bejn NIKOLA u PETRA tinħadem b'ċertu distakk emozzjonali bejniethom, aktarx mekkanikament. Element ritwali.*

NIKOLA *(minn wara dahar PETRA)*: Neħħi dik il-libsa.

*PETRA ddur bil-mod tħares lejh.*

NIKOLA *(inewwlilha libsa li ġab miegħu)*: Ilbes din.

*PETRA tagħmel kif jgħidilha. Tinża u terfa l-libsa minn fuq spallejha u rasha, titlaqha fl-art u tieħu l-libsa mingħand NIKOLA. NIKOLA jibqa' wieqaf dritt quddiemha, iħares lejha, imbagħad, bla*

*għaġġla, idur kemm kemm biex ma tgħidx li se joqgħod jaraha tbiddel. Immedjatament kif ixxedd fuqha l-libsa li taha, jerġa' jdur lejha u jnewwlilha par żraben bit-takkuna għolja.*

NIKOLA: Iż-żraben ukoll.

PETRA *(teħodhom)*: U t-*tights*?

NIKOLA : *Tights*?

PETRA *(tinża' l-kalżetti suwed):* Kalżetti. *(Tgħolli d-dublett fuq l-irkobba biex turih saqajha għera).*

NIKOLA: Ħalli. Ngħaddu mingħajrhom. *(Iħares lejn saqajha)* Somor biżżejjed. Ħaffef ftit.

*Wieqfa dritta quddiemu, bla ma tħares 'l isfel, tarmi l-krakar minn saqajha u tilbes iż-żraben. NIKOLA jnewwlilha kaxxa "make-up".*

NIKOLA: *Make-up*.

PETRA *(tieħu l-kaxxa u teżamina l-kontenut b'arja ta' espert )*: Kemm fadal żmien?

NIKOLA: Ħames minuti. Biżżejjed?

PETRA: Mera m'hawnx.

NIKOLA: Fil-kamra l-oħra. Ejja.

*Jiġbor il-ħwejjeġ li neżgħet u joħroġ lejn l-intrata. PETRA, diġà bdiet tagħmel il-"make-up", toħroġ warajh.*

*Li "spotlight" jintefa hekk kif joħorġu.*

*L-istess xena bħal qabel. SAMWEL u ELEN għadhom fejn kienu ftit qabel. Ix-xena tkompli minn fejn intefa d-dawl. L-istess nofs dalma.*

SAMWEL *(iqum minn wara ELEN)*: Eżra! *(Jersaq lejn it-taraġ)* Ħalli dak is-swiċċ, Eżra! Ixgħel hemm! *(Pawsa)* Eżra tax-xjafek! *(Jitla' xi żewġ targiet).*

*Id-dawl jerġa' jinxtegħel immedjatament.*

*ELEN titbaxxa, tiġbor ix-xogħol tas-suf u terġa' tibda. SAMWEL jinżel it-taraġ, jersaq lejn il-loġġa, iħares 'il barra.*

*ELEN tħares lejh għal xi waqtiet, imbagħad ddur lura lejn xogħolha.*

*Pawsa. Waqt rari ta' kalma.*

ELEN: Imissek issib xi ħaġa x'tagħmel. Idderri.

SAMWEL: Iderri min mietlu xiħadd.

ELEN: Missierek.

SAMWEL *(bla ma jdur — imma leħen meqjus)*: Missieri?

ELEN: Hekk kien. Donnok hu.

SAMWEL: Nixbħu? *(Jibża' jdur jew jiċċaqlaq. Forsi se titkellem fuq missieru?)*

ELEN: Aktar ma tmur, aktar donnok hu. Bla paċenżja bħalu. Annimal f'gaġġa.

SAMWEL: Għasfur f'gaġġa, kien jgħid Nikola... Fiex nixbu aktar?

ELEN *(tieqaf. Minnufih terġa' tixref it-niggieża):* Nikola mingħalih jaf kollox!

SAMWEL *(jaf li għamel żball li semmieh):* Ħallina minn dak. Fiex nixbħu imma?

ELEN: Misħuta s-siegħa u l-mument li daħal hawn.

SAMWEL: Fiex? *(Idur lejha)* Ħallik minn Nikola!

ELEN *(ħalliet kobba suf taqgħalha fl-art):* Iġborha ftit!

SAMWEL: Kellimni fuqu — fuq missieri! *(Jersaq lejha, jitbaxxa jfittex il-kobba):* Għidli Zi, int kont tafu. Meta żżewweġ lill-Mamà baqa' hawn jgħix magħkom, talanqas sakemm mar...

ELEN: Sakemm qabad u telaq.

SAMWEL *(nesa l-kobba suf — għarrkubbtejh dejha):* Int għadek tiftakar sew imma, Elen.

ELEN: Iġbor dik il-kobba, Samwel. Qum minn hemm.

SAMWEL *(il-waqt mitluf għal darb'oħra, jaħtaf il-kobba u jixħetilha f'ħoġorha):* Hawn ħa! Imma għaliex dejjem hekk intom? M'għadnix tifel issa! Għaliex qatt ma tweġbuni mistoqsija sura ta' nies?

ELEN: Għax ma tistaqsix il-mistoqsijiet li suppost tistaqsi.

SAMWEL: Logħob bil-kliem! Imma għandi dritt jew m'għandix nipprova nifhem?

ELEN: M'hemm xejn x'tifhem.

SAMWEL *(jgħajjeb lill-għasfur ibbalzmat):* M'hemm xejn x'tifhem, Samwel. Għadek ċkejken int, Samwel ruħi. In-Nanna rieqda, Samwel, tistaqsix mistoqsijiet, ruħi; ma tmurx tqajjimha n-Nanna, Samwel ruħi!

ELEN: Tgedwidx waħdek, Samwel. Jekk għandek tgħid xi ħaġa, għidha b'wiċċek minn quddiem.

SAMWEL: Ukoll! Jien! Li għandi ngħid, ngħidu — jien!

ELEN: U fuq kollox ftakar li n-Nanna...

SAMWEL: ...Rieqda! Ma nqajmuhiex! Kollox sew, skużani — skużani,

skużani, skużani — dejjem skużani! Imma għaliex għandi dejjem niskuża ruħi jien? Ta' xiex qed niskuża ruħi, wara kollox?

ELEN: Ma niflaħx aktar, Samwel, qed tifhem? Ma niflaħx.

SAMWEL: U iva, skużani. Hemm aħna, rajtx!

ELEN: Ieqaf!

SAMWEL: U kollox sew! *(Lura mal-loġġa. Xi waqtiet ta' skiet).*

ELEN: Flok toqgħod tħares għax ma tagħmilx xi ħaġa?

SAMWEL: Għaliex tibża' mis-skiet, Elen?

ELEN: Nibża'? Toħroġ b'kull waħda kultant.

SAMWEL: Għaliex? Għadek ma weġibtnix. Imma ma jimpurtax. Tmur ma' l-oħrajn; mistoqsija indiskreta — fuq kollox mhux oriġinali. Turi nuqqas ta' prudenza — immaturità adoloxxenti. Tara — taħsibnix in-Nanna qed nitkellem? Jew is-Sa Petronja forsi! O.K. Għidli. Għidli — x'nista' nagħmel? Fiex nista' naqdik?

ELEN: Xiex? X'tista' tagħmel...?

SAMWEL: Kif x'tista' nagħmel? Ruxxmata G.C.E., tliet *A levels* — biex ma nsemmux il-Matrikola — u tistaqsini x'nista' nagħmel! Ejja, ġib; kapaċi nkebbeb marella suf talanqas ikolli ngħid. *(Jeħdilha kobba mill-basket)* Ma tgħidux aktar m'iniex qiegħed inrodd dejni lejn is-soċjetà li rawwmitni talanqas. Tgħid jekk nistaqsi lis-superjura tal-għaqda tagħkom, tgħid ma jaċċettawnix bħala membru? Ma tgħaddilix kelma tajba lili s-Sa Petronja, xi tgħid? Eh, xi tgħid, Elen?

ELEN: Taqbadx bis-Sa Petronja.

SAMWEL: Hi, imma f'ġieħ l-emanċipazzjoni talanqas! Jekk tridu wkoll bil-velu niġi għall-laqgħat tas-Sa Petronja, ħalli lanqas wiċċi ma tara. Naf kemm tistmani dik.

ELEN: Is-sarkażmu ma jaqbilx ma' l-opri ta' karità, forsi għalhekk, Samwel.

SAMWEL: Forsi. Jew forsi l-opri tal-karità tagħkom ma jaqblux miegħi. Minkejja li jien stess nofsi opra tal-karità tagħkom.

ELEN: Ma kontx se tkebbeb dik il-marella int?

SAMWEL: Qed nipprova. Imma fejn ix-xjafek issibilha tarfha din?

ELEN: U fuq kollox m'intix tismagħni.

SAMWEL: Hekk jew hekk inkun naf minn qabel xi tkun se tgħid.

*IN-NANNA titfaċċa fl-arkata fuq ix-xellug.*

NANNA: Tabilħaqq. Imma talanqas ma tgħidx il-ħmerijiet li tgħid int, Samwel.

SAMWEL *(iqum u jagħmel biex joħroġ kutu kutu; ikellem lill-għasfur ibbalzmat)*: U issa bil-mod il-mod nagħlqu l-gabbjetta...

NANNA: Għedtlek tqajjimni fl-erbgħa, Samwel. Naturalment insejt.

SAMWEL: Naturalment. ...U mbagħad wara npoġġuh taħt l-xkora, fir-rokna, fid-dlam fid-dlam.

ELEN: Diġà l-erbgħa? *(Tħares lejn l-arloġġ tal-polz)* Dan l-arloġġ wieqaf.

*IN-NANNA hija mara kbira fl-età. Għalkemm tidher li hija maħkuma minn xi marda qerrieda li qed tikolha minn ġewwa, darba kienet mara sabiħa u għadha tipprova żżomm il-figura rqajjqa tagħha kemm jista' jkun dritta bla ma ċċedi għall-għeja. Bħal ELEN hija ukoll liebsa libsa skura imma ta' ċerta kwalità, għalkemm minn fuqha wkoll għaddew is-snin.*

NANNA: Ma straħt xejn. Kien hemm storbju wisq hemm barra. Ġib il-banketta, Samwel.

ELEN: Forsi aħjar inġib is-siġġu tar-roti

NANNA: Le! Hekk trid tarani s-Sa Petronja wkoll! Il-banketta, Samwel.

ELEN: U l-imħadda l-oħra.

SAMWEL *(inkin):* Majestà — serf umli! *(Lill-għasfur)* ...U mbagħad meta joħrof forsi jerġa' jgħanni, min jaf. *(Joħroġ)*

NANNA: Reġgħu kissru xi ħġieġ tas-serra, Elen. Min kissirha?

ELEN: Is-soltu. Xi kaċċatur qal Samwel.

NANNA: Għalxejn iħufu 'l hawn illum — mhux b'dar-riħ.

ELEN: Dejjem issib xi wieħed jiġġerra, jittama.

NANNA: Dalgħodu qajmuni kien għadu lanqas sebaħ, dak li naf. Tir f'tir.

ELEN: Isfel, fil-wied imma.

NANNA: Le; qrib sew. Ukoll fil-ġnejna daħlu. Kienu qed jisparaw taħt it-tieqa ta' kamarti — donnu hawnġew m'hawn ħadd! Jaqbdu u jidħlu, rispett lejn ħadd u xejn. Jgħaffġu x-xtieli, ikissru l-ħġieġ, jeqirdu, jeqirdu, jeqirdu. Xi jridu aktar minn hawn!

ELEN: Ara Ma, qabel tiġi s-Sa Petronja, ħsibt x'se ngħidulha?

NANNA: Stenna — mhux issa. *(Tagħmel sinjal lejn mnejn ħareġ SAMWEL)* Wara.

ELEN *(frustrata)*: Nikola jħallihom! Xogħlu li jieħu ħsieb hemm barra. Konna ftehemna. Għedtlu jagħmel il-ħġieġ imkisser fuq iċ-ċint.

SAMWEL *(jidħol bl-imħadda u l-banketta f'idu)*: Aktar ħġieġ?

ELEN: Imissek tgħidlu. U hawnġew iħallih għalija...

NANNA: Qatt ma kien hemm bżonn ħġieġ meta nannuk kien ħaj. Ma kienx hemm bżonn timmarka riservat u mhux riservat. U dak iż-żmien kellna wisq aktar art. Ħadd ma kien jersaq imma. Ħadd. Kien hawn raġel imma fid-dar dak iż-żmien.

*Pawsa. In-NANNA tosserva lil SAMWEL waqt li dan jagħtiha l-imħadda u l-banketta u jgħinha tizzetta ruħha f'postha.*

*Jinstema' d-daqq tal-flawt minn ġewwa d-dar.*

NANNA: Elen, mur ħudlu dak il-flawt. Ma rridx nisma' ħossu kemm iddum hawn dik.

ELEN: Jalla ma ddumx. *(Fuq it-taraġ)* Int mur biddel, Samwel. *(Toħroġ)*

NANNA: X kont qed tagħmel ftit ilu, Samwel? Smajt l-istorbju.

SAMWEL: Xejn. M'għandi aptit nagħmel xejn. Dat-temp imarradni.

NANNA: Skuża dik. Għażż missek għedt. Kollu għażż dan. L-għażż il-mergħa tal-vizzju, kif kien jgħid iz-Ziju Reverendu.

SAMWEL: M'għandu x'jaqsam xejn l-għażż f'dal-każ. *(Ipoġġi ma' l-iskrivanija u jixgħel il-lampa)* Fuq kollox semmili ħaġa waħda li qatt nista' nagħmel hawnġew mingħajr ma taqbad tiggranfa fija Elen.

NANNA: Għandek raġun — għax mingħajr rieda tajba ma tagħmel xejn. Għaliex ma taqbadx ktieb bħalek issa? L-Università dalwaqt...

SAMWEL *(jinterrompi, juri lejn il-kotba)*: Xi wieħed minn dawk, tgħid int?

NANNA: Hemm l-oħrajn fuq ukoll, fil-librerija. Biżżejjed dik il-kollezzjoni li ħallielek iz-ziju.

SAMWEL: Iva, biżżejjed dik, issa. Ara ftit ilu, kieku kont għadni s-Seminarju, kieku le imma.

*Il-ħoss tal-flawt jinstema' jogħla.*

NANNA *(tħares lejn it-taraġ)*: Dak donnu ndannat illum. *(Trid taqta' d-diskors)* Dawk il-kotba hemm qegħdin jekk tridhom. Kemm tgħidli. Fuq kollox meta kont żgħir kont dejjem issibek hemm fuq f'xi rokna tqalleb fihom.

SAMWEL: U dak iż-żmien kontu tgħajtu miegħi u tgħiduli 'Tmisshomx!'

Anki kieku kienet xi Bibbja.

*Il-flawt donnu jogħla f'daqqa bi protesta, imbagħad jieqaf ħesrem. Jinstema' bieb jinstabat.*

NANNA: Ma kontx tista' tifhimhom dak iż-żmien.

SAMWEL: Kien ifehemhomli Nikola kieku kontu tħalluh. L-istampi stajt nieħu gost narahom talanqas.

NANNA: M'għandix dubju. U issa tista' tara l-istampi u tifhimhom ukoll.

SAMWEL: Le — issa naqra bla ma nifhem, Nann, u l-istampi m'għadhomx jogħġbuni. Għalhekk ħriġt mis-Seminarju. Għalhekk ukoll. Fuq kollox, mhux xi ħaġa hekk li trid tisma' int jewwilla? Issodisfajtek? Dnub li Nikola mhux hawn. Kienet tinżillek aktar ħelwa kieku, mhux veru?

NANNA: Ħriġt għax qatt ma missek dħalt. Kien jaf Nikola.

SAMWEL: Li naf jien hu li qatt m'hu se jaħfirhieli issa. Wisq inqas lilek.

NANNA: Nikola mhux Alla.

SAMWEL: Qatt ippruvajt tikkonvinċih? Qatt urejtu li hu sempliċi bniedem?

ELEN *(terga tidħol — nieżla t-tara )*: Xiħadd ħallielu l-bieb miftuħ. Smajtuha ddoqq il-qanpiena tal-kanċell?

NANNA: Hawnhekk ma tismax għajr banalitajiet. X'ħin hu?

ELEN: Żgur Nikola.

SAMWEL: Kważi neqsin kwart.

NANNA: Dalwaqt jaslu mela.

ELEN: Mhux għall-ħamsa għedtu?

NANNA: Lili neqsin kwart qalli. U s-Sa Petronja dejjem puntwali. *(lil SAMWEL)* Mur biddel int. Lestejt kamra għat-tifla, Elen? (*Taf li Elen se tirvella — tkompli minnufih)* ...Għal li jista' jkun biss, Elen!

ELEN: X'kamra?... M'intix se żżomha int hux, Ma! Mhux se tħalliha twikkiha lilna!...

NANNA: Għal li jista' jkun għedt, Elen!

ELEN: Dak Nikola noqtlu sejra!

NANNA: Samwel, kemm se ndum ngħidlek! Mur biddel!

ELEN: Noqtlu!

NANNA: Elen! Mur Samwel!

SAMWEL *(Lill-għasfur)*: X'għedtlek jien! Lura taħt l-ixkora, ħanini. Ċaw ċaw! *(Iqum biex joħroġ)* M'hemmx għalfejn nilbes gala jien, nittama.

NANNA: Itfa' l-libsa l-blu. U m'hemmx *T-shirts*. Il-qmis il-bajda u

ingravata ta' nies.

SAMWEL: Ma taħsibx li xi uniformi tas-Seminarju timpressjonaha aktar lis-Sa Petronja? Ah! *Touchè*!

NANNA: Aqtagħha, Samwel. Irridek iġġib ruħek sewwa la jiġu, qed tifhem?

SAMWEL: Nagħmel mill-aħjar.

NANNA: Mhux bħall-aħħar darba li kienet hawn is-Sa Petronja.

SAMWEL: Jaqaw qaltlek li m'għoġobthiex? Tista' tgħidilha li nirreċiproka l-antipatia. Jien il-faċċoliżmu, l-istupidaġni u l-bigottiżmu jibqgħuli fuq l-istonku.

NANNA: Samwel!

SAMWEL *(jilqagħlha)*: Alt! *(Ibaxxi rasu)* Skużani! *(Idur dritt lejn il-loġġa u jagħmel biex joħroġ)*

NANNA: Fejn sejjer?

SAMWEL: Inbiddel naturalment. Imma naqsam mill-ġnien. Aħjar il-ġungla milli ngħaddi minn dawk il-kuruturi - taħt dawk il-kwadri kollha mmuffati u l-ħars ta' diżapprovazzjoni - bir-rispett kollu lejn il-venerabbli Depawli. *(Joħroġ)*.

ELEN *(bilkemm jilħaq joħroġ):* X'se nagħmlu, Ma? Jeħtieġ tkellmu...

SAMWEL *(dlonk jerġa' jitfaċċa fil-bieb):* Eh, u bilħaqq, ħaqqu prosit Nikola, eh! X'wieħed waħħlilkom did-darba! *(Jiskappa 'l barra jidħaq.)*

NANNA: Samwel! Samwel - ejja l'hawn! Samwel

ELEN: Rajtx! Qed ngħidlek... Trid tieqaflu, Ma!

NANNA: Naf - naf! Imma l-aqwa li ħeles minn dik il-fissazzjoni tas-Seminarju. *(B'vendikazzjoni)* Dak l-aqwa!

ELEN: Mhux Samwel - Nikola! Jeħtieġ tieqaflu, Ma. Lil Nikola!

NANNA: Taf kemm niddependu minnu, Elen. U din ta' Samwel ħadha bl-ikreħ sew. Għalhekk jagħmel li qed jagħmel.

ELEN: Trid tieqaflu, Ma. *(Tmur issib mopp u tinfexx timsaħ fejn kien waqqa' l-ġir SAMWEL)*

NANNA: Kemm ili nipprova, Elen. Imma wara li miet missierek, taf li hu ħa ħsieb kollox. Das-snin kollha, hu ried ikun. Bla wirt, karti u dokumenti mxerrda fost tużżana avukati... Kollox kien jisfaxxa fix-xejn mingħajru.

ELEN: Mhux li sfaxxa! Basta neħilsu minnu. Imma int l-aqwa li xejn ma nbidel u li lilek ħalliek hawn, qisek reġina f'palazz.

NANNA: Fil-fatt, dejjem ħadem qisu seftur.

ELEN: Seftura jien!

NANNA: Elen, ma nerġgħux

ELEN *(tieqaf timsaħ)*: Ħaġa għidli, meta kienet l-aħħar darba li kellimtu?...

NANNA: Meta jeħtieġ inkellmu.

ELEN: Iva, tkellmu - imma biex tgħidlu jagħmel il-ħġieġ imkisser fuq il-ħitan - biex iċċappas xi riservat fuq xi ċint - biex ma jaħraqx ħaxix meta jkun riħ isfel - jew biex ikeċċi l-kaċċaturi u nassaba mill-ġnien - għalhekk tkellmu kieku.

NANNA: M'għandix għalfejn ikellmu - jaf x'għandu jagħmel.

ELEN: ...Imma biex tiggranfalu wiċċu biex ma jibqax jimla' ras Samwel b'vokazzjonijiet, għalhekk malajr issib għalfejn!

NANNA: Meta jeħtieġ, Elen...

ELEN: U fuq Eżra, fuq Eżra tkellmu?

NANNA: Elen! Daqshekk! *(Tagħtiha daqqa ta' ħarta).*

*ELEN tieqaf zopptu. Imbagħad tarmi minn idha l-mopp fil-loġġa u tolqot il-bandla. Għal xi sekondi tibqa' msammra fejn hi, imbagħad timxi bla biki, bla emozjoni lejn il-loġġa u twaqqaf il-bandla li għadha tixxengel.*

NANNA: X'għamillek Nikola issa?

ELEN: X'm'għamilx trid tgħid. *(Tiġbor il-mopp)* Biex tagħqad issa jrid jerġa' jbajjad hemm barra. Bilkemm ilu xahrejn li bajjad! U issa jrid jerġa' jqabbad lil Samwel! Aħjar jara jsewwi dawk ix-xorok l-ewwel. - Għalfejn qed nerġgħu inqajmu kollox, Ma?

NANNA: X'inqajmu imma? M'niex qed tibża', Elen?

ELEN: Minn kollox. Minn Nikola - mill-barranin. Meta daħlu l-barranin hawnġew dejjem beda l-inkwiet. U issa trid inħallu s-Sa Petronja tikkonvinċina neħdulha din it-tifla minn fuq żaqqha u nitwikkew biha aħna!

NANNA: Kieku kont naf qabel li kien Nikola li daħħlilha f'moħħha dik l-idea... Imma issa tard wisq. U wara kollox jeħtieġ imma. Dit-tifla, Frida, tista' tkunilna ta' għajnuna 'l quddiem ukoll.

ELEN: Jien ma qed nitlob l-għajnuna ta' ħadd... Jigifieri inti rrassenjata! 'Qas biss sibt x'tista' tgħidilha s-Sa Petronja la tiġi...!

NANNA: Mela qatt xiħadd seta' jgħid xi ħaġa lis-Sa Petronja!

ELEN: Jiġifieri se tħalliha ġġibha hawn! U tħallihielna hawn!

NANNA: Ifhem ftit, Elen. Għalissa m'hemm xejn x'nistgħu nagħmlu - issa li għaddejna l-karti kollha - u fuq kollox issa li s-Sa Petronja għamlitha fatta. Skond Nikola għandha konvejnu fuq id-dar u xtrat flat Wied il-Għajn. Mhux se jkollha post għat-tifla hemm...

ELEN: Min jaf għal min se jkollha post imma! U lilna wikkitkna biha! U Nikola - Nikola kien jaf! Kien jaf! Tifla qal! Tifla sabiħ!

NANNA: Għalissa imma, Elen! Issa naraw x'nistgħu nirmedjaw. L-ewwel naraw x' ħobż tiekol din Frida.

ELEN: Ħobżna se tiekol! Xi trid tara!

NANNA: Tiġrix Elen, wara kollox ma nafuhiex dit-tifla...

ELEN: Tifla! Ħmistax-il sena mhux tifla!

NANNA: Erbatax.

ELEN: Ħmistax! U kellha ħmistax meta bdejna, Ma - issa għalqet sittax! U Nikola jiġi jurina ritratt tagħha tal-Griżma! Kien jaf x'qed jagħmel, mela ma kienx!

NANNA: Naf - u kieku hemm mod kif tkellem is-Sa Petronja. Imma issa naraw... U fuq kollox, Samwel, wieħed jeħtieġ iqis... *(tieqaf - donnhu għaddielha ħsieb)* ...iqis u jara...

*Pawsa*

ELEN: Samwel xiex?

NANNA *(l-istess għal xi ftit sekondi, imbagħad):* Xejn, issa naraw din Frida. U wara kollox *(Tidher li xi ħaġa, xi xaqq dawl beda jfeġġ. Ton differenti - tadotta l-poża xierqa)* Wara kollox, jeħtieġ nagħmluh das-sagrifiċċju - jixraq nagħmlu dil-karità mas-Sa Petronja. Jien għaddejt minnha - naf x'jiġifieri ssib ruħek armla.

ELEN: Armla bil-flus?

NANNA: Issa li wara dik it-telfa m'għadx tista' tieħu sieb Frida.

ELEN: Jew m'għadx għandha bżonnha.

NANNA: Dik tifla sventurata - iltiema, qatt ma kellha veru omm jew missier. Did-dar imbagħad, did-dar kbira wisq. Kbira wisq. Niftakar l-ewwel darba li Ruben ġabni hawn - dal-palazz enormi dawk is-swali kollha, kuruturi bla tmiem, bibien enormi. Kemm kont inħossni ċkejkna ħdejhom - mitlufa. Waħdi. Talanqas però kien hemm il-ġnien. Biż-żmien drajt imma - ma tajtx każ aktar. Speċjalment meta sa fl-aħħar ġew it-tfal.

ELEN: Meta ħġieġ Philip, trid tgħid.

NANNA: Meta ġejtu intom! Ma damitx imma ma reġgħet waqgħet is-sikta hawnġew. Imma l-agħar is-sikta ta' hemm barra. Dik jeħtieġ li ma terġa' qatt.

ELEN: Akkost li ndaħħlu dil-barranija, dit-tifla, hawnġew? Wara das-snien kollha! Għalhekk mela, Ma?

NANNA: Forsi. U forsi għax ma baqagħlix wisq snin jien. Safrattant imma, jeħtieġ nagħmluh das-sagrifiċċju. Fil-kobor ta' din id-dar insibu post għal Frida ukoll. B'ħalma sibna għal Samwel. Frida, wara kollox, tikber ftit tkun tista' tagħtik daqqa t'id ukoll.

ELEN: Għedtlek - m'għandi bżonn ħadd jien. Basta Nikola ma jindaħalx hawnġew.

NANNA: U issa li Samwel reġa' magħna, tara kif l-affarijiet jinbidlu.

ELEN: Issa tara. Tistenniex għajnuna mingħand dak lanqas. Dak iben missieru!

NANNA: Missieru kien ġifa! Iben ta' ftit xhur f'dirgħajn martu, u ħarab - ħarab u bellaħ lil Sylvie bil-għali. Il-mewt tagħha fuq il-kuxjenza tiegħu ukoll. Kollox ħtija tiegħu kulma ġara. Kollox.

ELEN: Kollox?

NANNA: Kollox! Imma talanqas baqa' Samwel.

ELEN: Talanqas ħallielek l-iben li hu qatt ma seta' jkunlek. Imma li kien għal Nikola lanqas dak ma kien jibqalek. Ftakar!

NANNA: Kien joħroġna nies kieku ħallejnieh imur. *(Tieqaf)* Jien nafu lil Samwel, Elen. Nafu wisq aktar milli qatt seta' jkun jafu Nikola. Dak ma kienx maħluq għall-kullar. Ebda kullar.

ELEN *(tpoġġi fuq il-bandla u tfarfar l-im aded fuqha):* Lanqas tiegħek.

NANNA: Dan tiegħu taqlib taż-żgħożija biss - xejn aktar.

ELEN: Imma kemm iddum diż-żgħożija? Kif hemm min ħajtu dejjem żgħożija u oħrajn - oħrajn jitwieldu xjuħ?

NANNA: Int qatt ma nsejtha lil Sylvie, Elen, hux veru?

ELEN: Qatt. Kienet dak kollu li jien qatt ma stajt inkun.

NANNA: Kienet ir-rebbiegħa niftakar, l-ewwel darba li missier Samwel ġabha hawn. Bilkemm xahar wara l-mewt ta' Ruben. Kont għadni bilkemm lestejt ilbies tal-vistu. Missier Samwel m'għamilx għajr joħroġ għall-kaċċa. Qatt qabel ma ried joħroġ. Imma dik id-darba kien għamel

ġimgħa barra mid-dar - joħoġ qabel is-sebħ u jidħol tard bil-lejl. Waħda mill-burdati tiegħu.

ELEN: U dak l-istaġun il-kaċċa kienet qatt ma dehret bħalha niftakarhom jgħidu.

NANNA: Kieku kien għadu ħaj Ruben, kemm kien jixxala dik is-sena - dawk it-tjur kollha. Għal kaċċa biss kien jgħix missierek. Imma ibni... ibni kien joħroġ u jidħol, u l-barżakka dejjem battala.

*Xi ftit noti tal-flawt jinstemgħu ġejjin minn fuq, imma 'l bogħod.*

NANNA: Sakemm jum wieħed.

ELEN: Kien Għid il-Ħamsin.

NANNA: Ġie lura - il-barżakka dejjem battala.

ELEN: Imma ġablek lil Sylvie.

NANNA: Silvie. U kienet sabiħa Silvie. Kien iltaqa' magħha f'artijiet fit-tramuntana tal-gżira. Kienet sabiħa tassew.

ELEN: Ħalliha li Nikola ried jgħid li kienet forsi ftit bjonda iż-żejjed biex tkun vera Depawli.

NANNA: Kienet ċajta! Kien iħobb jiċċajta, dak iż-żmien; kien differenti. Kienet sabiħa; xagħarha twil, bjond, għajnejn żoroq. U fuq kollox niesha kienu tat-tajjeb u kellhom raba tal-bali mill-aqwa. U f'inqas minn sitt xhur iżżewwiġha.

ELEN: U f'inqas minn sena Philip għeb minn wiċċ id-dinja.

NANNA: Dak l-isem ma rridx nisimgħu hawnġew! Hu fejn hu - dak mhux ibni!

*Taħt l-arkata tfaċċa EŻRA. Huwa raġel qsajjar, ftit matnazz, b'mixja aktarx goffa. Imma l-aktar li jolqtok hu li għalkemm forsi m'għandux għajr xi erbgħin/ħamsin sena, wiċċu huwa ta' xiħ, il-ġilda qisha parċmina mkemmxa.*

ELEN: Eżra, xi trid?

*Pawsa qasira. Imbagħad bla kliem xejn jagħmel dritt lejn l-iskrivanija u jitfi d-dawl tal-lampa. Idur u jersaq lejn il-loġġa u, waqt li bil-pala t'id waħda jipprova jgħatti għajnejh mid-dawl, bl-oħra jġerri l-purtieri kollha matulha.*

NANNA: X'inżilt tagħmel, Eżra?

EŻRA *(bla ma jħares lejn ħadd - iġebbed ma' djul il-purtieri donnu jrid jiżgura ruħu li ebda xaqq dawl ma jidħol)* Smajt xiħadd isejjaħli.

ELEN: Le. Ħadd, Eżra. Kont tiela.

EŻRA: Dehrli smajt 'il xiħadd *(Iressaq wiċċu qrib mal-purtiera, donnu jrid jara minn ġo fiha)* Intom ma rajtuhomx?

ELEN: Lil min?

EŻRA: Lil Nikola. Mal-barranija.

NANNA *(b'ħarsa lejn ELEN):* Aħjar titla' fuq, Eżra. Taf li dad-dawl ħażin għal għajnejk. Aktar tard inżel

ELEN *(fuq kliemha - tieħdu bis-serjetà)*: X'barranija?

*Hekk kif ELEN tersaq lejh, EŻRA jdur bla ma jħares lejha. Jersaq lejn il-plateà. Kliemu huwa kalm - mhux miġnun u lanqas stramb, imma kompletament konvinċenti u sinċier.*

EŻRA: Nikola u l-barranija diġà qegħdin hawn. Rajthom jaqsmu mill-ġnien; smajt il-passi tagħhom jgħaffġu l-ħġieġ imkisser u għollieq fis-serra. U ħassejt il-barranija tirfes il-għatba. U bibien imsakkra nfetħu. Jeħtieġ inġerru l-purtieri. Biex wara nkunu nistgħu nċarrtuhom.

*ELEN tersaq lejn il-loġġa u tħares 'il barra mill-purtieri mbexxqin. Tittawwal għal xi waqtiet, imma malajr iddur lura u, moħħha mistrieħ, ixxengel rasha lejn in-NANNA.*

NANNA: Ma missekx inżilt, Eżra. Kellek tibqa' fuq tistrieħ.

EŻRA *(jinjoraha - lil ELEN)*: Jiena rajthom dalgħodu kmieni - iwittu l-art - ixerrdu velenu u pitrolju - jaħarqu l-ħamrija. Biex wara jifirxu x-xbiek u l-mansab. *(Jiżbel f'daqqa)* X'tistenna meta l-art tlaqniha! *(Jerga' lura lejn it-taraġ)* Jekk tagħmel ix-xita rrid noħroġ niġbor il-bebbux, Elen. Nikola qalli wara t-tèżgur tagħmel. Irrid noħroġ .

ELEN: Itla' - issa nġibulek jien it-tè. Kont se ntellagħhulek. U pprova strieħ.

EŻRA *(jitla' t-taraġ)*: Ħsibt li lest; sejjaħtuli.

ELEN: Issa tiela .

EŻRA: Wara mbagħad noħorġu għall-bebbux imma. *(Jerġa' jiżbel)* Ukoll l-ilma tal-ġibjun ivvelenaw! Ukoll l-ilma! *(Joħroġ).*

NANNA: Kien ikun aħjar sakkartlu.

ELEN: Bżajt li jagħmel xenata jekk isib il-bieb imsakkar meta tkun hawn dik. Ħallejt it-twieqi tal-gallarija miftuħa beraħ apposta; għedt ma jtieħx li joħroġ jekk jara għadu d-dawl fil-kurutur.

NANNA: Dalam kmieni llum. Mhux ta' min nirriskjaw; sakkar il-bieb meta ttellagħlu t-tè.

*ELEN tiġbor il-labar u s-suf u tqegħedhom f'kexxun, tirranġa xi ftit il-kamra, xi siġġu, inkwatru, eċċ., u toħroġ .*

*In-NANNA taqbad ktieb li ġabet magħha - il-Bibbja - u tiftħu. Tilbes nuċċali biex forsi tipprova taqra xi ħaġa imma ma tista' tara xejn u taqta' qalbha. Jinstemgħa xiħadd jipprova jidħol mill-bieb imsakkar tal-loġġa, li mhux lakemm jinfetaħ.*

NANNA: Nikola?

*Il-bieb jintefa' ġewwa bis-saħħa u jinfetaħ, imma donnu bilkemm qed iżomm wieqaf. Jidħol SAMWEL - xagħru mimxut pulit u liebes imdandan kif riedet in-NANNA.*

SAMWEL: Ma rajtux. Imma naħseb f'kamartu qiegħed. Rajtlu d-dawl fit-tieqa. Probabbli tela' mill-garigor. Gdiedem sa l-art u misteri waħdu sar dak.

NANNA: X misteri?

SAMWEL *(jgħolli spallejh):* Intom tafu. *(Isaffar u jippettna xagħru)* X'jidhirlek, Nann? Gala l-lejla mela, eh? B'risq is-Sa Petronja!

NANNA: Għedtlek, Samwel - naqtgħu l-paroli!

SAMWEL: X għedt issa!

NANNA: U dak it-tisfir ukoll.

SAMWEL: Eh - jaqaw kien hawn Eżra?

NANNA: X'ħin hu?

SAMWEL: Għaliex baqa' hekk iz-ziju, Nann?

NANNA: Hekk kif?

SAMWEL: Uuh - hekk!

NANNA: Hekk kellu jkun. *(Iebsa)* Alla ried hekk.

SAMWEL *(aktarx waħdu)*: U int qatt ma ħfirtlu.

NANNA: Għajnejh - sejjrin għall-agħar. Ma sar jissaporti ebda dawl

SAMWEL: Iva, dak naf. Imma għaliex hekk? Sena biss akbar minn missieri kien - u safrattant dejjem niftakru xiħ!

NANNA: Għalfejn tistaqsi mela? Dik il-marda tiegħu. U m'hemmx fejqan. Pjuttost...

SAMWEL: Imma l-marda ma tispjegax kollox. Għaliex dejjem imsakkar hemm fuq? Tih jibbalzma t- tjur u jiġbor il-bebbux u ttih xejn aktar. Jien qas biss nissaporti nidħollu mill-bieb 'il ġewwa - anki 'kk stess iħallini.

U hu qisu m'hux hu - imsakkar dejjem hemm, qalb dawk l-annimali - mmuffati aktar milli bbalzmati. U t-twieqi magħluqin u hu jgħix hemm ġew magħhom. Jgħix - jimmoffa jmissni ngħid! Imbagħad ngħidu Alla ried hekk!

NANNA: Samwel, jekk ħiereġ bl-ereżijiet, aħjar ma tgħid xejn.

SAMWEL: Ereżijiet jien? Eżra tajjeb għal dawk. Reġa' ivvintaha Bibbja!

NANNA: Għax int tippretendi tifhem kollox issa.

SAMWEL: Le, dik żgur le - però ħaġa naf; jien il-kruha nobgħodha - tkun fuq min tkun.

NANNA: Naqtgħuha ara dwar Eżra. Ħalli 'l Elen tieħu ħsiebu. Issa talanqas la tiġi dit-tifla tas-Sa Petronja, Frida, issa jkollok ma min tilgħab.

SAMWEL: Nilgħab!

NANNA: Insomma, jkollok ma' min tehda!

SAMWEL: Nilgħab! Jalla Elen taqbad magħha u mhux miegħi! Imma nsejt - dik diġa wikkejtuha b'Eżra.

NANNA: Elen tieħu ħsibna lkoll

SAMWEL: Imma speċjalment b'Eżra. Hawnġew. Barra ħaġ'oħra imma, hux? Nikola jieħu ħsieb barra, Elen ġewwa. Ta' barra barra, ta' ġewwa ġewwa.

NANNA: Kulħadd jagħmel sehmu. Barra int. Lilek 'tik tħarbex u tilgħab biss.

SAMWEL: Jien ma nilgħabx.

NANNA: Tħarbex u taħli l-ħin iva, imma.

*Minn ġewwa jinstemgħu tokki ta' l-arloġġ.*

NANNA: Kif għadhom ma ġewx? Newwilli l-ktieb; naqra xi ħaġa. Anzi, ħa, żomm int. Aqrali ftit sa ma nistennew. Niskanta kif għadhom mhux hawn.

SAMWEL: Darba f'għomorha mhux se tkun puntwali s-Sa Petronja. Bilfors tajjritha xi karozza. Jew forsi mietet. *(Togħġbu l-idea)* Iva, hemm ċans li mietet, ma taħsibx. Ix-xejn xejn.

NANNA: Aqra, Samwel.

SAMWEL: ...Jew ħasbuha xi gamiema u sparawlha. U telgħet dritt il-ġenna - bir-ruħ u l-ġisem naturalemnt, għax mur ara kieku kellhom jibbalzmawha!

NANNA: Samwel.

SAMWEL: OK, Ok. Hawn naqra fejn hawn is-santa?

NANNA: Aqra fejn trid.

SAMWEL: Dalam wisq. *(Jilbes in-nuċċali - jaqra)* Hażin għalikom, Skribi u Fariżej, ipokriti, għax intom bħall-oqbra mbajda, li minn barra tidhru sbieħ...

NANNA: X'int taqra?

SAMWEL: Mattew 23.

NANNA: Mhux hemm kont.

SAMWEL: Jekk trid nieqaf. Lili jogħġobni.

NANNA: Kompli.

SAMWEL: Oqbra mbajda, li minn barra jidhru sbieħ lill-bnedmin, imma minn ġewwa mimlija bil-għadam tal-mejtin u b'kull żmie. *(Aktar ma jmur, aktar jidħol fl-ispirtu)* Hekk intom minn barra tidhru ġusti man-nies, imma minn ġewwa intom mimlija ipokrisija u bil-ħażen. *(Aħrax, jakkuża lejn il-kwadri fil-kurtur)* Ħażin għalikom, Skribi u Fariżej - ipokriti! - li tibnu l-oqbra tal-profeti u ssebbħu l-monumenti tal-ġusti u tgħidu...

NANNA: Ieqaf, Samwel.

SAMWEL: - Ipokriti lkoll! ...Intom li tgħidu, kieku konna fiż-żmenijiet ta' missirijietna ma konniex inkunu magħhom fit-tixrid tad-demm.

NANNA: Biżżejjed. *(SAMWEL jieqaf.)* Sewwa għedt, dalam wisq. Fejn baqgħu dawk? Ara, oħroġ sal-kanċell ara tarahomx tilgħin.

SAMWEL: Ma se nara xejn f'dad-dawl. Imma aħjar ftit arja friska minn din l-għomma. *(Joħroġ mil-loġġa).*

*IN-NANNA tieħu l-Bibbja f'idejha, tqalleb il-folji bla ħajra. Minn fuq jinstemgħu xi noti tal-flawt.*

NANNA *(taqra bi tbatija):* Kieku konna fiż-żminijiet ta' missirijietna ma konniex inkunu magħhom fit-tixrid tad-demm tal-profeti. *(Tagħlaq il-ktieb. Għajnejha jħarsu fil-vojt quddiemha, tkompli)* U intom timlew il-qies ta' missirijietkom.

*Sikta perfetta. Pawsa għal ftit sekondi.*

*SAMWEL jidher jitlajja barra l-bieb tal-loġġa. Jagħmel biex jidħol iżda jdur hekk kif jibda jinstema' joqrob sew il-ħoss ta' karozza riesqa mħarrka. SAMWEL jidħol fuq l-għatba, iżda jerġa' jdur, donnha qalbu teħbru li se jiġri xi ħaġa.*

SAMWEL: Nann...!

*Issa l-karozza tinsab qrib sew. Jinstema' ħoss ta' ħabta - il-karozza ttajjar il-kanċell. Id-dwal tal-fanali tal-karozza jgħaddu jserrpu mill-loġġa għal ġol-kamra. Jinstemgħu ħsejjes ta' brejkijiet u fl-aħħar ħoss itarrax ta' karozza taħbat. Il-ħoss ta' ħġieġ jinkiser u jitkisser. Id-dwal tal-fanali jibqgħu mixgħulin dritt minn ġol-loġġa għal ġod-dar. It-tinwiħ tal-ħorn imwaħħal jidwi u jidwi hekk kif trab u duħħan jibda dieħel mill-bieb imdawwal tal-loġġa.*

SAMWEL: Nann! Ġieżuġiż, rajtha!? Għamlitu terrapin!

NANNA: X'ġara Marija Santa, Samwel! Ġesu Marija!

SAMWEL: Dik il-karozza - kaxxkret nofs il-kanċell magħha!

NANNA: X'karozza! Fil-ġnien?

SAMWEL: Ford Cortina!

NANNA: Xiex!? Tmurx, Samwel! Samwel!

*Imma SAMWEL joħroġ jiġri fil-ġnien. In-NANNA ddur ma tafx x'taqbad tagħmel jew fejn sejra. Toħroġ mill-bieb tax-xellug issejjaħ - Elen!*

*ELEN titfaċċa dlonk f'ras it-taraġ u tinżel tiġri; tħares 'il barra lejn il-loġġa, iżda tħaffef toħroġ mnejn ħarġet ommha: Ma, x'ġara? Ma!*

*Pawsa qasira - imbagħad jitfaċċa fil-bieb tal-loġġa dell ta' figura sewda u stramba, aktarx goffa, duħħan tiela madwarha, siluwettata mid-dwal tal-fanali li jitfa' u jifrixlha dellha twil għal ġol-kamra.*

*Tidħol is-SA PETRONJA. Hija mara ta' xi ħamsin sena, ippersunata sew - tridha ta' armla ta' l-affari tagħha. Liebsa bil-vistu, xagħarha - il-ftit li baqagħlha - huwa miġbud lura u f'toppu lixx lixx - infatti tilfet ukoll il-parrokka mal-ħabta tal-karozza. Wiċċha tond qisu dulliegħa - ebda 'make-up' għajr lipstik aħmar demm jgħajjat. L-arja ta' armla ta' l-affari tagħha titlef ħafna minħabba n-nuċċali oħxon tas-sewqan li hija liebsa. F'idejha għandha wkoll par ingwanti goffi tas-sewqan. Tabilħaqq kollox f'suritha- persuntha, ħwejjiġha, kliemha u imġibitha - jagħtuha dik id-dehra stramba, goffa u grotteska.*

SA PETRONJA *(tkellem lil SAMWEL dieħel warajha ssummat - imma billi hu għadu ma jidhirx, kliemha ma tafx lil min hu ndirizzat. Fuq kollox qed tissara man-nuċċali tas-sewqan li ma tistax taqilg u u t-tferfir ta' idejha jagħtuha dehra isterika)* Periklu pubbliku! Periklu pubbliku, *number one*! Għax ma teħdux ħsiebu dak il-kanċell! Kif dejjem mitluq imsewwes mal-ħajt u llum ifettlilkom issakkruh! *(Lil SAMWEL dieħel*

*warajha għadu ċċassat)* Għini ftit inti, qisek mitruħ! *(SAMWEL jgħinha tneħħi l-ingwanti, imbagħad in-nuċċali)* Periklu *number one*! Tħallu dik il-liedna ma kullimkien - nieżla bl-addoċċ mal-ħitan kullimkien, imbagħad iddur kantuniera u ssib dak il-kanċell ma' wiċċek! Periklu liema bħalu! Seta' kien hemm inċident papali! Imnalla ma kontx qed insuq wisq.

SAMWEL: Ma kontx għaddejja bl-erbgħin tgħid, Sa Petronja?

SA PETRONJA: Ħamsin! *(Jirnexxilha tneħħi n-nuċċali)* Imnalla għandek tgħid!

SAMWEL: Imnalla - xejn xejn ħallejtilna nofs is-serra hemm.

*Is-SA PETRONJA tatih ħarsa suspettuża u tpoġġi fuq l-ewwel siġġu li ssib. Tqum malajr u tneħħi xi labar tas-suf li ħalliet hemm ELEN. Terġa' tpoġġi b'aktar galbu - tipprova tiġbor ftit dinjità.*

SA PETRONJA: Fejn hi s-Sinjura? Għada ma tafx li ġejt?

SAMWEL: Naħseb semgħuk.

SA PETRONJA: Dak id-dawl! Żgur se taqagħli l-battri! Ara tistax titfih, Samwel! Ħaffef!

SAMWEL: Iva, arani sejjer Dik - dik il-karozza tiegħek?

SA PETRONJA: Iva, għaliex?

SAMWEL: Le, xejn - hekk staqsejt. Ford Cortina, hux?

SA PETRONJA: Ġdida fjamanta! G.T.

SAMWEL: Eh?

SA PETRONJA *(kburija)*: GT - *gran turissmo*!

SAMWEL: Eh, GT. Iva, naf.

SA PETRONJA: Hawn, ħa ċ-ċwievet! Mur ara titfix dawk il-*fog lights*!

*SAMWEL jieħu ċ-ċwievet u joħroġ mill-loġġa. Malli ssib ruħha waħedha s-SA PETRONJA tmur lejn l-arkata u ssejjaħ - Sinjura Depawli! Imbagħad - timxi bi tbatija għax it-tkaken għoljin iweġġgħulha saqajha - terġa' tmur lura fejn kienet bilqiegħda. Tpoġġi bilqiegħda wara li tiżgura ruħha li m'hemmx labar tas-suf. Tinża' ż-żarbun, tistrieħ u titbaxxa togħrok subgħajha. Kif tkun milwija hekk, tilmaħ il-ktieb li n-NANNA kienet telqet minn ħoġorha. Tinduna li hija l-Bibbja. Tfarfarha bil-galbu u zzekzek u titkaża, tmur tqegħedha lura fuq il-mejda. Hija u ġejja lura biex tpoġġi, tgħaddi subgħajha minn fuq xi għamara tfittex it-trab. Kultant issib xi ftit u zzekzek aktar.*

*Jinfeta' ħesrem il-bieb fuq ix-xellug u jidħlu mgħaġġlin ELEN u n-NANNA, mifxulin u għadhom ma jafux x'ġara. Jieqfu zopptu hekk kif jilmħu s-SA PETRONJA.*

SA PETRONJA *(bilkemm għadha poġġiet li ma jkollhiex terġa' tqum)*: Sinjura Depawli! (*Tinduna li ħafja, terġa' tpoġġi bies iddeffes iż-żarbun lura f'saqajha)* Sinjura Depawli! *(Tqum u tersaq fuqhom izzappap għax ma lebsitx iż-żarbun sew)* Elen, ruħi! *(Tgħannaqhom).*

NANNA *(tipprova ssib il-kliem)*: Sinjura Petronja! Kif int?

ELEN: X'ġara imma, Sa Petronja?

SA PETRONJA: Uhh, u hekk, u hekk, ruħi! Niżżu ħajr 'l Alla! U intom, ruħi?

NANNA: Ma ġralek xejn, hux? Dik il-karozza?

SA PETRONJA: Iva, tiegħi! Daqsxejn ta' inċident - le, ruħi, ma ġrali xejn imma. *(Lil ELEN - kburija)* Ford Cortina G.T. *(Tiftakar– lin-NANNA)* Imma dak il-kanċell, Sinjura Depawli! Dak il-kanċell! Araw x'tagħmlu ta! Dik il-kantuniera perikoluża wisq. Ma jmisskomx tħalluh magħluq dak il-kanċell! Tridu taraw x'tagħmlu! Miraklu ma bqajtx tal-kolp.

ELEN: Trridni nġiblek xi ħaġa għall-qatgħa?

SA PETRONJA: San Kristofru daħal għalija, għandek tgħid! *(Lil ELEN)* Le ruħi, mhux għalissa. *(Lin-NANNA)*:Naturalment kont liebsa s-*seat belts, of course*! Allura! Kulħadd tajjeb niżżu ħajr 'l Alla? Għadni kemm rajt lil Samwel. Uuuuh kemm kiber jaħasra! Sar fih ġuvni ġmielu. L-istess bħal missieru. Fula maqsuma!

*Id-dawl tal-fanali tal-karozza jintfew f'daqqa. Għal xi sekondi taqa' sikta assoluta*

SA PETRONJA *(ittenni )*: Fula maqsuma!

NANNA: Fejn hi t-tifla?... Frida? Ma ġietx miegħek?

SA PETRONJA: Hi mela! Hawn qiegħda. Ħallejtha fis-salott ma' Nikola.

NANNA *(jinbet suspett)*: Ma' Nikola?

ELEN: Fis-salott m'hemm ħadd.

NANNA: Minn hemm għadna ġejjin.

SA PETRONJA *(tħares minn waħda għall-oħra)*: Imma hemm ħallejtha nofs siegħa ilu!

NANNA: Nofs siegħa ilu!

ELEN: Int mhux issa għadek kemm wasalt - fil-ħamsa?

SA PETRONJA: Issa? Fl-erbgħa u nofs - puntwali! Puntwalissima!

NANNA: Imma Nikola qal li fil-ħamsa kellek...

SA PETRONJA: X'qal Nikola jien ma nafx - imma jien ġejt fil-ħin! Infatti Nikola ġie jilqagħni fil-bieb. Imma bilkemm dħalna fis-salott li ma talabnix il-karti ta' l-adottazzjoni! Għalxejn għedtlu li l-karti kont tajthomlu diġà! Bilkemm ma riedx jitfagħna 'l barra. Jien - b'rispett lejk ta, Sinjura - jien bil-qalb it-tajba mort lura d-dar nara nsibhomx. Imma le ta, le ta!, jien naf li tajthomlu s-Sibt li għadda! Imma dak Nikola ma nafx *(Tagħmel sinjal b'subgħajha ma' moħħha - għandu skorfina nieqsa?)* Dak Nikola... - insomma! U tort tiegħu ta - tort tiegħu dik il-ħabta! Hu qalli meta niġi lura biex nipparkja hemm wara. Tort tiegħu!

ELEN: Issa nġiblek grokk, Sa Petronja.

NANNA: Imma fejn huma issa?

SA PETRONIA: Jien jiddispjaċini għal dik is-serra. Niftakarha fi żmien żewġek, Alla jaħfirlu... Issa naturalment m'hemmx wisq xi tkisser, nammetuha...

ELEN: Ħa mmur nerġa' nittawwal fis-salott. Żgur ma teħux xi ħaġa?

SA PETRONJA: Insomma, forsi ftit whisky. *(Hi u ħierġa ELEN) Neat! (ELEN tieqaf)* Il-whisky - *neat!*

ELEN: *Neat. (Toħroġ).*

SAMWEL *(jidħol mill-loġġa, jimsa idejh fix-xagħar ta' parrokka kulur bjond imdennes)* Dak il-*bumper* Alla m'għamlu, Sa Petronja. *(Innewwlilha ċ-ċwievet tal-karozza).*

SA PETRONJA: Grazzi, Samwel ruħi. Imn'Alla hemm l-inxurans... *(Tintebaħ x'għandu f'idejh u taħtaflu l-parrokka)* Hemm x'il-mniegħel qed tagħmilli bil-parrokka!

SAMWEL: Parrokka Ħsibtha gozz qannep! Sibtha fis-*seat* tal-karozza.

SA PETRONJA: X'qannep qannep! Swietli għoxrin lira dik! U int timsaħ iż-żejt fiha!

SAMWEL: Imma veru ta, Nann! Ma kontx naf!

NANNA: Skużah, Sa Petronja, naħseb veru ma...

SA PETRONJA: Uuu, ma jimpurtax! Naf li jmissni nistennieha jien wara kollox. Imsejkna armla - lanqas tipprova tikkura ruħha xi ftit ma tista' - u ma tħallix id-dwejjaq jagħmlu biha!... Uuh, x'tistenna min-nies wara kollox? *(Tirranġa l-parrokka sewwa, iż-żarbun ukoll jidher li qed jiġiha sewwa. Tqum wieqfa dritta, tieħu l-ingwanti u n-nuċċali tas-sewqan*

*f'idejha - issa fiha figura aktarx prepotenti, grotteska dejjem, imma minaċċuża wkoll)* Kelma! Kelma li hi kelma rrid nisma'! Dak kollox. U nurihom jien min jien. Ħadd qatt m'għamilli l-bżar fuq imnieħri jien - 'qas meta kien ħaj Bertu. L-inkwiet li rajt ma' wiċċi jien nafu - imma ħadd qatt m'azzarda jgħid kelma li hi kelma fuqi. Lili Sinjura Depawli - lili ħadd ma nħalli jgħid xejn fuqi, jien. Ħadd!

NANNA: Poġġi ftit imma, Sa Petronja. Wara ħabta bħal dik

SA PETRONJA: Le, m'għandi xejn - m'għandi xejn. *(Tibda tikkalma xi ftit)* Wara kollox mhux tort tagħkom. Jiena u int fl-istess ilma wara kollox. Taf daqsi x'inhu lsien in-nies. *(Tpoġġi)* Li kieku ma kienx għalikom wara kollox, li se tagħmlu din l-opra ta' karità ma' Frida... u miegħi ukoll, nammetti, miegħi ukoll. U niżżu ħajr l'Alla għas-Sur Nikola wkoll, wara kollox...

NANNA *(iebsa)*: Is-Sur Nikola wkoll?

SA PETRONJA: Hi mela. Eh, hu ried ikun. Sibt Anġlu Kustodju fih jien dak... bħalma sibtu int wara kollox, Sinjura Depawli. *(Forsi ħjiel ta' malizzja)* Eh, dak Nikola x'fih! Eh, hu ried ikun imma għalija insomma. Hu stinka u ħadem miskin sakemm ġibna kollox b'wiċċ il-ġid. Ġab karti, ċertifikati, prokura... ma ngħidlekx kemm ġera. Raġel tar-ruħ dak, minkejja kollox.

NANNA: Minkejja kollox.

SA PETRONJA: Issa kemm ilu magħkom dak, aqtagħli kurżità?

NANNA *(xotta)*: Ilu.

SA PETRONJA: Minn qabel miet l-imsejken żewġek, hux hekk, Alla jagħtih il- enna?

NANNA: Hekk hu

SA PETRONJA: Kemm kienu bieb tal-qalb!

NANNA: Kien sekond kuġin infatti.

SA PETRONJA: Eh iva? Tal-familja mela! Hi kif lanqas qatt m'għaddieli minn moħħi! Imma minn dejjem kienu ħbieb.

NANNA: Ħbieb kbar.

*Minn ġewwa jibdew jinstemgħu jogħlew xi ftit l-ilħna ta' ELEN u NIKOLA jargumentaw.*

SA PETRONJA: U saru bieb akbar wara - irrid ngħid, wara li żżewweġ lilek. Rużar, Alla jaħirlu rrid ngħid! Mhux, Nikola!

NANNA *(l-ilħna barra qed jinkwetawha)*: Samwel dieħel l-Università dis-sena - ma naħsibx li qallek is-Sur Nikola.

SA PETRONJA: L'Università! *(Iddur fuq SAMWEL)* U s-Seminarju? Jien kont mingħalija li int kont.

NANNA: Kien. Skużani ftit. Għidilha int, Samwel

SAMWEL: Kont. M'għadnix.

*In-NANNA taħsel se toħroġ mill-bieb tax-xellug, iżda tilħaq tidħol ELEN. Ġabet gabarrè u xi tazez bil-whisky, iżda moħħha f'xi ħaġa oħra li qed tinkwetaha u tibqa' ma toffrilhiex lis-SA PETRONJA.*

ELEN: Ġej Nikola...

SA PETRONJA *(tqum biex tieħu l-whisky)*: U Frida miegħu ukoll, le?

ELEN *(bilkemm taraha - tmur dritt fuq ommha)*: Iva  Frida wkoll, Ma... Imma m'hix Frida

*Jitfaċċa fil-bieb NIKOLA. SAMWEL iqum bilwieqfa jħares lejn il-bieb miftuħ - lejn xiħadd wara NIKOLA.*

NIKOLA: Bonasera. Skużawni ddawwart, imma... *(ħjiel ta' tbissima)* ...it-tifla marret taħsel ftit idejha.

NANNA: Is-Sa Petronja qaltilna li ilha hawn mill-erbgħa u nofs. Mhux fil-ħamsa għedt kellha tiġi?

NIKOLA: Daqsxejn ta' malintiż, naħseb.*(Lis-SA PETRONJA, li dejjem iddur għall-whisky wara ELEN,  hekk kif din timxi matul il-kamra nkwetata)* Smajt ħoss ftit ilu. X'kien?

SA PETRONJA: Iva, jien! Il-karozza tiegħi! *(Tiftakar)* Imma dak il-kanċell, Sur Nikola! Min fettillu jsakkru - ilu tant żmien miftuħ u mitluq imsaddad mal-ħajt!

NANNA: Fejha t-tifla, Nikola?

NIKOLA *(idur lejn il-bieb warajh. Jixgħel id-dawl tal-linfa f'nofs il-kamra)*: Hawn hi, ġejja.

SA PETRONJA: Miraklu ma bqajtx tal-post! *(Tinduna li m'humiex moħħhom fiha)* Imma fejn baqgħet dik?

NANNA *(leħinha ma jixhidx l-irtubija ta' kliemha)*: Għandi nifhem li għandek xi sorpriża żgħira oħra għalina, Nikola?

SA PETRONJA: X sorpriża? *(Leħqet ma ELEN)* Mument wieħed! *(Tieħu bikkerin whisky)* Grazzi!

NIKOLA: Idħol - idħol.

*Titfaċċa PETRA, imbiddla kif rajnieha fil-bidu ta' l-att. Biss issa li għamlet ukoll il-"make-up", tidher li għandha xi ħames snin aktar. Xagħarha issa jinsab maħlul u mitluq fuq spallejha - taħt is-superfiċjalità tal-"make-up" jidhru maturità u ġmiel li ma kontx tobsorhom fi tfajla ta' l-età tagħha.*

NIKOLA Nintroduċilkom lil Petra.

NANNA: Petra? U Frida?...

SA PETRONJA *(tat ħarsa lejn PETRA, imma ma rathiex - forsi mdorrija ma tarahiex għax qatt ma qesitha ta' xejn. Tniżżel il-bikkerin vojt fuq il-gabarrè u dlonk taħtaf ieħor)* Iva, ta! Nikola forsi ma qalilkomx. Imma għedna forsi xieraq li nsibulha isem ġdid issa li se tibda ħajja ġdida magħkom. Taf int, nutari u avukati, u issa li qegħdin fiż-żifna... ħsibt li l-isem Petra jkun jixraq, le? Taf int, għalija - Petronja - Petra! Ma tarawhx li jaqbel? *(Tixrob il-whisky l-ieħor)* Ersaq, ersaq, Petra... Qisha binti kienet dejjem, jaħasra! *(Tieħu id PETRA u tressaqha 'l quddiem)*.

NANNA: Imma  Dik Frida allura? U dik il-libsa

SA PETRONJA: Pjuttost sempliċi naf. Petra tiegħi dejjem... *(Tieqaf issummata tħares lejn id PETRA; id-dwiefer twal foloz u ħomor jaqtgħulha nifisha. Imbagħad tħares sewwa lejn PETRA. Imdorrija tħares lejha minn fuq 'l isfel, imma issa li libset it-tkaken, issib ruħha tħares dritt f'għajnejha. Hekk kif taraha sewwa s-SA PETRONJA twerżaq waħda, titilqilha idha u taqbeż lura 'l bogħod minnha)* Frida! Ġesu Ħanin! Frida - hemm x'għamilt! Santamarija!

NIKOLA: Ippermettili, Sa Petronja - ħsibt u rajt li kien jixraq tbiddel xi ftit wara l-vjaġġ...

SA PETRONJA: Santamarija! Vjaġġ! Xi vjaġġ, Nikola? Lanqas domna għaxar minuti ġejjin! U xagħarha - dik il-libsa... U dawk! Dawk id-dwiefer!... *(Bilkemm tissogra tersaq qrib biex terġa' teħodlha idha biex tarahom sew)* Dawk - dawk foloz?

NIKOLA: Ma nafx ngħidlek. Ma jidhirlekx imma li l-libsa tixraqilha? Ħallejtha titla' fuq u tirranġa ftit ruħha. Ngħidlek is-sew ma stennejtx dan kollu.

NANNA: Xi stennejt allura, Nikola?

ELEN: Dik libsa ta' Sylvie kienet, Ma!

SA PETRONJA: Sylvie? Aah! Sylvie - omm...? *(Tħares lejn SAMWEL)* Aah! Imma xorta ta! U ma missekx ħallejtha tuża *make-up*, Sur Nikola!

NIKOLA: *Mea-culpa!*

SA PETRONJA: Imma int, Frida, x'fettillek, ja belha! U propju llum imbagħad, meta se jarawk l-ewwel darba! *(Lin-NANNA)* Niżgurak imma, Sinjura, niżgurak li qatt m'għamlitha qabel. Lanqas qatt ma ħallejtha tmiss xejn ma wiċċha. Bilkemm terra, aħseb u ara! U dawk id-dwiefer imbagħad! Lanqas jien ma naf kif nużahom!

NANNA: Ma tgħidlix imma xi stennejt, Nikola? Għalfejn dan kollu? Għaliex issa? Għad baqagħlna żmien aħna, Nikola, għal aktar...*(Teżita - l-preżenza tas-SA PETRONJA li żżommha)* Aktar?...

NIKOLA Għaliex le, Tereża? Sakemm wieħed għad għandu nifs f'ruħu, jeħtieġ, anzi, huwa dmir. Jeħtieġ wieħed ikompli, dejjem aktar!

NANNA: L-għanja taċ-ċinju, forsi.

ELEN: Imma ma jistax ikun, Ma! Dan iż-żejjed issa!

NANNA: Elen!

*ELEN tkun se tkompli, imma tintebaħ bil-ħars mimli ħrara u kurità tas-Sa PETRONJA u trażżan ruħha bi sforz kbir.*

NANNA: Elen, mur ara hux lest it-tè. Mur!

*ELEN sa fl-aħħar tiċċaqlaq u timxi lejn il-bieb, iżda tieqaf hemm u ddur tara x'se jiġri.*

NANNA: Skużana, Sa Petronja. Imma dik il-libsa, taf int, iġġibilna ħafna memorji u tifkiriet - int tifhem.

SA PETRONJA: Hi mela jaħasra! Imma tibżax, il-Bambin ħanin u jaħseb fina lkoll. U min jgħidlek li mhux Hu li bgħatlek lil Frida flok Sylvie? Tara kif issir tħobbha int ukoll daqs li kieku kienet bintek!

ELEN: Ikolli ngħid din Frida aktar ġabilna s-Sur Nikola milli l-Bambin.

SA PETRONJA: Skużani ta, m'iniex nifhem?

ELEN: Ara mela, ħa ngħidlek jien, Sa Petronja. Il-problema hi li jiena - aħna lkoll, mhux hekk, Mama? - aħna konna ħsibna li din Frida tiegħek...

NIKOLA: Petra - Petra tagħna issa.

ELEN *(bi sforz)*: Petra! Din... din Petra tiegħek, ma kenitx għajr tifla! Tifla żgħira! Ir-ritratt li wriena Nikola

NIKOLA: Nammetti, kien ritratt tal-Griżma. Ma stajniex insibu ieħor.

SA PETRONJA *(tħares minn wieħed għall-oħra, Bil-mod qed tibda tifhem xi ħaġa)*: Jiġifieri... Imma skużi ftit, ta. Skużawni, m'iniex nifhem. Kont għedtlu jien lis-Sur Nikola - kont għedtlu! Ħsibt li konna ċċarajnieh dak

il-punt! *(Iddur fuqu)* Kont rajtha int ukoll! Taf li m'għandhiex għajr sbatax-il sena.

ELEN: Sbatax-il sena? Sbatax!

SA PETRONJA: Insomma, forsi tmintax ukoll; taf int, wara kollox dokument tat-twelid *(tbaxxi leħinha)* qatt ma kien instab!

ELEN: Tmintax! Tisma', Mà! Tisma'! Ara ħa ngħidlek mela, Sa Petronja, aħna stennejna tifla ta' disa' snin u issa int iġġibilnaq…

SA PETRONJA *(tfur)*: Disa'? Disa'!... Imma ruħi ma nafx kif kellkom dik l-impressjoni. Ħsibt li Nikola qalilkom kollox.

NANNA: Nikola mhux dejjem jgħid dak li jfisser...

SA PETRONJA: Eh, imma nittama li jfisser dak li jgħid!

NIKOLA: Serraħ moħħok, Sa Petronja.

SA PETRONJA: Nittama!

NIKOLA: Ma se jinbidel xejn. Serraħ moħħok. Issa li għaddejna l-karti kollha u wasalna s'hawn, orbot fuqna; m'aħniex sejrin lura minn kelmtna.

SA PETRONJA: Tmorru lura! X'jiġifieri tmorru lura!... Irrid ngħid, ma jistax ikun Nikola, sieħeb! Mhux issa! Mhux wara li lestejna kollox! U Dun Pawl? Dun Pawl - x'jgħid Dun Pawl? Kien tant kuntent miskin li rranġajna kollox u spiċċa kollox b'wiċċ il-ġid!

NIKOLA: Tabilħaqq - kien ħerqan ħafna biex joħrogha minn darek.

SA PETRONJA *(tħalliha tgħaddi)*: Eh iva, mela. U jaħasra jien ma nistax inżommha aktar - emmnuni ma nistax! Issa li Bertu tiegħi ħallieni *(bikja)* tafu kif sibt ruħi! Jaħasra stinka tant Dun Pawl - stinka tant!

NIKOLA: Saħansitra l-isem bdilnielha.

SA PETRONJA: Mela, jaħasra Petra tiegħi. U tal-Għaqda - is-soċi! - dawk ukoll imsieken...

NIKOLA: U s-Superjura; xi tgħid kieku s-Superjura?

SA PETRONJA: Mela! U l-fiera - il-fiera, Sur Nikola! *(lin-NANNA u ELEN)* Intom ma tafux, ma tantx toħorġu - mhux għax intikom tort, ta! - imma kieku tafu kemm xogħol qed isir għall-bażâr għall-aħħar ta' dax-xahar! Tafu li kull sold li se nagħmlu se nagħtuh lilkom għall-bżonnijiet ta' Petra; tafu hux, Sinjura Depawli?

NANNA *(ħjiel li se ċċedi)*: Nafu, iva, Sa Petronja…

ELEN: Imma aħseb ftit, Mà!... *(Tbaxxi leħinha)* Issa li Samwel rega'

magħna... *(Is-SA PETRONJA iżda ma taħbix il-kurżità tagħha u tersaq qrib biex tisma' aħjar - hekk li ELEN ikollha tkellem lilha)* ...Aħseb ftit, issa. Għax qed ninsew ħaġa, Sa Petronja. Issa saret ftit aktar delikata l-biċċa. Qabel kollox sew, sakemm ħsibna li ma kenitx għajr tifla żgħira din Frida... U fuq kollox, billi Samwel ma kienx se jkun hawn. Qed tifhem? Imma issa…

SA PETRONJA *(ġenwina?)*: Issa xiex?

NIKOLA: Samwel kellu jibqa' s-Seminarju suppost, jiġifieri.

ELEN: Le! *(Tipprova trażżan ruħha)*: Le! - jiġifieri issa se jkollna ġuvni u tfajla hawnġew, taħt l-istess saqaf. Wara kollox, aħna nies ta' l-affari tagħna, Sa Petronja, u ma rridux li nagħtu x'jgħidu lin-nies…

SA PETRONJA: Aaah! Uh, u n-nies - in-nies! Puu għan-nies! Imma u iva, wara kollox, jekk noqogħdu nagħtu kas in-nies! Nies u mhux nies, jekk ma nagħmlux l-opri tajba f'din in-dinja biex inpattu ta' dnubietna, fejn irridu nagħmluhom? Ilkoll midinbin, wara kollox. L-opri tajba jridu jkunu għalina. Nafdaw f'Alla, dik hi. Eh, u aħna, Sinjura, is-soċi kollha, aħna dejjem naħsbu fikom ilkoll fit-talb tagħna, veru Sur Nikola?

NIKOLA: Hekk hu. U forsi, 'kk Alla jrid, Samwel għad jista' jerga' jaħsibha dwar is-Seminarju. Mhux l-ewwel darba din…

SAMWEL: Qatt!

NANNA: Qatt fuq li qatt!

SA PETRONJA *(bla ma trid trodd salib - skandalizzata)*: Ġesumarija!

NANNA: Ara, daqshekk biżżejjed. Issa li hemm hemm.

NIKOLA: U jsir li jsir, mela?

NANNA: Li kellu jsir ilu li sar.

ELEN: Imma Mà, aħseb ftit…

NANNA: M'hemmx x'taħseb aktar. It-tifla hawn qiegħda u hawn tibqa'.

SA PETRONJA: Grazzi, Sinjura! Int qalbek tad-deheb! Kont naf li m'intix sejra tonqosna fis-siegħa tal-prova! Il-Bambin għad ipattilek. Tista' tibqa' ċerta li lkoll napprezzaw is-sagrifiċċji li dejjem tagħmel magħna. Ma ridniex naqilgħulkom xi nkwiet, inti taf...

NANNA: Ebda nkwiet. Komplikazzjoni żgħira li setgħet ġiet evitata. Ħasra li Nikola nzerta nesa dettal żgħir - l'età ta'... Petra mela, hux hekk?

NIKOLA: Nammetti - ħtija tiegħi.

SA PETRONJA: Iva, imma ma ġara xejn. Kollox dejjem jispiċċa b'wiċċ il-

ġid, niżżu ħajr 'l Alla. Ersaq, Petra, ruħi. Qatt ma se jkollok xi tgerger minnha ibqa' ċerta. Jien naf x'konsolazzjoni kelli biha f'dari.

ELEN: Persważa! Kont smajt li hi kienet infatti li ħadet ħsieb l-imsejken żewġek kemm dam marid.

SA PETRONJA: Hi? Jien! Jien kont għalih! Mela hi! Nammetti kienet tgħini, mela ma kenitx, eeh, imma aħna dejjem żammejnieha fuq wiċċ l-idejn.

ELEN: Speċjalment is-Sur Bert...

SA PETRONJA: Fuq wiċċ l-idejn! Dejjem rat imħabba u rispett - rispett! - mingħandna! Mhux hekk, Frida, eh? Tkellem ftit ruħi! Għidilhom int lis-sinjuri!

PETRA *(leħen sod u ċar - kważi impersonali)*: Iva, Sa Petronja.

SA PETRONJA: Iva - iva xiex? Għidilhom ċar, ruħi binti. Meta trid taf tiċċaċċra, tafux. Uuhh, dawn it-tfal, brikkuni l' huma!

SAMWEL: Naħseb riedet tgħid, iva, dejjem rat imħabba - u rispett - mingħandkom.

SA PETRONJA *(ma tafx kif tirrispondi)*: Eh - mela x'inhu. X'għedt jien?

*Sa fl-aħħar taqa' pawsa twila u imbarazzanti. F'daqqa waħda SAMWEL u PETRA donnhom saru ċ-ċentru ta' l-attenzjoni.*

*NIKOLA l-ewwel wieħed li jiċċaqlaq u japprofitta ruħu mis-sitwazzjoni. Kważi b'mod kavalleresk, jieħu bil-mod lil PETRA minn idha u jressaqha 'l quddiem.*

*SAMWEL jinza' n-nuċċali u jaħbih fil-but tal-ġlekk.*

NIKOLA: Forsi wasal il-waqt għall-introduzzjonijiet, xi tgħid, Sa Petronja? Ersaq, Petra. *(Jagħti pass biex donnu jibda biex iressaqha lejn SAMWEL).*

SA PETRONJA: Hi, tassew, ara dik kif baqgħet fil-bieb! *(Pronta taħtaf driegħ PETRA u ddawwarha biex l-ewwel tintroduċiha lin-NANNA)* Tiskanta kemm baqgħet grixtija għall-età tagħha, Sinjura! Ersaq Frida - ersaq. Din is-Sinjura Depawli. Minn issa 'l quddiem għandek tqisha bħalha ommok oħra.

*In-NANNA toħroġ idha u tieħu ħafif id PETRA għal waqt wieħed.*

PETRA: Għandi pjaċir.

NANNA *(ħarsa intensa - tipprova taqralha ħsiebha)*: Kif inti, Petra ruħi

PETRA *(ebda illużjoni - impersonali)*: Tajba grazzi.

SA PETRONJA: U din hi Elen. Ma teħux għalik hux Elena ruħi, jekk

issejjaħlek zija Elen?

ELEN *(ma teħodlhiex b'idejha):* Għandi pjaċir.

SA PETRONJA: U dan taf, m'hemmx għalfejn ngħidu, is-Sur Nikola... Hi ara daqsxejn kont se ngħid Depawli! Kif dejjem ninsa kunjomok imma. Hawn qiegħed fil-ponta ta' lsieni ta!

NIKOLA: Ma ġara xejn - Nikola biżżejjed għalija. Diġà ltqajna, hekk jew hekk. *(Xorta jieħu b'id PETRA).*

SA PETRONJA: Hi, imma ara kif insejt!

NIKOLA *(iżomm id PETRA u jdawwarha lejn SAMWEL)*: U dan - dan Samwel. Depawli - m'hemmx għalfejn ngħidu.

SAMWEL *(xi ftit imbarazzat - joħroġ idu indeċiż)*: *Hi!* Pjaċere

PETRA: Pjaċere. *(Imma tibqa' ma teħodlux b'idu).*

NANNA *(tqum deċiża)*: Tajjeb! Dak it-tè, Elen. Aħjar ngħaddu, xi tgħid, Sa Petronja? Kollox lest fis-salott, Elen, mhux hekk?

SA PETRONJA: Eh, iva, għandi nixfa jaħasra. Ejja Petra ruħi.

NANNA: Iva, imma forsi l-ewwel aħjar tmur terġa' tbiddel u tneħħi dak il-*make-up*, le?

SA PETRONJA: Mela! Ħadthieli minn ħalqi jaħasra! Kapriċċuża wisq dik il-libsa narha, le? U dawk il-fjuri wkoll! *(Tieħu bukkett żgħir ta' fjuri mwaħħal fuq sider PETRA)* U tal-plastik fuq kollox! *(Ixxommhom)* Imma jfuħu ta! Hi - *Xantall Number Two* - Naqta' rasi! Xomm! *Xantall Number Two*! Xi għoxrin lira dik ta, mhux ċajt! U flixkun daqs nitfa.

*Sadanittant ELEN resqet lejn it-taraġ ma' PETRA, qed tgħidilha, Minn hawn . PETRA tieqaf f'tarf it-taraġ, tgħidilha xi ħaġa.*

ELEN *(iddur fuq SAMWEL)*: Samwel, mur daħħal l-affarijiet ta' Petra mill-karozza.

SA PETRONJA: Iva, bilħaqq. Hawn iċ-ċwievet, Samwel. Zewġ bagalji kull m'hemm. *(Waqt li tfittex fil-portmoni tgħaddi l-fjuri lil NIKOLA)* Hawn ħa. Baqa' xi affarijiet nġibuhom darb'oħra.

SAMWEL: Għaliex jien? Għax ma jmurx Nikola.

NANNA: Iġġibhiex bit-tul, Samwel. Mur iddumx.

*Waqt li ELEN u PETRA jitilgħu t-taraġ u joħorġu, SAMWEL kontra qalbu joħroġ mil-loġġa. Huwa u ħiereġ jolqot siequ fuq xi ħaġa li waqgħet mal-ħabta tal-karozza. Ifajjar daqqa ta' sieq u jiġbed xi waħda.*

SA PETRONJA *(ixxukkjata)*: Ġieżuġież!

NANNA: Skużana, Sa Petronja. Tifel xi ftit diffiċli kultant.

NIKOLA: M'għadux tifel.

SA PETRONJA: Eh, imma qiegħed f'dik l-età - dik l-età! Bħal Petra tiegħi. Ngħidlek is-sew, meta rajthom hekk, ħdejn xulxin l-ewwel; hekk għedt.

NIKOLA: X'għedt, Sa Petronja?

SA PETRONJA: M'humiex aktar tfal, dak li għedt - m'humiex tfal! U rajthom tant jaqblu wkoll, ma taħsibx? Eh, mhux li kien kont għadni ta' dik l-età jien, Sur Nikola!

NIKOLA: Hekk hu, hekk hu. *(Itaptpilha idha - ironiku. Lin-NANNA)* Ma rajthomx jaqblu int ukoll, Tereża?

NANNA *(xotta xotta)*: Mhux partikolarment. Imma aħna kellna ftehim, Nikola. Ma missekx.

SA PETRONJA *(xejn ma jaħarbilha)*: Xi ftehim?

NANNA: Xejn partikolari. Xejn bil-miktub.

NIKOLA: Ta' barra barra?

SA PETRONJA: Ta' ġewwa ġewwa!

NANNA: Hekk hu. Ejja ħu xi ħaġa, Sa Petronja.

NIKOLA *(ixomm il-fjuri f'idejh)*: Ifakkruk fi żmien iż-żbir, ma taħsibx, Sa Petronja?

SA PETRONJA: Ma nafx, Nikola. Int tifhem!

NANNA: Fjuri tal-plastik jibqgħu. Xejn aktar. Fi żmienna l-ġiżimin kienu ta' vera. Fwieħa ta' vera. Mentri llum... *(Ixxengel kemm kemm rasha)*.

SA PETRONJA: *Xantall Number Two!*

NANNA: *Xantall Number Two. (Titlaq il-fjuri fuq il-mejda)* Ejja, Sa Petronja, it-tè lest.

SA PETRONJA: Grazzi. Isma', ma niskomdakomx, hux?

NANNA: Ebda skomdu. Ftit ta' taqlib ta' mument, imbagħad kollox bħal qabel. Itfi warajk x'ħin toħroġ, Nikola. *(Toħroġ mill-bieb tax-xellug mas-SA PETRONJA)* Ma teħux xi żewġ gallettiniet ukoll?

SA PETRONJA: Hi, dażgur! Kont għedtlek li nhar it-Tnejn sejra Taormina?! Le, dażgur, li le. Tliet ġimgħat biss, tafx *(Toħroġ)*

*NIKOLA ma joħroġx warajhom mill-ewwel. Jieħu l-fjuri minn fuq il-mejda u jersaq jitfi d-dawl tan-nofs tal-kamra. Jibqa' biss id-dawl f'ras it-taraġ u bozza mixgħula barra l-loġġa. Jersaq lejn l-iskrivanija,*

*ixomm għal xi waqtiet il-fjuri tal-plastik, imbagħad iqegħedhom lura fejn kienu, imma jixgħel id-dawl tal-lampa fuqhom. Sodis fatt, joħroġ mnejn ħarġu l-oħrajn.*

L-għanja tal-flawt bdiet tinstema' bil-mod il-mod, 'il bogħod

*SAMWEL jidħol mil-loġġa b'żewġ bagalji f'idejh u jersaq bihom lejn it-taraġ. Jieqaf jistrieħ ftit, jgħaddi idejh minn xagħru donnu jrid jippettnah. Idur u jagħti pass biex jidħol wara l-oħrajn iżda jisma' l-leħen għoli tas-SA PETRONJA tiċċaċċra hemm ġew. Jieħu nifs qawwi, u jerġa' jdur lejn it-taraġ; jitbaxxa u jibda jagħmel il- push-ups , jgħodd taħt l-ilsien, "One-two; one-two..."*

*PETRA titfaċċa f'ras it-taraġ. imbiddla u liebsa l-istess libsa sempliċi li kellha fil-bidu ta' l-att. Tinżel it-taraġ, pass pass mal-"one-two, one-two" ta' SAMWEL li ma jintebaħx biha qabel ma tasal xi ħames tarġiet minn isfel. Għalkemm ma jgħollix rasu, nindunaw li ntebaħ biha għaliex inaqqas ir-ritmu tal-"push-ups" hekk kif hi tnaqqas il-passi tagħha.*

*ELEN titfaċċa f'ras it-taraġ imma tibqa' fuq, tosserva impassiva.*

*PETRA tieqaf xi żewġ tarġiet 'il fuq minn SAMWEL hekk li għajnejh, mingħajr ma jgħolli rasu, huma bi dritt saqajha. Forsi għax jinduna li liebsa żarbun differenti, jieqaf. Imbagħad, jiddritta saqajh b'nofs qabża ħafifa 'l quddiem u jġib ruħu kokka, iwieżen lilu nnifsu b'id waħda ma l-art (jew mal-bagalji). Iħares 'il fuq lejha.*

SAMWEL *(bilkemm jagħrafha)*: Petra?

PETRA: Frida. *(Bil-mod toħroġ idha lejh.)*

SAMWEL: Frida?... *(Joħroġ u jgħolli id waħda lejha biex tgħinu jqum fuq saqajh)* Rapunzell, Rapunzell, dendel xuxtek.

## Tmiem l-Ewwel Att

# IT-TIENI ATT

*L-istess xena ta' l-ewwel att. Tard wara nofs in-nhar - jum xemxi imma kiesaħ.*

*Għall-bidu nett (forsi wkoll qabel jitla' s-siparju) minn barra jinstema' kultant dak li wieħed jista' jaħseb li hu l-għana ta' pitirross - fil-fatt huwa l-ħoss ta' suffara ta' l-insib.*

*Ix-xena hija mdallma minħabba l-purtieri ħoxnin tax-xitwa li hemm imdendlin u magħluqa tul il-loġġa.*

*Jidħol SAMWEL mill-bieb tal-loġġa li għalkemm twaħħal lura f'postu, xorta jidher li ma hu xejn sod. SAMWEL għandu ktieb miftuħ f' idejh u xi tnejn oħra taħt abtu. Liebes bħal fil-bidu ta' l-ewwel att, "jeans", "T-shirt" u papoċċ, iżda fuq spalltu għandu mitfugħ flokk tas-suf. Xagħru huwa itwal u qed iħallih jinżillu għal fuq widnejh u għonqu. In-nuċċali mhux jilbsu - ma jaħsibx li jixraqlu. Jagħti xi żewġ passi għal ġol-kamra taparsi mhedi jaqra, imbagħad jgħolli ħarstu bil-mod. Malli jara li m'hemm ħadd, jersaq lejn il-kurutur ta' ġewwa, jissemma' għal ftit, jieħu nifs ta' serħan u jitlaq il-kotba bl-addoċċ fuq il-mejda. Imur fil-bieb tal-loġġa u jagħti tisfira ħafifa. Imbagħad imur jiftaħ beraħ il-purtieri tal-loġġa.*

SAMWEL: Ikun id-dawl!

*Ipoġġi fuq waħda mit-tarġiet ta' ġewwa tal-loġġa u jfarfar it-trab u l-ħamrija mill-qalziet u l-papoċċ.*

*PETRA tidħol ħafja mill- nien. Xagħarha huwa maħlul u mitluq għal fuq libsa ħafifa tas-sajf, aktarx twila u sempliċi marbuta madwar qaddha b' terħa tal-ħarir.*

PETRA *(tħoll it-terħa u tħalli l-keffa tinżlilha taħt l-irkobba sew):* Fejn huma?

SAMWEL: Min jaf? Mhux xi mkien hemm ġew? X'int ittawwal dik il-libsa, beżżiegħa! Baqgħalhom kwarta biex jinżlu.

PETRA: Hekk jew hekk m'erġajniex ħerġin.*(Tibda tiġbor xagħarha f'malji).*

SAMWEL: Għala le? *(Iqum - joħroġ suffara ta' l-insib mill-but tal-"jeans")* Dak it-trabokk ikolli nneħħih minn hemm. U jekk nirranġa dis-suffara... *(jipprova jsaffarha darba, darbtejn - għalxejn)* Għandek *hair-pin*?

*(Jiġbidlha xagħarha u jħollilha l-malja)* U ħallih hekk dak ix-xagħar!

PETRA *(tipprova tin ibed minnu)*: Ħallini!

SAMWEL *(idejh madwar għonqha b'xagħarha maħlul)*: Hekk! Hekk isbaħ!

PETRA: M'ilekx kont tgħid li jogħġbuk il-malji. M'għadnix qisni tifla żgħira?

SAMWEL: Rapunzell, Rapunzell...

PETRA *(tinġibed minnu - bierda)*: Rapunzell ma teżistix hawnġew. Dak li tkun trid Elen, tarana hemm barra.

SAMWEL: B'daqshekk! Belha jekk taħseb li noħroġ fis-serra biex nistudja!

*PETRA terġa' tibda tagħmel xagħarha f'malja.*

SAMWEL: Int ma teħodlokx kopja. Quddiem in-Nanna mod, quddiem Elen ieħor

PETRA: U quddiemek?

SAMWEL: Fejn naf. Qisek kamalejont.

PETRA: Kliem tqil ma nifhmux.

SAMWEL: Hemm int; tagħmilha tal-belha.

PETRA: Ta l-injuranta. Għax hekk jixtiequ jarawni huma.

SAMWEL *(jerġa' jipprova s-suffara - għalxejn)*: Għedtlek jien tiċċaqlaqx! Issa min jaf x'irid ikun biex naraw xi malvizz ieħor hemm barra!

PETRA: Jien ma tniffistx. U sa fejn naf jien ma rajt ebda għasfur jekk niġu f'dan.

SAMWEL: Jien rajtu imma. Kien nieżel lejn it-trabokk x' int ilqatt dak il-barmil.

PETRA: Ma missekx ħallejt il-ġir hemmhekk. Qaltlek Elen. Tgħid nixef il-papoċċ? Elen ti branani nidħollha nżelleġ hawnġew.

SAMWEL: Ħalliha tgħid int. Fejn ghedt kien hemm labra?

*PETRA tmur lejn il-purtiera ta' l-intrata u taqla' labra minn ġenb fil-għoli.*

SAMWEL: Għadhom iqegħduhom hemm - fil-għoli, bħal meta kont żgħir! *(Jieħu l-labra mingħand PETRA li tpoġġi ħdejh fuq it-tarġa tal-loġġa, Issoff subgħajha għax tniggżet bil-labra. SAMWEL inaddaf is-suffara, imbagħad jipprova jsaffarha. Jagħfas is-suffara u jagħti fuqha ma sidru)* Ma taqtax għaliex jgħidulha tal-Mea culpa?

PETRA: Is-suffara? Nista' nobsor. Ta' min kienet?

SAMWEL: Tan-Nannu naħseb. Jew missieri. Fejn naf. *(Jerġa' jipprova jsaffarha - jagħti fuq sidru)* Hemm hi! *(Pront iqum)* Ejja, ġejja?

PETRA *(ma tqumx)*: Se ndumu imma?

SAMWEL: Jekk trid tibqa' hawn, ibqa'! *(Jimxi lejn il-bieb imma m'hux se joħroġ mingħajrha)* Oqgħod aħdmilha l-peduni lil Elen. Tieħu gost bik!

PETRA: Qatgħet qalbha tgħallimni naħdem is-suf. Illum suppost tgħallimni r-rakkmu. U għax qabbditha n-Nanna, mhux għax trid hi.

SAMWEL: Dak għax qed tiddiżappuntaha - lin-Nanna wkoll. F'ġimagħtejn malajr intebħet li mhux lakemm tirbħek kif ġieb u laħaq lilek.

PETRA: Xi trid tirbaħni lili?

SAMWEL: Ma ċċedilhiex biżżejjed, dik hi.

PETRA: Forsi għax jien ma nafx inċedi. Imma qatt ma nqastha mir-rispett.

SAMWEL *(jidħaq)*: Rispett - int! Ħaġa ngħidlek: veru se taqbel magħhom int però!

PETRA: Fiex naqbel?

SAMWEL: Arak! Tiddefendi ruħek b'mistoqsija. *(PETRA tgħolli spallejha)* Mhux għax inlumek. B' xi mod kulħadd irid jiddefendi ruħu hawnġew. Tgħallimtha kmieni jien dik. U dak li jagħmlu, dejjem bi ħsieb. Ukoll l-istramberiji tagħhom Tagħhom - tiegħi ukoll messni għedt. Għax jien wieħed minnhom - irrid jew ma rridx. Jgħidu li wkoll meta kont żgħir, darba - kelli sitt snin? - darba kelli xi ngħid man-Nanna - ma nafx fuqiex - biss jgħidu domt xahar ma rridx ngħidilha kelma li hi kelma! U hi lili! Pika bejn tifel ta' sitt snin u mara suppost matura! Tista' timmaġinaha?

PETRA: Forsi. Forsi għalhekk ukoll nippreferi r-rabja bla rażan ta' Elen.

SAMWEL: Għax tibża' min-Nanna.

PETRA: Nibża'? Jien ma nibża' minn ħadd. U minn kulħadd.

SAMWEL: Mur ifhmek. Trid noħorġu?

PETRA *(tqum, imma bla għagla)*: Għaliex taħseb tobgħodni Elen?

SAMWEL: Elen? Kieku għedtli Nikola

PETRA: Le. Nikola ma jobgħodnix. Jużani iva, imma għall-bqija, ma jimpurtah assolutament xejn minni. Elen - Elen ħaġ'oħra.

SAMWEL: X kienet dik ix-xenata ta' dalgħodu?

PETRA *(tgħolli spallejha)*: Qalet lin-Nanna biex tibdilli l-kamra.

SAMWEL: Reġgħet?

PETRA: Il-kamra t'Eżra eżatt fuq tiegħi, hux veru?

SAMWEL: Iva, għaliex? Kien hemm dak il-garigor ta' ħdejk, kien iwassal 'l hemm fuq, sakemm kellhom jagħlquh. Min jaf xi jrid ikun biex isewwuh.

PETRA: Għaliex dejjem imsakkar, inkaxxat, hemm fuq?

SAMWEL: Eżra? Għedtlek. Bilkemm jara - id-dawl jagħmillu ħażin. Jekk qatt tidħollu hemm ġew ma tara xejn - dlam kullimkien. L-unika tieqa jżommha mbarrata u mal-ħitan ħlief xkafef impestati bil-bebbux u tjur ibbalzmati ma tarax. U riħa ta' buraxx u salnitru li taqsam...

PETRA: U n-Nanna qatt ma ssemmih. Jew tkellmu.

SAMWEL: Dik storja oħra Ejja, ġejja?

PETRA: U Nikola dejjem jaħarbu.

*SAMWEL jgħolli spallejh hu did-darba.*

PETRA: Għax dik l-istess storja imma. Naf.

SAMWEL: Eżra jaħrab minn kulħadd. Anki minni!

PETRA: Minn Elen le imma.

SAMWEL: Xiħadd irid jieħu siebu.

PETRA: U bil-lejl?...

SAMWEL: Xiex bil-lejl?

PETRA: Fil-għodu ma jista' jagħmel xejn minħabba d-dawl... Imbagħad bil-lejl ma jorqodx. Dal-lejl smajtu fil-kurutur. Ġie jħabbat mal-kamra tiegħi.

SAMWEL: Ftaħtlu?

PETRA *(mument ta' eżitazzjoni)*: Le.

SAMWEL: Fejn taf li kien hu?

PETRA: Smajtu - imnifsejh mas-serratura. Il-bieb ma kienx imsakkar. Sejjaħli ukoll. Sejjaħli Sylvie imma. Kienet ommok, hux hekk?

SAMWEL: Kont għedtlek. Mietet ftit wara li missieri telaq. Eżra kien i obbu wisq lil missieri. Talanqas hekk jgħid Nikola. *(Jieqaf - imma jara li PETRA qe tistennieh ikompli. Idur 'l ġewwa - qata' qalbu li se joħorġu. Ikompli)*: Missieri kien għamel żmien kien taha għall-insib, u t-tjur kollha li jaqbad kien jagħtihom lil Eżra. Jgħidu kellu guva daqsiex mimlija għasafar hemm barra. Sakemm imbagħad, wara li ma ġiex lura aktar... *(pawsa qasira)* ...mietu kollha.

PETRA: Mietu? Hekk - kollha f'daqqa?

SAMWEL: Qatluhom.

PETRA: Min?

SAMWEL: Huma. Elen kienet tgħid li kien Nikola... Imma mbagħad darba Nikola qalli li kienet in-Nanna. Jien aktar naħseb li kienet ommi....

PETRA: U dawk it-tjur kollha bbalzmati hemm fuq, allura dawk huma?

SAMWEL: Huma. Forsi xi ftit oħra wkoll.

PETRA (b'ebda sentimentaliżmu): Miskin Eżra. Dal-lejl hu kien - jibki - waħdu - wara l-bieb fil-kurutur. Meta ftaħt il-bieb...

SAMWEL: Ftaħtlu mela.

PETRA: Stennejt ftit. Meta ftaħt imbagħad kien għeb. Stennejt wisq... Smajtu barra, fuq it-terrazzin wara li dħalt.

SAMWEL: Darb'oħra Petra aħjar ma tiftaħx.

PETRA: Darb'oħra. *(Tieqaf. Pawsa qasira waqt li tersaq lejn il-bieb tal-loġġa)* X'għasfur għedt li rajt hemm barra?

SAMWEL: Malvizz.

PETRA: Kemm ili hawn ma rajtx għasfur li hu għasfur. Donnha dik il-ġnejna misħuta. X'jiġu jagħmlu l-kaċċaturi 'l hawn?

SAMWEL: X'kaċċaturi? Jgħaddu 'l hawn kultant iva, imma bi drawwa - jew forsi bi sfida. Teħux għan-Nanna.

PETRA: Rajt iċ-ċomb hemm barra imma, ħdejn is-serra.

SAMWEL: Forsi għalhekk iwaħħlu fihom għal dik il-ħerba hemm barra. Bħalma jwaħħlu fin-nassaba - u fit-tfal tar-raħal.

PETRA: Forsi ħatja huma daqs kemm hu ħati l-maltemp.

SAMWEL: U ż-żmien. Fuq kollox Nikola telaq kollox. Rajt lil Eżra kemm-il darba mbagħad, hemm barra, ikisser dak il- ħġieġ.

PETRA: Apposta?

SAMWEL: Apposta. Bil-ponn. Ġieli jien ukoll - jien ukoll ġieli noħlom narani hemm, f'nofs is-serra mkissra. Meta nqum ma niftakarx sewwa xi nkun ħlomt - niftakar biss li narani hemm barra, idejja magħqudin ponn - mimlija demm. *(Iħares lejn idejħ)* Id-demm... Jekk hemm ħaġa li ma nissaportix...

PETRA *(qed tħares barra mill-loġġa)*: Ġej Nikola. Ħareġ mis-serra.

SAMWEL: Żgur se jara t-trabokk.

PETRA: U żgur rana hemm barra.

SAMWEL *(jgħolli spallejh - ma jimpurtahx)*: Aħjar għalih. Hekk jew hekk...

*(Imma xorta jipprova jfarfar xi trab minn fuqu - jgħaddi idejh minn xagħru biex jirranġah).*

*PETRA iżda ma tiċċaqlaqx minn fejn hi, bilwieqfa mal-ġemb tal-bieb tal-loġġa. Lanqas meta jidħol u jgħaddi minn ħdejha NIKOLA.*

*NIKOLA liebes l-istess libsa u sidrija ta' qabel, iżda mingħajr il-ġlekk, u l-kmiem tal-qmis huma mxammrin. Idaħħal miegħu żewġt iqsari mdaqqsin, imxellfin u mimlijin trab, b'ġo fihom xi zokk ta' palma bil-weraq nofsu niexef.*

NIKOLA *(iniżżel il-qsari. Akkuża):* Ħallejtu t-trabokk fuq il-ħerża tal-bir.

SAMWEL: Iva, naf; issa ndaħħlu. M'hix se tarah in-Nanna, teħux ħsieb. *(Idawwar id-diskors fuq il-qsari)* Dawn għal fejn?

NIKOLA: Neħħih minn hemm. Damet biex ġietek in-namra lilek! Talbuhomlha għall-fiera ta' nhar il-Ħadd. Riħ isfel illum dik; it-trabokk ikun jonqosha. U trid xi fjuri mis-serra wkoll illum is-Sinjura, tarax. Għadha toħlom. Kultant ngħid jien, kultant ma nafx... *(ixengel rasu).*Imma xi darba għad... Ma nafx. Ibqgħu fuq kliemi imma.

PETRA *(bierda, bla ma tħares lejh)*: Kont qed tnaddaf is-serra?

NIKOLA: Jien - innaddaf is-serra? U għaliex għandi nnaddaf jien, eh, għaliex? Xi trid tgħid biha int?

PETRA: Xejn. Staqsejtek.

SAMWEL: Iva kelma qaltlek. Tridx daqqa t'id? Indaħħlulek aktar qsari. *(Imur lejn il-bieb tal-loġġa.)*

NIKOLA: Issa trid tgħin int?

SAMWEL: U iva! Għid - kemm trid aktar Elen?

NIKOLA *(kliemu aktar indirizzat lil PETRA)*: Tista' trid dak li trid dik. Tieħu dak li hemm. Hawnġew għamlitu tagħha imma b'hemm barra ma tintrigax. Mela tieħu dak li ntiha jien is-sinjorina Elen. Dak li tieħu.

SAMWEL *(basta joħroġ u jaħrab)*: U iva - issa nara x'hemm! Ġejja, Petra?

PETRA: Mur. Issa niġi.

*SAMWEL ma jafx eżatt x'qed jiġri bejn NIKOLA u PETRA, imma bejn għax jifhem li hi tridu jitlaq, u bejn għax ħerqan biex jaħrab, joħroġ.*

*NIKOLA jniżżel il-kmiem imxammrin. PETRA, bla ma tiċċaqlaq jew tgħid xejn, iddur tosservah.*

NIKOLA: X'int tħares int?

PETRA: X'kont qed tħares int, hemm barra?

NIKOLA *(idaħħal sellum li ħalla ħdejn il-bieb tal-loġġa. Iqandlu u jwaqqfu mar-raff kif tidħol ġewwa l-loġġa)* Bid-duqqaqa llum int qed nara.

PETRA: In-Nanna riħ isfel, Elen bil-bijambò - u jien bid-duqqaqa - għaliex le? U int biex int int illum, Nikola?

NIKOLA: Bid-duqqaqa, iva. Imma int ma tafx x'inhi duqqaqa jkolli ngħid.

PETRA: Għasfur, le?

NIKOLA: Għasfur. U preċiżament, għasfur mingħajr bejta imma.

*Jinstema' l-ħoss ta' tisfira ta' għasfur fuq suffara: SAMWEL.*

PETRA *(semgħetu)*: Ah, jekk ġej b'dik l-istess litanija antika, is-sliem miegħek *(Iddur biex toħroġ)*

NIKOLA *(jibda tiela s-sellum)*: Bla bejta, mela. U ma taqtax fejn tqiegħed il-bajd tagħha d-duqqaqa kaħla? Eh, isa, aqta'.

PETRA: Ma nafx u ma jinteressanix. *(Imma tieqaf fil-bieb.)*

NIKOLA: Ma tafx. Tgħid veru imma? Forsi aħjar hekk kieku. *(Iqalleb fuq ir-raff qalb l-imbarazz, ifittex qasrija sura ta' nies.)* Aħjar hekk. Għax kieku jkolli għaliex nibża' minnek. Imma int - int m'int xejn hawnġew, tifhem? Xejn, tinsiex. Int u Samwel, hemm barra, hemm tistgħu ...tilagħbu kemm tridu, imma hawnġew xorta m'int xejn int. U oqgħod attenta sewwa - jien ġibtek hawn, u meta rrid jien neħles minnek.

PETRA *(terġa' tidħol. Tersaq taħt is-sellum):* Forsi veru; minni forsi ma tibżax. Għax int imma minn Samwel tibża', mhux hekk? Miskin Samwel - hu jibża' minnek - bħalma jibża' minnkom ilkoll - minn kulħadd - imma int, int bla ma taf jew tammetti - int tibża' minnu.

NIKOLA *(jinżel is-sellum b'qasrija)*: Jien nibża' minnu? X'għandi x'nibża' jien?

PETRA: Għax hu Depawli veru - u int m'intix. U qatt ma kont jew tista' tkun; titħallat u tindiehes fl-affarijiet tagħhom kemm titħallat u tindiehes - qatt ma kont u qatt ma tista' tkun. Samwel iżda xi darba jaf jieħu kollox lura f'idejh. Imbagħad hawnġew għalik ma jkunx hawn aktar post - u mhux għalija. U Samwel għad jeħlishom minnek

NIKOLA: Elen! Dan kollu fissazzjoni t'Elen! Hi ħolmitha - mhux int!

PETRA: Forsi hi ukoll.

NIKOLA: Hi! Imma jien - jien ma nibża' minn ħadd. Ifhimni - minn ħadd - ħlief minn Alla! Minn Alla biss! Imma int - int - qas taf x'inhu Alla int

imma!

PETRA: Tridx tgħallimni, sur Superjur! Bħal ma għallimt lil Samwel! U safrattant arah, hemm barra, lili qed isejjaħ. Insieħ lill-Alla tiegħek. Bħal ma nesa s-Seminarju fejn ridtu jmur jinħeba int. Isimgħu.

NIKOLA: Hekk - iddaqqaq mela. Kont naf x'int int, tibżax. Kont naf! Mur ja qaħba, mela! Mur - għax issa s-siegħa tiegħek. Biss kun af - u kun af sewwa, li dak li qed jiġri qed jiġri għax ridtu jien. Jien ridtu! Dak naf - dak qajjem ftit rixu l-għasfur ċkejken tagħna, rabba ftit muskoli u biex jimpressjonak ukoll it-*training* qed jagħmel. Mur mela. Biss ftakar sew; l-istaġun tan-namur qasir u anki pitirross malajr jinsa u jfittex kenn band'oħra fix-xitwa! Ftakar sew

PETRA: Ma tinqalax għall-parabboli!

NIKOLA: Ftakar! Hawn int bejta m'għandekx! Lanqas hawn, qed tifhem - lanqas hawn! Jien naf tajjeb - qed tifhem? Jien naf!

PETRA: X taf?

NIKOLA *(idur - jerġa' jibda tiela s-sellum):* Dak li hemm x'taf.

PETRA: X'taf?

NIKOLA: Id-dar tas-Sa Petronja. Naf għaliex ma żammitekx wara li miet hu. Ħajja xejn faċli, u nammetti - mhux tort tiegħek, naf. Raġel ħadd ma jaf hux qalbu marida, jew moħħu.

PETRA *(tersaq b'rabja taħt is-sellum)*: Int ma taf xejn! Ħadd ma jaf xejn. Għax jaħsbu li jafu kollox - bħalek! - għax jafu l-ħażen.

NIKOLA: Imma naf. U sa ċertu punt forsi jiddispjaċini għalik ukoll.

PETRA: Jiddispjaċik! Tinsulentanix aktar, trid! Tinsulentanix! Għid u aħseb li trid, imma tinsulentanix! *(Titla' xi skaluni tas-sellum warajh)* X'taf taf! Le, veru - ma kenitx ħajja ħafifa għalija f'dik id-dar. Kienet tqila! Tqila iva, imma lanqas int ma taf kemm kienet tqila u iebsa, Sur Nikola. Lanqas int li taf kollox! Tiġinix għalhekk bil-litanija ta' jiddispjaċini, tassew jiddispjaċini għalik! Li kien għalik, li kieku kien possibbli, hawn jiġri l-istess jew wisq agħar. Ngħidlek biss però li mhux aktar possibbli, qed tifhem? Qatt aktar! Imma int ma tifhimx - ma tifhimx! Int tifhem biss il-ftit li kapaċi tfassal f'moħħok u, akkost ta' kollox, dak li tiffissa u tfassal f'moħħok tispiċċa biex tagħmlu realtà. B'xorti ħażina kultant isir realtà għal ħaddieħor ukoll. U dik hi l-marda tiegħek, Nikola - il-marda tagħkom ilkoll hawnġew

NIKOLA: U biex ma titteħidx allura - għalhekk - int m'għandek ebda intenzjoni li ssir parti minn din id-dar xi darba, hux hekk?

PETRA: Għalhekk! *(Tibda nieżla s-sellum.)*

NIKOLA: Stenna! *(Jiftaf il-loġġ ta' fuq ir-raff)* Kieku ejja nagħtu każ ikollok iċ-ċans int - ħares! *(juri l'barra)* Kieku nħalluk, kieku ma tridx tkun is-sid ta' din id-dar - ta' hemm barra kollu - ħares - ta' dik l-art, dak il-ġnien? U kieku ngħidlek: Ejja nagħmlu patt jiena u int; kieku noffrilek dan kollu?...

PETRA *(tħares)*: Kieku xiex?

NIKOLA: Għandi nifhem tinteressak il-proposta, forsi? Mela kieku jiena ngħidlek; jekk trid?...

PETRA: Int? Għaliex int?

NIKOLA: Kieku ngħidlek, dwar Samwel kollox sew

PETRA: Int tgħidli? *(Tinżel is-sellum)* Għaliex int? X'taħsbek int hawnġew, Nikola? L-Anġlu Kustodju ta' Samwel?

NIKOLA: Anġlu le

PETRA: Xitan forsi.

NIKOLA *(jinżel warajha b'xi qasrija)*: Jekk tisfurzani nagħżel, pjuttost ngħid l-għassies.

PETRA: L-għassies? Ta' Samwel? Jew tal-ġnien? Ta' hemm barra - ta' dik il-Ġenna ta' l-Art!... *(daħqa sfurzata)* Forsi int taħseb... Imma le, m'hix ċajta għalik dik, hux hekk? Dak il-ġnien - dik il-ġenna mizera...

NIKOLA: Miżera - miżera u meskina. Imma kulħadd minnha jrid jgħaddi... *(Ja tafha u jiġbidha lejh)* U int ukoll! Int tfittixha wkoll! X'toħroġ tagħmel hemm barra int kieku, eh, għidli! X'toħroġ tfittex?...

PETRA: Għaliex, ma tafx? Imma jmissek taf nemmies! Nemmies! *(Tissielet u tin all minn idejh)* Noħroġ iva - noħroġ u nfittixha iva, tassew! Għax bejn infern u purgatorju hemm limbu wkoll, sur Superjur! U jekk nagħmel li nagħmel - isir għax isir, u mhux għax irrid jien jew għax trid int. Isir għax isir. Jalla xi darba nkun nista' nagħmel li rrid. Forsi mbagħad ukoll nagħżel li nfittex dak il-ġnien - dik l-istess ġenna ta' art misħuta. U ma nsibhiex bi tqila nagħżel bejn anġlu kustodju jew serp qarrieq.

*Terġa' tisfira twila minn barra: SAMWEL.*

NIKOLA: Hemm hu, iva! Mur mela... Mur! U dak li għandu jsir, isir. Għax

is-serp qarrieq mhux jien ħloqtu, kun af, mhux jien, binti. U int m'intix kapaċi tgħaffiġlu għonqu - le, żgur mhux inti.

PETRA: Issejjaħlix binti!

NIKOLA: Ma' l-oħrajn taf taħbija l-kburija int. Imma jien, l-espert tal-kburija, jien inxommha tinten elf mil bogħod. Mur, tir, mela - sakemm għadek ħielsa, tir. U jsir li jsir, għax, wara kollox, għandek raġun int, binti...

PETRA *(kważi bikja)*: Issejjaħlix binti, għedtlek! Sejjaħli qaħba kemm trid, imma mhux binti!

*Leħen SAMWEL isejjaħ - Petra! - forsi jingħaraf ħjiel ta' biżgħa fih. PETRA indeċiża, donnha trid tgħid l-aħħar kelma hi, iżda f'daqqa waħda ddur u taħrab 'il barra fil-ġnien.*

*NIKOLA jersaq lejn il-loġġa jittawwal warajha. Wara ftit sekondi jinstema' SAMWEL jidħaq - u kważi minnufih wara, id-daħqa sfiqa ta' PETRA.*

NIKOLA: Tiru, mela - sakemm għadkom tistgħu.

*Jinstemgħu xi tiri ta' senter, mhux bogħod wisq.*

*NIKOLA sa fl-aħħar idur u jpoġġi fuq tarġa ta' ġewwa tal-loġġa. Jiġbor il-qsari madwaru u b'nofs ħajra jibda jaqla' l-palm li daħħal mis-serra u jerga' jxerttilhom?????????i ragħhom fil-qsari li niżżel mir-raff - xogħol sfurzat u nofs kedda.*

*Minn ġewwa jinstema' leħen ELEN isejjaħ - Eżra! Eżra! NIKOLA jieqaf biex jisma'. Minn barra l-eku tad-daħq ta' SAMWEL u PETRA. NIKOLA jqum u jħaffef iġerri magħluqin il-purtieri tal-loġġa. Il-leħen ta' ELEN isejjaħ jinstema' joqrob. NIKOLA jħares lejn il-kurutur mnejn donnu ġej il-leħen. Indeċiżjoni ta' mument, imbagħad jitlaq kollox u joħroġ fil-ġnien - jagħlaq il-bieb warajh.*

*Ftit sekondi biss wara jidħol EŻRA mill-kurutur - m'hemmx dubju li NIKOLA kien raħ ġej - u EŻRA jaf.*

*EŻRA jersaq pass pass, bla għaġla mnejn ħareġ NIKOLA, donnu jrid joħroġ warajh. Jieqaf jissemma' - ikun sejjer iġerri l-purtieri, imma ma jissugrax.*

*Idur iħares lejn il-qsari li għadu kemm lesta NIKOLA. Jinżel għarrkubbtejh iħares u jiflihom fiss.*

EŻRA *(qisu qed jipprova jiftakar xi talba - jew magħmul)*: Ma' l-iħirsa tar-

raba jkollok ftehim... u l-bhejjem... il-bhejjem tar-raba jkunu fis-sliem miegħek. U jkollok is-sliem - is-sliem miegħek...? U jkollok is-sliem fil-għariex tiegħek... xi darba. Xi darba... *(Waqt li jtenni l-kliem, jaqbad waħda mill-qsari vojta u jibda jagħti biha sistematikament fuq il-qsari li għadu kemm lesta NIKOLA. Ifarrakhom - daqqa wara daqqa.)* Ikollok is-sliem - ikollok - fil-għariex tiegħek - is-sliem. *(Jieqaf - rasu mgħaddsa fuq il-ħerba li għamel)* L-għariex tiegħek jiena nafu - jiena nafu l-għariex ta' missierijiti - jien li jien barrani. Naf id-dar - u naf kull kamra - kull bieb magħluq u kull gallarija mġarrfa - kull setaħ u kull raff - kull tarġa mbarrata, kull xriek imxaqqaq, kull pass fil-vojt. U nsegwi ż-żlieġa fosforexxenti li jħalli warajh il-bugħarwien ifittex il-kenn - it-turġien ma jwasslu mkien.

*Ilħna ma jiftehmux jinstemgħu fin-nofs dalma - ELEN issejjaħ lil EŻRA, id-daħq ta' PETRA u SAMWEL; u oħrajn - ilħna primordjali, l-għajta tidwi ta' tjur eżotiċi, masġar imsaħħar.*

*Maqbud mis-seħer, EŻRA jidher jirtgħod f'daqqa, jipprova jgħatti widnejh biex ma jismax.*

*Sakemm ifaqqgħu qrib tiri ta' senter.*

*Jisktu ħesrem l-għasafar.*

*L-ilħna jonqsu bil-mod il-mod.*

*EŻRA jqum. Jgħaffeġ il-palm li qala' u qaċċat mill-qsari. L-ilħna għadu jismagħhom - imma bla aktar biża' eżaġerat. Idur, għall-ewwel indeċiż fejn jaqbad imur, imbagħad jara s-sellum, jersaq, u jibda tiela. Malli jasal fuq, jitla' fuq ir-raff u jidħol wara l-imbarazz t'hemm fuq u jisparixxi f'rokna mudlama, hekk li ma tistax tgħid hux mistoħbi hemm jew le.*

*Fin-nofs dalma taħt l arkata tax-xellug insibu lin-NANNA wieqfa bla ma tiċċaqlaq - effett tad-dwal li jogħlew qajl qajl madwarha. Kemm ilha hemm...?*

NANNA: Imkien. *(Tibqa' wieqfa għal xi ħin, imbagħad tersaq għal nofs il-kamra)* Imkien. *(Issejjaħ bil-mod - taf li se jkun hemm tweġiba)* Elen.

*ELEN tidħol ftit sekondi wara - timbotta siġġu tar-roti*

NANNA: Fejn seta' mar?

*It-tnejn jidhru ixjeħ u aktar għajjenin mill-att ta' qabel. Infatti jidhru qed isofru l-effett ta' kedda jew tilwima li għadhom kemm kellhom*

*- waħda bħal bosta bħalha dan l-aħħar.*

ELEN: Xi mkien hawnġew qiegħed.

NANNA: Bla sabar hu ukoll. Agħar minn qabel.

ELEN: Kulħadd agħar.

NANNA *(lejn il-loġġa)*: Hemm barra ma ħariġx żgur.

*L-ilħna, id-daħq ta' SAMWEL u PETRA.*

ELEN: Huma biss.

NANNA: Hemm barra - dejjem hemm barra, X'inhuma jagħmlu?

*ELEN tersaq lejn il-loġġa u ssib il-qsari mkissrin.*

ELEN: Ara dal-ħmieġ! Ara dal-ħmieġ, Ma! Vendikazzjoni wara l-oħra! Misħut l'hu! Maħmuġ! *(Taqbad xkupa u b'qilla malajr tixkupa kollox 'il barra għal ġol-ġnien)* Maħmuġ! Għalhekk biss jinqala'! Għalhekk biss!

NANNA *(tinxteħet imkedda fuq is-siġġu tar-roti)*: Sejjaħ lil Petra. Tnaddaf hi. Fejn huma?

ELEN: Sejjaħlha int! Hemm barra qegħdin - jilagħbu! Imma hemm hu magħhom - teħux ħsieb! Jilgħab hu wkoll! *(Issabbat u tagħlaq il-bieb tal-loġġa)* Inħossni vampa waħda - vampa waħda, Ma! Ma jistax ikun nibqa' sejra hekk!

NANNA *(bla konvinzjoni)*: Issa nkellmu jien lil Nikola.

ELEN: Iva, issa tkellmu! Għamilna żball, Ma! Kont għedtlek jien!

NANNA: Ma neġġħux nibdew, Elen. 'Qas nissaporti tliet minuti fuq saqajja llum. Oħra bħal dalgħodu u ma nqumx aktar minn das-siġġu.

*Barra, ħoss ta' ħġieġa tinkiser.*

NANNA: X'inhuma jagħmlu? *(Tipprova tqum mis-siġġu iżda waħedha ma tiflaħx)* Elen!

*ELEN tinjoraha. Resqet lejn il-loġġa u qed tittawwal minn tarf il-purtiera.*

IN-NANNA *(terġa' tinżel bilqiegħda fis-siġġu. Issodd widnejha b'idejha. Tokrob):* X'inhuma jagħmlu imma, Elen - x'inhuma jagħmlu?

ELEN: Li jridu. Ma jibżgħu minn ħadd - minn xejn aktar. Sabu l-barmil bil-ġir u qed ibajdu s-serra - ikomplu jwaqqgħu l-ħġieġ imkisser u jbajdu kollox! U jgħaffġu u jxerrdu kullimkien. Minn ħadd u xejn ma jibżgħu aktar, Ma. Xejn u ħadd ma jżommhom aktar issa.

NANNA: Sejjaħ lil Nikola, Elen! Sejjaħlu! Issa stess!

ELEN *(b'dispranent - aktarx titkellem waħedha)*: Lil Nikola sejjaħlu int... Imma int veru ma tifhimx, Ma, jew ma tridx tifhem? Int veru? Se titilfu lil Samwel, Ma - bħal ma tlift lil missieru. U kollu ħtija ta' Nikola - ħtija tiegħu, Ma!

NANNA *(ma semgħet xejn?)*: Qed tismagħni - sejjaħlu għedtlek, Elen! *(F'daqqa waħda donnha tinħakem minn biża' ma jitfissirx)* Elen? Fejn int, Elen!

ELEN: Elen, Elen! Hawn għada Elen, Ma. Minn daqshekk serraħ moħħok - hawn għada biex teħodlok ħsieb Eżra, Ma. Jiena u hu hawn dejjem konna, hawn dfintuna meta twelidna, u hawn immutu. Imma Nikola mhux se jċedilek lil Samwel. L-istorja ttenni ruħha.

NANNA: Le! Kien wiegħed li ma jindaħalx aktar. Konna ftehemna.

ELEN: Imma kiser il-patt - bħalma dejjem kiser kull patt! Keċċih! U keċċi lilha wkoll! Int kont irbaħt, Ma! Samwel se jibqa' magħna. Imma mhux biha hawn... Dik iż-żiemel ta' Trojja, Ma. Biha hawnġew kollox mitluf.

NANNA: Kieku rrid neħles minnha mhux se nsibha daqshekk bi tqila, tibżax.

ELEN: U minnu wkoll! Barrani huwa wkoll! Keċċih.

NANNA: Kien darba barrani.

ELEN: Għadu! Barrani - u għadu!

NANNA: Kien l-ikbar ħabib ta' missierek.

ELEN: Ħabib! Alla jilliberana minn ħbieb bħalu!

NANNA: Imma missierek ħafer. Int ma tafx, Elen

ELEN: Ħafer! Ħafer għax kien beżżiegħi - bla sinsla bħalna lkoll. Minħabba n-nies - minħabba lsien in-nies!

NANNA: Ħafer - u Alla ħafer ukoll.

ELEN: Jekk din hi maħfra, agħtini s-saħta!

NANNA: Batejna u pattejna biżżejjed.

ELEN: Ħafer - u safrattant int kont dejjem hemm fuq, waħdek, u huwa hawn isfel - jew hemm barra bis-senter - taparsi jiġri wara l-passa. Ħafer iva - quddiem in-nies - għax hekk kien jeħtieġ. Imma mhux quddiem Alla. Quddiem Alla għadu jixher u jakkużak sa' llum. U ma jieqafx sakemm ma tkeċċihx minn hawn ġew. Keċċih, Ma!

NANNA: Imma għandna bżonnu. Meta miet missierek...

ELEN: Meta miet missieri! Naf ma kienx hawn raġel f'did-dar! Għajr Nikola! Imma issa hawn! Ukoll jekk tinsa 'l Samwel - dejjem kien hawn

Eżra! Kieku mqar qatt ippruvajt tafdah... Jien naf - biċċa mara jien - ma neżistix - imma talanqas kien hemm Eżra.

NANNA: Eżra. *(Ixxejjer rasha - b'mogħdrija - forsi bi ftit disprezz ukoll)* Tabilħaqq. Stajt fdajt lil Eżra.

ELEN: Tajjeb - mela kompli ħalli kollox f'idejn Nikola! Kompli afda fih! Tara kif lil Samwel ukoll jeħodlok. U jkun ħaqqek - ikun ħaqqek! L-ewwel missieru - u issa Samwel. U jkun għarraq familja sħiħa... Imbagħad jistrieħ Nikola.

NANNA: Le. Nikola jaf safejn għandu jasal.

ELEN: Jaf! Tgħid dejjem kien jaf!

NANNA: Petra imma, Petra ħaġ'oħra. Forsi għamilt żball - ikkalkulajt ħażin... Se tkunlu t'aktar ħsara milli ġid. Għada ibgħat għal Dun Pawl!

ELEN: U għan-Nutar ukoll.

NANNA: U għan-nutar ukoll, jista' jonqos. Nutari, periti, monsinjuri - kollha l-istess! Imma huma jridu jkunu, għax mingħajrhom m'int xejn. Imbagħad hemm is-Sa Petronja... Imma l-ewwel inkellimha jien, tibżax. Aħna nies ta' l-affari tagħna wara kollox Tgħid li trid is-Sa Petronja - aħna nies ta' l-affari tagħna!

ELEN: Tgħid li trid. U xi tridha tgħid is-Sa Petronja, Ma? Dak li dejjem qalet - dak li jgħid kulħadd. Int - int ma tafx, Ma. Jien naf in-nies - jien li kuljum ikolli ninżel fosthom... Għaliex taħseb li x-xirja dejjem hekk miżera? Għaliex il-frott dejjem imħassar, il-ħaxix niexef, il-laħam imqadded - qatt ħobża friska? Nipprova kieku dejjem immur meta ma jkunx hemm nies - meta jwarrbu. Għax ukoll narahom biss ikessħuli demmi - miġbura madwar tal-ħaxix, jimbuttaw, itaqtqu u jaqbżu, qishom dud iserrpu madwar wurdiena mejta - u lsienhom itaqtaq, għajnejhom joqtlu, u jgħajtu u jimbuttaw... Meta saflaħħar insib il-kuraġġ nersaq, ikolli nitqanna b'li nsib - bil-fdal li jħalluli. Imma l-agħar hija dik is-sikta li taqa' - dik is-sikta trid tisma', Ma - is-sikta li taqa' malli nersaq jien, demmi kiesaħ, imnifsejja fgati... X'taħseb li jistgħu jgħidu agħar mis-skiet tosku li ngħum fih kuljum hemm isfel? Mela ħalliha tgħid lis-Sa Petronja, Ma - ħalliha tgħid li trid. Xejn ma jista' jkun agħar. U keċċiha lil Petra. Talanqas lilha.

*In-NANNA matul dan id-diskors ittella' idejha ma' ħaddejha, iċċaqlaq rasha minn naħa għal oħra, donnha ma tridx tisma', jew trid tbarri dak li qed tisma'.*

*Pawsa twila hekk kif ELEN tiskot - in-NANNA tinstema' tgedwed waħedha, kliemha bilkemm jiftiehem, għajr forsi.*

NANNA: Nies ta' l-affari tagħna. Ta' l-affari tagħna!

ELEN *(bħal donnha tiftakar li hemm ommha fil-kamra)*: Keċċiha... X'int tgħid, Ma? Smajt x'għedt?

NANNA: Qed tisma', Elen?

ELEN: Ma smajtnix. Ma smajt xejn.

NANNA: Ismagħhom, hemm barra. Gejjin - ismagħhom. Sejjħilhom, Elen.

*L-ilħna ta' SAMWEL u PETRA jinstemgħu barra, imma mhux li jingħarfu.*

ELEN: Lil min, Ma? Erġajt ma tiflaħx, għid? Ħadtha l-pinnola?

NANNA: Sylvie! U Philip. Kemm damu barra... Dik it-tarbija ħallewha u nsewha. Sejjħilhom.

ELEN: Ejja, Ma. Erġajt ma ħadthiex! Erġajt! Ejja. Issa nagħmel ftit misħun. Dawk mhux huma...

NANNA: Ismagħhom imma!

ELEN: Dak Samwel. U Petra, Ma!

NANNA: Petra? Min huma, Elen?

ELEN *(tittawwal)*: It-tfal, Ma.

NANNA: Fejn marru? X'inhuma jagħmlu, Elen?

ELEN: Jiġru- iduru u jiżfnu madwar il-barmil bil-ġir. Qishom għandhom ferħ ta' ġenn... Ibillu idejhom fil-ġir u jbexxu lil xulxin u lis-serra bih! Qed jimtlew ġir! Iħirsa bojod. Jimmarkaw siġar u pjanti... kollox abjad...

NANNA: Nikola - sejjaħ 'il Nikola!... Iwaqqafhom hu! Mur għidlu, Elen!

ELEN: Hemm qiegħed, tibżax, Ma. Diġà qiegħed hemm - jara kollox. Iżda ma jerfax saba' li hu saba'! La hemm Nikola magħhom imma tista' sserraħ moħħok, Ma! *(Ironika)* Serraħ moħħok mela!

*Ikompli l-għajjat minn barra għal xi sekondi, sakemm f''daqqa waħda jinstemgħu sparaturi ta' senter qrib sew. L-għagħa tieqaf zopptu.*

NANNA: Reġgħu daħlulna, Elen! Reġgħu daħlu. U mbagħad ikollhom il-wiċċ iġibuhom lil Eżra biex jibbalzmahomlhom! Qatt imma, Elen - qatt aktar, qed tifhem!... X'ġara? Għala dal-kwiet?

ELEN: Waqfu. Sejjħilhom Nikola. Deħlin fis-serra. Ghall-qsari, Ma!

NANNA *(tiftakar)*: Il-qsari

ELEN: Iva, se jgħinuh joħroġ il-qsari - il-pjanti li s-Sa Petronja qaltlek iridu għall-fiera nhar il-Ħadd. Qed tiftakar, Ma?

NANNA: Iva - u l-fjuri wkoll. Jeħtieġ jaqta' ftit fjuri wkoll. Għedtlu għall-fjuri, hux Elen?

ELEN: Għedtlu - il-fjuri wkoll, iva. *(ċediet kompletament)* Il-fjuri wkoll. U jien inlesti l-peduni - sal-Ħadd inlestihom, teħux ħsieb. Wegħedtha li nlestihom lis-Sa Petronja u nlestihom, teħux ħsieb... Ejja, Ma. *(Timbotta s-siġġu tar-roti 'l barra)* Tinkwetax aktar. M'hemm xejn x'tinkwieta aktar. Ejja ħu l-pinnoli.

NANNA: Imma Eżra, qatt aktar! Qatt aktar!

*Joħorġu.*

*Ħemda għal xi waqtiet. Barra, inżul ix-xemx dehbien jidher ħuġġieġa minn bejn it-truf tal-purtieri tal-loġġa.*

*Jidħol SAMWEL mill-ġnien b'zewġt iqsari mxellfin u maħmuġin f'idejh; ħwejjġu, wiċċu u dirgħajh mimlijin ġir. NIKOLA jidħol pass warajh iġorr qasrija kbira oħra .*

SAMWEL: ...Mostru saret. Ma ssibx oħra li hi oħra f'dik is-serra żgur, qalb dak il- urrieq u l-ħġieġ imkisser.

NIKOLA: Hi kissret li kien baqa', għidilha s-Sa Petronja jekk tgħid xi ħaga. Dak kulma baqa' u daqshekk.

SAMWEL *(jimsaħ il-ġir minn wiċċu u idejh fit-'T shirt')* END : Veru, pero kont ilek int ma ssewwi xi ħaġa wkoll

NIKOLA: Tibdilix int, issa. Lilek jonqosni. U narak int lilek t arrek il-warrani biex issewwi u ta dem! Arak kif sirt! Int t arrek kieku iva imma... Hii! Ara, tibdilix, tibdilix!

SAMWEL: U iva, nammetti, forsi xi ftit ħtija tiegħi ukoll. Biss meta niftakar kif kienet dik is-serra meta kont żgħir - qisha palazz tal-ħġieġ se jixpakka bil-fjuri u frott... U dawk l-għasafar kullimkien. U l-guva - tiftakarha dik il-guva enormi mimlija għasafar - hemm kienet, le, ma' ġemb is-serrer?

NIKOLA: Fejn naf... X'int tgħid?

SAMWEL: Il-guva! Hemm kienet. Dak il-wajer kollu msaddad, dak l-injam... Dik kienet il-guva, le?

NIKOLA: Għedtilkom, tersqux 'l hemm. X'baqgħet tagħmel hemm barra ħafja dik?

SAMWEL *(iħares 'il barra lejn il-ġnien mixgħul bid-dija ta' nżul ix-xemx)*:

Ta' l-għaġeb il-ġmiel li kien hawn

NIKOLA: Kieku… Darba, meta kien għadu hawn missierek, darba kien għad hemm ċans issalva xi ħaġa kieku. Li kieku seta' jagħmel hu…

SAMWEL: Imma ma ħallewhx hux hekk, Nikola? Lanqas lilu - ma ħallewhx. U int ma ħallejtux, lanqas.

NIKOLA: Missierek… Missierek kien twajjeb wisq. Twajjeb wisq għalihom. L-aħħar ħaġa tajba li rat id-dar forsi.

SAMWEL: Dawk il-kotba li n-Nanna tgħid kienu taz-ziju reverendu, ħafna minnhom ta' missieri kienu, hux tassew?

NIKOLA: Tiegħu *(jieqaf)* Imma ara, daqshekk; ma nanntek għamilt patt jien. Mur ġib li baqa'...

SAMWEL: Patt u mhux patt - naf xorta waħda. Il-kitba tiegħu fuqhom sirt nagħrafha. Missieri kien għal qassis, hux hekk? Irrid ngħid, għal qassis tassew, mhux bħali

NIKOLA: X'jiġifieri, mhux bħalek? Għaliex - x'int int? X'taħseb li int anqas int! Ifhimni, Samwel - ifhimni - xiħadd Hemm Fuq ifassallek pjan - jagħti sinjal u juri triq li jittama li jsib min jimxi matulha, imma ħaddieħor- ħaddieħor!

SAMWEL: Ħaddieħor li jaħseb li jifhem aktar minnu jaf iġiegħlek tibdel direzzjoni?…

NIKOLA: Alla jitħallas.

SAMWEL: Niftakar l-ewwel darba meta int urejtni l-artal li kien jilgħab bih missieri. X'ġenn taha n-Nanna! Qabdet kollox u riedet tarmihom. Ħallietni nżomm biss il-gandlieri, *(jidħaq)* basta ndewwibhom u nagħmel suldati taċ-ċomb bihom! U mbagħad int, fil-Milied, meta kont nagħmel il-kaċċatur ħdejn il-grotta jispara fuq il-gamiem u l-anġli, kont taqbeż fuqi int imbagħad!

NIKOLA: U tidħaq issa int… Kif għadek tista' tidħaq?… Ifhem - ifhem sew, Samwel. Minn din il-familja Hu talab iben - u ċaħduhulu! Imma żmien il-ħlas mhux bogħod.

SAMWEL: Ma nafux dan alla aħrax tiegħek.

NIKOLA: Alla t'Abram - Alla ġust, mhux aħrax. Dak li l-bniedem jiċħadlu Hu jaf jieħdu waħdu - għax dejjem kien tiegħu. Hares madwarek u ifhem is-saħta li waqgħet.

*PETRA tfaċċat fil-bieb tal-loġġa - hi ukoll iġġib qasrija b'xitla' ġewwa fiha.*

PETRA *(tgħolli x-xitla 'l fuq - bi kburija - sarkastika)*: Iva - imma ħares madwarek sew! Ara - dan ukoll jien lest nagħtik! Sinn il-minġell għax żmien il-ħsad mhux bogħod!

SAMWEL: X'inhi dik?

PETRA: Iben ħali! Lanqas xitla tal-larinġ ma tagħraf? U bħala hemm oħrajn hemm barra, wara s-serra. Hemm gzuz! Għax ma tożborhomx dawk, Nikola? Għadhom tajbin.

NIKOLA: Għaliex - x'tifhem int!

PETRA: Xi ftit! Għandek uħud diġà mlaqqmin - it-tilqima mqabbda sew ukoll. Kemm tożborhom.

NIKOLA: Għeruq nexfin imma - u nofshom imkissra wkoll.

PETRA: Inqaċċtu minn fejn hemm il-ħsara 'l isfel. U nxettluhom fejn il-kanċell, ħdejn l-oħrajn.

NIKOLA: Biex tara kemm tifhem. Tagħmel l-istess żball. Fix-xitwa jrid il-kenn iċ-ċitru - fis-sajf imbagħad trid taħsiblu għall-lupa. M'hemmx kenn hemm.

PETRA: Għalhekk qed insaqsi lilek. Xi mkien insibulhom - ġnien bħal dak! Ejja, Samwel!

SAMWEL: Xiex?... Xi tgħid, Nikola? Taħseb jieħdu?

NIKOLA: Jieħdu… Agħmlu li tridu. Jien żmieni għamiltu - m'għandkomx bżonni aktar hemm barra - dawk l-erba' tomniet li baqa'. Għalfejn?

PETRA: Biex ma tħallix l-għollieq jirbaħ kollox! Għalhekk.

NIKOLA: Lili ma jirbaħli xejn - qatt ma kienet tiegħi dik l-art. Ftakar, hemm miktub - L-art ma tinbiegħx għal dejjem - għax Tiegħi l-art u intom Tiegħi - Qiskom l-għorba jew qegħdin Miegħi.

PETRA: Tajjeb - imma safrattant nistgħu nieħdu ftit ħsiebha - tagħna jew m'hix!

SAMWEL : U ejja, Nikola! Naqilgħuh aħna l-ħaxix ħażin - kollu kemm hu! U wkoll dak il-ġebel u ħġieġ imkisser inneħħulek.

PETRA: Ix-xtieli nieħu ħsiebhom jien. U rrid niżra'??? fjuri wkoll - ward, gladjoli

NIKOLA *(bla ma jrid)*: Ġiżimin - dejjem xtaqt ġiżimin.

PETRA : Ġiżimin ukoll - għaliex le! Meta kienet l-aħħar darba li rajt fjuri bħal dawk hemm barra, Nikola?

NIKOLA : Ma niftakarx… Le, nigdeb - niftakar… *(Imma jieqaf).*

PETRA : Għina, Nikola. Xi darba lkoll niġu bżonn lil xulxin.

SAMWEL: Ejja, Nikola - għid iva! Int kollox taf fuq pjanti u xtieli.

NIKOLA: Kont naf.

SAMWEL: Taf! Aħna nkunu d-dirgħajn - kun int il-moħħ.

NIKOLA: Il-moħħ. Jien ma naħsibx li qatt imxejt wisq b'li jgħidli l-moħħ. Kieku mxejt b'li jgħidli moħħi… *(Ixengel rasu)* Min jaf.

PETRA *(malajr tibred. Titlaq il-pjanta fl-art)*: Għaliex le? X'jgħidlek moħok issa, per eżempju?

NIKOLA: Il-verità. Jgħidli li malajr tinsew intom.

SAMWEL: X'ninsew?

NIKOLA: In-Nanna per eżempju

SAMWEL: X'jiġifieri?

NIKOLA: Jiġifieri, hi ma tkunx trid. Kien ikun sabiħ hemm barra kieku, jiġifieri, iva, imma Elen tmur tgħidilha x'qed tagħmlu u ma tħallikomx. Għaliex il-veru u s-sabiħ hawnġew m'hawnx loku. Ukoll jekk tmorru tistaqsuha intom stess, 'le' se tgħid. Jiġifieri - ukoll kieku jien stess irrid ngħinkom, ma nistax.

PETRA *(bla rabja)*: Jiġifieri ma tridx.

NIKOLA: Le. Jiġifieri l-art hija misħuta *(Jieqaf).*

SAMWEL *(kiebi)*: Kompli, tibżax, Nikola. Ridt tgħid, l-art hija misħuta - u - żerriegħa wkoll. Dak li jiġifieri, hux hekk, Nikola?

PETRA: Iż-żerriegħa wkoll... U l-innoċenti wkoll, mela... L-innoċenti jħallsu wkoll, hux hekk Nikola? Fil-pjan kbir tiegħek tal-ħolqien, li l-innoċenti jħallsu hu maħsub ukoll, hux hekk?

NIKOLA: Innoċenti? M'għadx hemm innoċenti u ħatja, binti. Int, aktar minn ħaddieħor imissek taf. Kulħadd hu ħati.

PETRA: Kulħadd. Hekk taħseb? Mela, għidli ħaġa… Le, stenna ftit *(Iddur irrabjata lejn il-bieb tal-loġġa - toħroġ u narawha titbaxxa tiġbor xi ħaġa li ħalliet wara l-bieb qabel daħlet)*

SAMWEL: Fejn sejra...?

PETRA: Stenna... Hawn, ara. *(Terġa' tidħol. F idejha għandha trabokk).* Ħares. Kellek raġun int, Samwel. Kien hemm pitirross hemm barra. Dak pitirross kien, hux hekk Nikola?

SAMWEL: Ħa nara! Qbadna wieħed?

PETRA: Qbadnieh… Jew inqabad. Ara - taħt il-molla.

SAMWEL: Ħa nara - fejn? Dak… dak il-gozz rix mgħaffeġ… Imma dak mejjet!

PETRA: Naf. Nikola jaf ukoll. Imma Nikola jgħidilna li m'għadx baqa' innoċenti, lanqas.

NIKOLA : Ħatja biss.

SAMWEL *(wiċċu qrib mat-trabokk)*: Imma ħarsu!

PETRA: Min ħati?

NIKOLA: Bħali - li ħallejtkom issibu dak it-trabokk - U bħalkom li użajtuh.

SAMWEL *(bilkemm irid jemmen)*: Ħarsu imma! Qed jiċċaqlaq! Għadu mhux mejjet!

PETRA: Le. Mejjet. Mejjet kien!

NIKOLA: Għadu jiċċaqlaq - jitkgħaweġ. Għaliex ħallejtu hekk, Petra? Għaliex ma ħlistux?

PETRA: Kien mejjet! Ħsibtu kien mejjet.

NIKOLA: Jew xtaqtu jkun mejjet.

PETRA: Le!

NIKOLA: Għax mejjet aħjar milli jkun magħluq ġo xi gabbjetta - tifkira tal-ħtija tiegħek.

SAMWEL *(jidher aktar ma jmur affaxxinat u xxukkjat)*: Ħallikom mill-paroli! X'se nagħmlu bih issa?

PETRA: Forsi veru imma - aħjar mejjet.

SAMWEL *(ma semax)*: Żomm, ħa. *(Jagħti t-trabokk lil PETRA waqt li jeħles l-għasfur minn taħt il-molla)* Għadu ħaj kieku... X'se nagħmlu?

PETRA: Ġib - ħa nara.

*Imma SAMWEL jidher f'daqqa waħda bħal donnu jitriegħex. Isir abjad lellux u jintelaq bilqiegħda fuq tarġa tal-loġġa.*

SAMWEL: Id-demm… *(Jinġibed lura mill-għasfur mgħaffeġ f'idejh. Forsi qed iħossu jistordi).*

NIKOLA *(iħares fiss lejh għal xi waqtiet - imbagħad, kważi b'ansjetà u biża' mhux normali)*: Neħħieh minn idejk, Samwel!

*NIKOLA jkun se jersaq fuqu biex jieħu l-għasfur, iżda PETRA tilħaq qablu.*

PETRA *(lil NIKOLA)*: Ħalli! *(Tieħu l-għasfur minn idejn SAMWEL li donnu ma jistax iħoll il-ponn)* Ġib, Samwel. Tiħuli.

SAMWEL: X se nagħmlu bih?

PETRA: Issa naraw. Mur. Mur int. Gib ftit ilma mill-ġibja.

SAMWEL *(jipprova jqum)*: Ilma? Għalfejn?

PETRA: Mur aħsel idejk! U xappap wiċċek!

SAMWEL: M'għandi xejn.

PETRA: Mur għedtlek!

*SAMWEL jirnexxilu jasal sal-bieb, minkejja l-isturdament, iżda ma joħroġ x'mil-loġġa. Jieqaf jistrieħ mal-koxxa tal-bieb, iħares lura biex jara x'qed tagħmel PETRA.*

*PETRA tqiegħed l-għasfur f'qiegħ ta' waħda mill-qsari, imbagħad tmur tfittex ġebla mdaqqsa f'waħda mill-qsari kbar.*

SAMWEL: X se tagħmel?

PETRA *(b'qilla)*: Mur fejn kont sejjer int! *(Tersaq bil-ġebla lejn l- għasfur fil-qasrija).*

SAMWEL *(jifhem)*: Petra, le! *(Jerġa' lura)* Għaliex imma?

PETRA: Jeħtieġ Samwel.

NIKOLA: Avolja inno enti?

PETRA: Xiħadd jeħtieġ! Ma intix tarah muġugħ? Tridu jibqa' hekk, għadmu mfarrak - muġugħ?

SAMWEL: Se tgħaffġu? Għandek il-ħila?

PETRA: Jekk taf xi mod ieħor, agħmel int - jekk int kapaċi! Taħseb gost tiegħi? Agħmel int, ħa! *(Ittih il-ġebla).*

*SAMWEL isib il-ġebla f'idejh. Jagħmel l-għalmu u jgħolliha fuq l-għasfur. Imma jerġa' jieqaf, indeċiż.*

PETRA: Iddumx imma, Samwel! Toqgħodx taħsibha. Ġib 'l hawn!

*PETRA tipprova tieħu l-ġebla lura minn idu, iżda SAMWEL ma jħallihiex u jerġa' jerfa' l-ġebla. Għal xi waqtiet donnhom it-tnejn għandhom il-ġebla f'idejhom - it-tnejn lesti biex iniżżluha fuq l-għasfur... u t-tnejn indeċiżi.*

*In-NANNA u ELEN jitfaċċaw mill-bieb tax-xellug.*

NANNA: Petra - Samwel! X intom tagħmlu!

PETRA: Issa, Samwel! Issa!

NANNA: Neħħi dik il-ġebla minn idek, Samwel! X'int tagħmel?

SAMWEL *(idhu donnha bbieset)*: Ma nistax, Petra! Ma nistax!

*ELEN tersaq qrib tara x'qed jagħmlu.*

ELEN: Dak l-għasfur? X'intom tagħmlu, Samwel?

PETRA *(hekk kif SAMWEL jibda jniżżel idu u tibqa' bil-ġebla f'idejha)*: Xejn. Kien qed imut. *(Tpoġġi l-ġebla fuq il-mejda)* Inqabad taħt il-molla tat-trabokk. Kien... muġugħ... qed imut bil-mod. Aħjar mejjet... milli hekk.

ELEN: U kont se tgħaffġu b'dik il-ġebla?

PETRA: Iva.

NANNA: Int x'int? X'mostru int, int?

SAMWEL: Le! Mhux tort tagħha! Jien ridt noqtlu

NANNA: Iskot, int! Għandi għajnejn biex nara jien! *(Lil PETRA)* Dan kollu minnek ġej!

SAMWEL: M'hu ġej minnha xejn! Jien ridt noqtlu wkoll! *(Jerġa' jaħtaf il-ġebla f'idu)* Hekk - ngħolliha hekk u nniżżilha b'kemm għandi saħħa u ħila - bla ħniena! Ngħaffġu u nħallih ponn rixx u demm... Hekk! *(Jgħolli l-ġebla b'rabja - kważi isteriku).*

NANNA *(b'qilla liemha bħalha)*: Le, Samwel! Itlaq dik il-ġebla!

*SAMWEL jieqaf - idhu fl-arja.*

NANNA: Neħħiha minn idejk!

PETRA *(b'rażan sħiħ fuqha nnifisha - itella' idha m'id SAMWEL, iżżommu)*: Le, Samwel. *(Idha l-oħra ddaħħalha fil-qasrija fejn hemm l-għasfur)* Le.

SAMWEL: Għaliex, Petra, imma! Mhux hekk ridt....?

NANNA: Neħħiha!

PETRA *(toħroġ l-għasfur mill-qasrija - ponn rix marsusin f'idejha)*: Issa - m'hemmx aktar għalfejn.

NANNA: Samwel!

SAMWEL: Ma hemmx għalfejn? *(Iħares mesmerizzat lejn id PETRA. Bil-mod il-mod iniżżel il-ġebla).*

NANNA: Missek smajt minni mill-ewwel, Samwel!

SAMWEL: Smajt, imma mhux minnek.

NIKOLA *(inkwetat - mhux b'ċanfira)*: Samwel

SAMWEL: Smajt - imma mhux minnkom! *(Donnu jrid i ebb għal xiħadd ma*

*jafx min - PETRA żżommu lura bil-qajla).*

ELEN *(resqet qrib tħares lejn idejn PETRA)*: Idejk bid-demm... Int qtiltu. Għaffiġtu b'idejk! Int qtiltu!

PETRA *(tpoġġi l-għasfur lura fil-qasrija. Tħares lejn idejha)*: Mejjet... Għax jien ma nibżax inċappas idi bid-demm, lanqas. Imma int x'taf Elen, fuq ħajja jew mewt, int li qatt ma trid iċċappas idejk?

ELEN: Minnek! Qalb xierfa! Kollox minnek ġej!

PETRA: Minni. Minnek qatt li ma jista' jiġi xejn imma

*ELEN tagħtiha daqqa ta' ħarta. Pawsa qasira - infinitezimali - u PETRA, bla qilla, imma soda, troddilha daqqa ta' ħarta lura.*

NANNA: Elen! *(Il PETRA)* Iva, minnek! Minnek!

ELEN *(minkejja d-daqqa, kważi kuntenta)*: Kont għedtlek jien, Ma! Sewwa kienu qalulna fuqha! Kont għedtlek!

SAMWEL: X'għedt? X qalu!

NANNA: Dak nafu jien! U messu kien jafu Nikola wkoll, qabel daħħalha hawnġew. *(Lil PETRA)* Itla' fuq, int! Issa! *(Lil NIKOLA)* Għandi nifhem li int tajtulhom it-trabokk ukoll. Oħorġu 'l barra minn hawn. Ma rridx narah aktar b'għajnejja!

NIKOLA *(sarkastiku)*: Kif tixtieq... Sinjura.

NANNA: U dawk il-qsari wkoll! Barra!

*Bil-mod, bla għaġla, NIKOLA jibda jerġa' joħroġ il-qsari li għadhom kemm da lu.*

ELEN: Barra! Issa - issa teħles minnha, Ma - issa?

NANNA: Issa li rajt b'għajnejja

SAMWEL: X'rajt? Qed ngħidlek mhux ħtija tagħha, Nann!

NANNA: Forsi. Forsi le, mhux ħtija tagħha - veru. Wara kollox, x'nafu aħna fuq il-familja tagħha? Min kienu niesha - l-ambjent li ġiet minnu?

SAMWEL: Le, Nann! Ieqaf!

NANNA: Għaliex, le? Qed naqbel miegħek wara kollox? L-ambjent li ġiet minnu, mhux tort tagħha. Taf hi stess min kienu niesha?

SAMWEL: Biżżejjed, Nann!

NANNA: Għidlu, Petra. Għidlu int stess, taf min kienu?

SAMWEL: Nann!

PETRA: Samwel!... *(Kalma)* Għandha raġun hi.

SAMWEL: X'raġun?

PETRA: Għandha raġun. *(Lin-NANNA)* Le, sinjura, niesi ma nafx min kienu. Għalhekk ngħix ma nies li ma nafhomx. F'ambjent bħal dan.

NANNA: Ippruvajt jien wara kollox ma naqħtix widen ilsien in-nies. Ippruvajt ma nemminx... Imma kif ma nemminx dak li jaraw għajnejja?

SAMWEL: Imma x'raw għajnejk! *(Jaħtaf l-għasfur mill-qasrija)* Dan? Gozz demm u rix mgħaffeġ? Dak li rajt?

ELEN: Jekk trid ngħid jien x'rajt b'għajnejja, Ma !

NANNA: Ma hemm bżonn ħadd jgħidli xejn aktar! Xejn aktar! Għedtlek itla' fuq int, Petra. Inkellmek wara.

SAMWEL *(Donnu jitqażżeż id-demm ta' l-għasfur mejjet, jerġa' jitilqu)*: Le, stenna Petra. *(Jidher se jibda jtih ħass ħażin).*

*Imma PETRA diġà daret u bdiet miexja lejn it-taraġ.*

NANNA: Int però, Samwel, int m'għandekx l-iskuża tagħha. Wara li rabbejniek bl-akbar għożża, kif?

SAMWEL: Għożża! *(F daqqa waħda jżomm l-istonku, jintlewha tnejn)* Petra!

*PETRA ddur, tinduna li se jħossu ħażin u tagħmel biex terġa' lura.*

NANNA: Mur int!...Itla' fuq!

SAMWEL: Petra! *(Imma ma jiflaħ x'aktar - mgħawweġ tnejn joħroġ jigri 'l barra mil-loġġa, iżomm l-istonku u ħalqu)*

*ELEN tagħmel biex toħroġ warajh biex tgħinu, iżda fil-bieb tal-loġġa dlonk tfaċċa NIKOLA.*

NIKOLA: L-istonku tad-Depawli rtab bil-bosta maż-żmien qed nara.

ELEN: Mhux kulħadd għandu stonku u qalb xierfa, Sur Nikola!

NIKOLA: Ħalluh - m'għandux bżonnok. Ma għandu xejn.

NANNA: X'għandu bżonn narawh aħna! Neħħi dawk il-qsari kollha minn hemm għedtlek.

*PETRA ddur u titla' t-taraġ; ftit wara jinstema' bieb jinstabat.*

ELEN: L-aħħar tisbita imma!

NIKOLA *(jaqbad qasrija)*: X'tgħidilha lis-Sa Petronja issa la tiġi għall-qsari u l-fjuri?

ELEN: Mhux se jkun hemm bżonn ta' qsari u fjuri! Għidlu, Ma!

NIKOLA: X'tgħidli? Għaliex - hemm xi ħaġa x'tgħidli?

NANNA *(tpoġġi - l-effett tal-battikata jaħkimha f'daqqa)*: Mur, Elen - mur ara x'għandu Samwel.

NIKOLA: Iva - mur jekk trid, Elen, mur ara ftit

ELEN: Ma!

NIKOLA: Forsi tippreferi tibq'hawn. Tisma' x'għandha tgħidli?

*SAMWEL jitfaċċa lura f'daqqa fil-bieb tal-loġġa. Wiċċu mxarrab bl-ilma - jidher qed jistejqer.*

SAMWEL: Petra - fejn hi Petra?

NANNA: Fejn suppost qiegħda. F'kamritha. Poġġi bilqiegħda, Samwel.

SAMWEL *(ipoġġi għal waqt wieħed - iktar għax ma jiflaħx, milli għax jobdi)*: Għaliex għamiltulha hekk? X'għamlet ħażin? Għaliex tobogħduha? Lanqas biss tafuha u tobogħduha daqhekk?

NIKOLA: Imma int tafha, hux hekk?

SAMWEL: Nafha iva!

NANNA: Biżżejjed! Samwel, għaliex qed tagħmel hekk? Kont bdejt tant tajjeb meta ġejt lura. Imma mindu ġiet hawn dik...

SAMWEL: Dik!... Għandha isem - dik!

NANNA: Wara dak kollu li għamilna miegħek, Samwel!... Ma jmissekx!... Ma jmissekx! Int imissek tgħin hawnġew, issa - m'għadekx tifel! Int ir-raġel ta' din id-dar issa!

SAMWEL: Raġel! U intom dak biss li tridu, hux hekk? Dak li dejjem ridtu... *(lin-NANNA u ELEN)* ...intom it-tnejn - raġel ġo din id-dar! Depawli ieħor- ma jimpurtax hux twil jew qasir - ikraħ jew sabiħ - ħażin jew tajjeb - basta jkun Depawli! Għalhekk ma ħfirtulu qatt lil missieri.

NANNA: Missierek qatt ma kien jaf xi jrid - egoist - ħarab ir-responsabbiltà!

SAMWEL: Min jaf x'ħarab? Il-ħasra li ħalla lili warajh.

NANNA: Kellu dmir...

SAMWEL: U dmiru qdieh! Takom tifel, le! X'ridtu aktar - x'tort tridu tibqgħu ttuh? Jien iva imma, jien intih tort - tort li ġabni f'dinja li ma kienx jemmen fiha - għall-glorja u l-fama tal-familja - id-dinastija Depawli!... Grazzi ħafna, għeżież Depawli - imma kont aktar nibqa' nafhulkom kieku għażiltu twettqu *hara kiri* u tagħmlu *full-stop* xi ġenerazzjoni jew tnejn ilu. Grazzi ħafna - imma għalija Depawli setgħet kienet it-tikketta tal-pett taż-żarbun tiegħi!

NANNA: Iskot!... Int - int ma tafx għajr kif tkasbar. Int - int iben missierek!

SAMWEL: Grazzi ħafna - imma dak mhux tort tiegħi!

NANNA: Egoista. Gifa! Ir-responsabbiltà...

SAMWEL: Ma nafx x'inhi - misskom għallimtuhieli - bl-eżempju! Il-gratitudni? Lanqas ma naf! Il-ħlas li titolbu hu għali wisq. Intom mhux ismi biss tridu hawnġew - tridu ruħi wkoll!… Intom - intom ilkoll int u dik… *(ELEN)* - u dak - *(idur, ifittex lil NIKOLA)* - dak ukoll!

ELEN: Le - mhux dak ukoll - imma dak biss! Hu l-ħtija ta'...

NANNA: Ħallik minn dak! Ma tarax li dak dan li kien qed jistenna mindu daħħal lil dik hawnġew!

ELEN: U kont għedtlek jien! Il-barranin, Ma- il-barranin li int ħallejt jidħlu hawnġew! Imma issa jeħtieġ imorru, Ma! Ilkoll kemm huma - illum qabel għada!

NIKOLA: Imma llum - illum jeħtieġ li l-ewwel inneħħi dal-qsari - u dawk l-imkissrin hemm barra wkoll, le? U min se jnaddaf hemm barra - dak il l-ġir li xerrdu dawk?… Dak xiħadd irid ineħħih ukoll.

ELEN: Jieħu ħsieb, Samwel. Kapaċi, tibżax, kieku jrid.

NIKOLA: Ah, kieku jrid - u kieku ma jiddardarx. Imma jrid joqgħod attent li ma jmurx jaqta' idejh. Taf kemm għandhom l-istonku artab id-Depawli!...

SAMWEL: U ma ninsewx kemm jien egoista lanqas! U ġifa!... Imma lili ħalluni barra mill-ġlied tagħkom. Tqisunix aktar lili, qed tifhmu? Iżżeffnunix aktar fin-nofs, lili! Qatt aktar! *(Joħroġ sparat mid-daħla tax-xellug.)*

NANNA: Samwel, ejja 'l hawn! Fejn sejjer? Samwel!... Elen mur żommu - qas flokk m'hu liebes!… *(Bi drawwa - iddur fuq NIKOLA)* Tħallihx joħroġ, Nikola. Mur żommu!

*Jinstema' l-bieb ta' barra jistabat b'theżżiża.*

*Pawsa.*

*Wara l-inkwiet ta' l-aħħar ftit ħin, taqa' ħabta u sabta l-ħemda.*

*NIKOLA l-ewwel wieħed li jiġi f'tiegħu. Jibda jniżżel il-kmiem imxammrin u jimxi lejn il-bieb mnejn ħareġ… SAMWEL. Jgħaddi minn wara n-NANNA, issa mitluqa fuq siġġu mal-mejda.*

NIKOLA *(bla ma jħares lejha)*: Tridni mmur għalih?

*Ebda risposta. Jassumi li trid tfisser "Iva". Iżda bejnu u bejn l-arkata ta' barra hemm ELEN li kienet għamlet xi żewġ passi għal wara*

*SAMWEL, sakemm semgħet lin-NANNA tgħid lil NIKOLA biex imur hu.*

ELEN: Lilek żgur m'għandux bżonn!

NIKOLA: *(aktar ikellem lin-NANNA milli lilha)*: Xiħadd jeħtieġ imur.

ELEN: Xiħadd - imma mhux int. Għamilt biżżejjed int! *(Hekk kif NIKOLA jdur fuq in-NANNA)* Dak mhux ibnek - għax ma teħux ħsieb ibnek, int?

NIKOLA *(leħnu għadu baxx - imma perikolu)*: Tereża - din trid tinqata'. Jeħtieġ nitkellmu.

ELEN: Iva, Ma, jeħtieġ. U jeħtieġ tgħidlu llum. Għidlu - dik, hemm fuq, dan, minn għada stess

NIKOLA *(jaħtafha - aħrax)*: Għada! *(Maħnuq)* Għada... xiex? X'se jiġri għada, Tereża?

ELEN: Għidlu, Ma!

NANNA *(tqum deċiża mis-siġġu)*: Għada, iva! *(Imma donnha saħħitha ma tatihiex - jew jonqosha l-konvinzjoni. Iddur, togħrok idejha - timxi lejn il-bieb ta' ġewwa)* Għada… Għada iva!

ELEN *(issus warajha)*: Għidlu!

*NIKOLA, jaf li m'għandux minn xiex jibża' jitbiegħed minnhom, jersaq lejn il-bieb tal-loġġa.*

NANNA: Imma issa jeħtieġ xiħadd imur wara Samwel. Għada, għada naraw

ELEN: Leee! *(Bikja)* Issa - issa mhux għada!

NIKOLA: Immur jien għal Samwel

ELEN *(kważi tibki - umiljata):* Għidlu, Ma! Għidlu - għada - hu u dik... Għidlu, Ma!

NIKOLA *(mhux b'kefrija - imma sod - b'fatalità)*: Għada ma se naraw xejn. U xejn ma se jiġri għada…

*Ma tiflaħx'aktar, ELEN toħroġ tiġri tibki.*

NIKOLA: Għada jibqa' kollox kif inhu llum. Kif dejjem kien.

NANNA: Għax hekk trid int, Kola?

NIKOLA: Kif dejjem kellu jkun - għax hekk kellu jkun. Għada - m'hu xe jinbidel xejn.

NANNA *(konferma)*: Għax hekk trid int.

NIKOLA: Għax hekk irrid jien, jekk trid hekk. *(Idur iħares lejn in-NANNA)* U hekk ikun, Tereża.

NANNA *(timxi lejn il-bieb ta' ewwa. Tieqaf qabel ma toħroġ)*: Hekk ikun. Hemm limitu għas-suppervja, Nikola?

NIKOLA: Suppervja? Hemm limitu għas-sogħba, Tereż?

NANNA *(hija u ħierġa - mekkanikament; hi stess ma tafx għaliex għandha tinkwieta aktar)*: Xiħadd irid imur wara dak it-tifel. *(Toħroġ)*

NIKOLA *(ikellem il-baħħ)* : Issa mmur jien. Issa mmur jien, Tereża.

*Nieżla x-xemx. Il-palk jiddallam aktar ma jmur, u x-xena tkompli tiħmar qajla qajla.*

*NIKOLA bla ħajra, u aktarx biex jagħmel xi ħaġa, jibda jiżbarazza l-imbarazz li ddaħħal mis-serra.*

*Fil-bieb tal-loġġa jitfaċċa EŻRA, iżda mgħobbi kif inhu b'munzell xtieli tal-larinġ u xi xtieli oħra, nofshom miksija ħaxix ħażin u għollieq, mhux lakemm wieħed jagħrfu mill-ewwel kontra l-isfond tan-nofs dalma tal-ġnien.*

EŻRA *(jieqaf fid-daħla)* : Ġibtilhom il-fdal ta' l-għarqa - imma mank werqa żebbuġa ma sibt.

NIKOLA: Eżra.

EŻRA: Min isejjaħli?

NIKOLA: Stenna, tidħolx...

EŻRA *(jagħti pass - jaqgħulu xi xtieli)*: Is-soltu jgħiduli toħrogx.

NIKOLA: Ħa tħammiġlhom kullimkien. Fejn sejjer bihom dawk?

EŻRA: Ħadd hemm barra ma fadal... Isma' s-smewwiet! Il-Għoli jitkellem bir-ragħad tiegħu - jisfoga fuq il-ħażen il-qawwa tiegħu. U jidħlu l-bhejjem fl-għerien tagħhom, joqogħdu għall-kenn fil-bejta tagħhom...

NIKOLA: Ħalli - ħalli kollox haw', fil-loġġa! Issa nieħu ħsieb jien. *(EŻRA, bilkemm qed jara fejn miexi jolqot qasrija li titgerbeb it-tarġiet tal-loġġa, ixxerred ħamrija fl-art)* Ar'hemm! Ieqaf! Ieqaf qed ngħidlek, misħut!

EŻRA: Ftakar, xiħ! Misħut min jisħetni - imbierek min iberikni!

NIKOLA *(jipprova jikkontrolla ruħu)*: Ħalli - ħalli kollox hawn.

EŻRA: Rajtu hemm barra, it-tifel, il-maħrub, jiġri u jaqbeż fl-għelieqi, qisu l-imħerwel, taħt l-ewwel qtar tax-xita. U f'idu kellu s-senter.

NIKOLA: Min? Samwel?

EŻRA: Is-senter ta' missieru. *(F'daqqa waħda jgħolli jdejh u jiftaħhom hekk li jħalli kollox jaqa' fl-art u jinxtered għal ġol-kamra).*

NIKOLA: Ara x'int tagħmel! Min taħseb li se jnaddaf warajk issa!

EŻRA: Sewwa tistaqsi. Int hemm barra - Elen hawn ġew - imma min responsabbli tal-loġġa? Il-patt qatt ma kien ar. M'intix sejjer warajh? Kellu senter f'idejh.

NIKOLA: Lilek kien jonqos Lilek u lilu! (Bejn altejn ji borx li waqqa' jew inkella jmurx ifittex lil SAMWEL) Imma allura kollox jien! Kollox jien!

EŻRA: Elen ma jimpurtahiex aktar. Taf li qed tibki?

NIKOLA: Elen - Elen! Elen ukoll!

EŻRA: Qed tibki - hemm fuq! *(Ġest melodrammatiku - juri lejn il-ġewwieni tad-dar. Iżomm il-poża, imbagħad iniżżel idejh bil-mod)* Tibki. Imma titħassarhiex lanqas lilha. Għid minflok, il-ħasra fuqi u fuq uliedi Għidha, Xi !

NIKOLA (bla ton): Fuqi - u fuq uliedi.

EŻRA: Miskina, Elen. Ma hix qalbha ħażina, Elen imma. Mhux dejjem kienet hekk. *(Bla ma jħares lejn NIKOLA jkompli dieħel 'il ġewwa u jersaq lejn il-mejda)* Darba imma, niftakar, darba konna sibna bugħarwien fil-kċina. *(Għalkemm ma jistax jaraħ, donnu jaf li NIKOLA qed jibda jitbaxxa biex jiġbor l-affarijiet li waqq'a'. Iwaqqfu.)* Qed tisma', Xiħ? *(NIKOLA jieqaf).* Kienet qed tagħmel it-tè, Elen, hemm, fil-kċina - u sibna bugħarwien taħt is-sink, fil-kabord. Kien hemm żmien kont naħseb li bugħarwien mhux għajr bebbuxu bla kenn, ifittex dar - kont naħseb, min jaf kieku nsiblu dar, insiblu qoxra vojta ta' bebbuxu, biex jidħol fiha?... *(Pawsa qasira. Qiegħed ħdejn il-mejda - iħares fiss lejn qasrija - il-qasrija fejn ħallew l-għasfur mejjet).* Sibnieh hemm, ilbieraħ, waqt in it-tè. Kien daħal fil-kabord u ħalla ż-żlieġa tiegħu fuq kollox - fuq il-platti, l-iskutelli, il-plattini... U t-tazez ukoll. It-tazez ukoll, qed tisma'? U Elen irrabjat għax kellha terġa' taħsel kollox fil-kabord - il-platti, l-iskutelli u l-plattini - u t-tazez ukoll. Kollha, barra waħda. Wara għamlitilna t-tè. Ġo dik it-tazza wkoll. U ġiet tatek it-tè, Xiħ, lilek ukoll. U int xrobt minnha... dik it-tazza. Miskina, Elen.

> *NIKOLA jqum qajla qajla minn fejn kien waqaf kokka fl-art - f'idu għandu qasrija li jidher jaħfen b'qilla f'idu, donnu maħkum minn xi emozzjoni li tikber fih bħal vulkan.*

NIKOLA *(b'rogħda)*: Żommli idejja, Mulej... Mulej, żommli idejja. *(Imma ma jiflaħx irażżan lilu nnifsu aktar - jgħolli u jixħet il-qasrija fl-art f' nofs il-kamra - ħamrija ttir u tixtered ma kullimkien)* Misħuta dar! Misħuta!

Misħuta!

*Fid-dagħdigħa jdur lejn il-loġġa u jħarrat il-purtieri fi tnejn.*

*Barra, dawl qawwija mar - ix-xemx sparixxiet minn wara l-għoljiet, titfa' jserrep l-aħħar raġġ dehbien tagħha għal ġol-kamra tal-loġġa...*

*EŻRA, imriegħex, kemm minħabba d-dawl, kemm b'dak li qed jiġri - jgħatti għajnejh b'id waħda u, waqt li jdur lejn id-dawl, jgħolli idu l-oħra; fiha hemm l-għasfur mejjet li sab fil-qasrija. Jgħolliha 'l fuq fil-pala miftuħa ta' idejh, donnu b'att ta' supplika - jew offerta.*

EŻRA: *Eloi, Eloi - lama sabachthani?*

*Tir ta' senter minn barra.*

*Jinżel malajr is-siparju.*

*Tmiem it-Tieni Att.*

## IT-TIELET ATT

*Aktar tard fil-għaxija. Kultant tidher xi leħħa ta' berqa, u aktar rarament jinstema' r-ragħad - imma 'l bogħod.*

*Il-purtiera għadha mqattgħa u mdendla bħal fi tmiem l-aħħar att. Is-sellum issa qiegħed barra, jistrieħ mal-loġġa. Fuq il- ħġieġ hemm il-kliem RTO miktubin kbar bil-ġir minn barra, hekk li jidhru bil-maqlub minn ġewwa. Barra qiegħed iraxxax fin fin.*

*PETRA tinsab isfel, fuq l-aħħar tarġiet tat-taraġ, daharha jistrieħ mal-balavostri, rasha mgħaddsa fuq irkobbtejha, idejha marsusin madwar riġlejha, tħares dritt fil-vojt quddiemha. Liebsa libsa ħafifa ta' bil-lejl, mgħottija b'"nightgown".*

*SAMWEL, liebes in-nuċċali, jinsab bilwieqfa quddiemha - liebes l-istess ħwejjeġ tax-xena ta' qabel, imma aktar imxarrbin u mgħarrqin. F'idu għandu pakkett gallettini li qed jiftaħ u jiekol minnu.*

SAMWEL *(joffrilha l-pakkett)*: Ħa, kul. Dan kulma kien hemm. Mank tuffieħa ma ħallew. *(PETRA ma titħarrikx)* Ħa - u xi ħaġa. *(PETRA l-istess)* Għid xi ħaġa talanqas. Mhux se jinżlu issa. Jispiċċaw ir-Rużarju u jidħlu jorqdu. X'ġara wara li tlaqt?

*Iberraq barra, fil-ġnien - bosta sekondi wara ragħda tidwi 'l bogħod.*

SAMWEL *(iwarrab pass minn ħdejha. Jgħaffeġ il-pakkett tal-gallettini):* Għadha nieżla. Traxxax - imma dejjem nieżla. Ġiet kmieni x-xitwa dis-sena. Kien ilu jinġema' l-maltemp imma. *(Jieqaf)* Qed tismagħni? Dak jien kont? Ġiet kmieni x-xitwa dis-sena… Dejjem l-istess kliem - sena wara sena - dejjem l-istess. Kien ilu jin ema l-maltemp... Sirt nitkellem bħalhom ukoll. Nitkellem u ntenni kliemhom. Tgħid għemilhom ukoll?

PETRA *(bla ma titħarrek)*: Hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma'

SAMWEL: Aktar kliem il-għerf?

PETRA: Hi imma, kienet taf x'qed tgħid.

SAMWEL: Min?

PETRA: Nanntek. Kienet taf.

SAMWEL *(jaf, imma)*: Meta, l-ewwel?… Le. Teħux għaliha, Petra.

PETRA: Kienet taf tajjeb.

SAMWEL: Orrajt - teħux għaliha imma. Mhux kontriek riedet tiżvoga. Kontrija. U kontra Nikola. Int bla ħtija weħilt.

PETRA: Safrattant kont jien li qtiltu. *(Tgħolli geddumha minn fuq irkubbtejha - f'ħoġorha għandha tuffieħa migduma. Toffriha lil SAMWEL)* U kulma qalet fuqi kollu minnu.

SAMWEL: Xiex?

PETRA: Li qalet l-ewwel. Tridni ngħidlek?

SAMWEL: X'qalet? Tgħidli xejn. Ma qalet xejn! Jien staqsejtek x'qalet?

PETRA *(ebda reazzjoni - pawsa qasira - imbagħad):* Kollu minnu.

SAMWEL *(jigdem it-tuffieħa b'rabja):* Kollu minnu! Imma x'qalet fuqek?

PETRA: Dak li qalet - u ma qaletx.

SAMWEL: X qalet? Ma qalet xejn. *(Igiddem it-tuffieħa. Jibdel id-diskors)* X'qalu wara li ħriġt 'il barra? Ġew ifittxuni?

PETRA *(tqum mit-taraġ. Taqa minn ħoġorha tuffie a oħra):* Għax ma tridx taf x'riedet tgħid biha l-ewwel in-Nanna - dak li semgħet fuqi? Ma tridx taf?

SAMWEL *(jitbaxxa jfittex it-tuffie a):* Le, ma rridx naf! Wara kollox mhux tort tiegħek.

PETRA: Hekk qalet hi ukoll. *(Tinżel għarkubbtejha ħdejh; tiġbor it-tuffieħa)* Allura temminha li jista' jkun minnu!

*Għarkubbtejhom it-tnejn, wiċċ imb'wiċċ.*

SAMWEL: Xiex minnu imma! X inhu minnu? Għid, x'inhu minnu?

PETRA: Jiġifieri trid taf. Temminha.

SAMWEL: Ma nemmen xejn! Ma naf xejn - ma nista' nemmen xejn - u ma rrid naf xejn! Tajjeb hekk?

PETRA *(bla rabja)*: Le - mhux tajjeb.

SAMWEL: Ismagħni, Petra - ifhimni! Ma rridx naf. Ma rridx. Int bħali - teħel kollox bla ħtija.

PETRA: Jew hekk tixtieq temmen.

SAMWEL : Bla ħtija. U safrattant - safrattant iżeffnuk fin-nofs bħal Pilatu fil-Kredu! Xi jridu minna imma, Petra? Xi jridu minna lkoll?

PETRA *(tqum f'daqqa. Bierda - donnha tilfet l-interess f'leħħa ta' waqt)*: Forsi dak li tilfu. Iridu jpattu - jerġgħu jgħixu.

SAMWEL: Minn fuq daharna. Ma humiex għajr parassiti, mela - mostri!

PETRA: Iħirsa.

SAMWEL: Mostri iħirsa. *(Ma jqumx minn għarkubbbtejh)* Is-sabiħa hi li issa sirt nibża' minnhom hawnġew - waqt li hemm barra - hemm barra nibża' minn kulħadd - forsi aktar minn hawnġew. L-ewwel, x'ħin ħriġt, ridt naħrab 'il bogħod minn hawn biex qatt ma niġi lura. Imma ma stajtx, Petra,

PETRA: Fejn mort?

SAMWEL: Imkien. Ridt naħrab - basta naħrab. Jien u ħiereġ ħtaft is-senter fl-indana - tgħidlix għaliex! - rajtu hemm u taftu - arma kontra kulħadd - u bqajt ħiereġ niġri. Inżilt minn wara, mir-raba , u qsamt mill-wied. Imma kienet bdiet traxxax. U mingħajr nuċċali 'qas biss rajt fejn sejjer. Dħalt fl-ewwel girna li sibt. Stennejthom hemm jiġu jfittxuni. Kont għadni mhux f'sikti - l-istonku mdardar. Ma flaħtx immur bogħod wisq, hekk jew hekk. Imma wkoll hemmġew, f'dak id-dlam - dik ir-riħa taqsam - dik l-umdità toqtor ma kullimkien. Ma flaħtx inżomm aktar. F'dik is-sikta u dak id-dlam - ukoll id-dud kont tisma', jitħarrku, jitkaxkru, u jkarkru ġisimhom imħeddel… Imbagħad barra kien hemm xiħadd ukoll. Smajt il-passi resqin, iċafalsu, jgħaffġu ġebel u ħaxix, ġejjin għalija. Imma ftakart li kelli s-senter f'idejja - lanqas naf kienx ikkargat jew le - jew biex… U ħsieb wieħed leħħ f'daqqa. Kieku dak il-ħin kelli nużah, kieku kelli ħila niġbed dak il-grillu... fuq xiħadd hemm

barra - jew fuqi - kieku… kieku qatt aktar ma nibża' minn ħadd u xejn iżjed. Darba u ta' l-aħħar! U ma nafx kif, saflaħħar, f'daqqa waħda l-girna damdmet b'tir ta' senter. Naħseb li ntlift minn sensija għal xi ftit… Meta ġejt f'tiegħi kelli s-senter għadu f'idejja. Malli fl-aħħar flaħt nerfa' wiċċi mill-art, qomt u ħriġt… U ma kien hemm ħadd. Barra l-istess dlam u xita. U ma kien hemm imkien fejn stajt immur aktar, Petra. Imkien.

PETRA *(ħdejh - tagħtih idha tgħinu jqum mill-art)*: Imsejken, Samwel.

SAMWEL: Ma mort imkien, Petra.

PETRA: Imsejken, Nanu.

SAMWEL: Ġejt lura. Ridt biss - ridt biss nerġa' nara wiċċek, Petra. F'din id-dar - kieku ma kontx int - kieku l-kruha ta' hawnġew qatt ma kont naraha tassew. Kellek tkun int, Petra

PETRA: Tabilħaqq. Tara lili, tagħraf il-kruha!

SAMWEL: Tiddiħaqx bija, Petra.

PETRA: Mera, mera, għidli ja mera, min hu l-ikraħ f'din is-saltna?

SAMWEL: Tiddiħaqx bija!

PETRA: Tgħajjatx.

SAMWEL *(iżommilha u jagħfsilha idha)*: Mela tiddieħaqx bija!

PETRA: Xi tridni, nitħassrek?

SAMWEL: Le - teħodni bis-serjetà! Imma int bħalhom...!

PETRA: Tgħajjatx!

SAMWEL: ...Bis-serjetà!

PETRA: Għedtlek tgħajjatx!

SAMWEL: Għaliex le! *(Bi tpattija)* Għaliex - mela int ukoll tibża' minnhom?

PETRA: Iva, jien ukoll - għax jien għandi mniex nibża' - mhux int! X'għandek mniex tibża' int, il-fessud ta' kulħadd? Wara kollox - mhux lilek iridu jkeċċu! X'għandek x'titlef int?

SAMWEL: Għaliex tagħmel hekk, Petra? Int taf.

PETRA: Ma naf xejn! Aqtagħha! U tgħajjatx!

*Pawsa. SAMWEL, bħal kelb mismut, donnu f'daqqa waħda jogħtor u jitlef kull ħeġġa.*

SAMWEL: Aħjar immur fuq.

PETRA: Taħseb li gost tiegħi li qed jiġri?

SAMWEL: Naf. Skużani. Tort tiegħi.

PETRA: Tort tiegħek xejn!

SAMWEL: Mela tort tagħhom! Xi tridni ngħidlek? Għidli, xi tridni ngħid, Petra?

PETRA: Bilfors tort ta' xiħadd?

SAMWEL: Bilfors! Inkella kollox bla sens - bla raġuni!

PETRA: Ma tafx biżżejjed fuqhom, Samwel.

SAMWEL: Naf biżżejjed. Inħares madwari - lejn din il-kruha ta' dar - lejhom! - u naf biżżejjed.

PETRA: U aħna? Taħseb li aħjar minnhom?

SAMWEL: Talanqas huma kellhom iċ-ċans - talanqas huma hawnġew jiftakruh sabiħ! U kien hemm żmien kont nipprova jien, meta kont insib ruħi 'l bogħod minn hawn - il-kulleġġ - ikun fejn ikun - kont nipprova niftakar did-dar - u nipprova nimmaġinaha sabiħa. Kont nintilef, nistaħba f'xi rokna - u nipprova niftakarha sabiħa bħal meta kont żgħir. Kont nipprova niftakar imqar… imqar wiċċ ommi.

PETRA: U kien jirnexxilek?

SAMWEL: Le - xejn. Għajr kultant - kultant kont niftakar xi ħaġa - ma nafx kenitx qatt realtà, jew tifkira ta' tifkira imċajpra - ħolma minsija. Niftakar id-dalma hawnġew - minn dejjem id-dalma, u jkun hemm xiħadd liebes l-iswed, in-Nanna forsi, tagħtini t-tè bil-biskuttelli - tè fietel, misħun waħdu, imdardar bil-ħalib. Imma mbagħad tħallini noħroġ barra fil-ġnien - u hemmhekk, għad-dell tal-kannizzati u d-dwieli - hemmhekk hemm xiħadd isaqqi l-ġeranji. Il-fwieħa tal-ġiżimin - u kuluri - kuluri jġġammxu - ħitan oranġo, dellijiet vjola u firxa ta' ħdura friska ma' kullimkien fuq wara. Isfel fil-wied, xiħadd, raġel, jgħanni fuq il-kitarra. U meta għajnejja jidraw id-dija tax-xemx tisreġ, inħares hemm isfel u l-mara ssaqqi l-ġeranji tinsab bilqiegħda dejn riġlejh, hi ukoll tgħanni. Leħinha iżda ma nistax nisimgħu. U naf li hemm l-għasafar xi mkien qrib jgħannu ukoll. Imma lanqas lilhom ma nisma' .

PETRA: Kien ikun sabiħ il-ġnien, għad-dell tal-kannizzati.

SAMWEL: Sabiħ... Tarah int, Petra? *(Jagħtiha n-nuċċali)* Issa int xorta tarah?...

PETRA: Narah? Avolja qatt ma rajtu.

SAMWEL: U x'tara aktar, għidli?

PETRA *(tilbes in-nuċċali)*: Nara

SAMWEL: X'tara?… Il-vaska tal-ħut, qed taraha? Konna npoġġu hemm, niftakar, madwar il-vaska tal-ħut ta' l-ilma elu,… Taraha, Petra?

PETRA: Naraha.

SAMWEL: Kif kienet għidli, Petra?

PETRA: Vaska kbira u tonda - fin-nofs hemm denfil - denfil kbir tal-ġebel, itajjar l-ilma minn xufftejn kbar minfuħin. U nħoss ir-raxx kiesaħ u frisk tiegħu ixarrabli wiċċi maħruq bix-xemx.

SAMWEL: Hekk, iva. U kien hemm iċ-ċinji, le? Iċ-ċinji wkoll!

PETRA: Linji kbar bojod, majestużi, l-għonq mislut - jgħumu f'wiċċ l-ilma. U konna nitfgħulhom il-frak tal-ħobż.

SAMWEL: Le, tas-suflè!

PETRA: U pastarjali!

SAMWEL: Pastarjali! Waqt it-tè kont naħbihom fil-but tal-libsa bajda.

PETRA: Libsa ta' baħri.

SAMWEL: Bl-ankri ċelesti fuq il-bwiet. U mbagħad kont immur nitmagħhom liċ-ċinji.

PETRA: U l-ħut ta' l-ilma ħelu.

SAMWEL: U wara - wara... *(Ma jistax jiftakar aktar)* Għini, Petra! Wara...

PETRA: Wara... x'konna nagħmlu wara?

SAMWEL: Wara!… Konna mmorru nitbandlu taħt is-siġar tal-larinġ! U daqqa kont nitbandal jien u daqqa hi! U konna nogħlew - dejjem iżjed fil-għoli - u l-arja timlieli mnifsejja, widnejja jżarżru bl-għajjat ta' l-iwrieżaq…

PETRA: U kont ittir ħieles - fost l-għana ta' l-għasafar - l-għasafar miġburin ġgajta għad-dell tas-siġar, jistennew inżul ix-xemx.

SAMWEL: Dellijiet suwed, miġmugħa, mistoħbija qalb il-ħdura, naf li qegħdin hemm - imma l-għana tagħhom, le l-għana tagħhom qatt ma kont nisimgħu. Nisma' biss iċ-ċekċika ta' bott bil-ġebel u ħamrija li xiħadd jiġbed biex igerrixhom - *(mbikkem)* u tir wara tir! Dawk l-isparaturi! *(Isodd widnejh)* U x-xita ta' l-imlievez neżlin minxura. U jien niġri nolfoq f'ħoġorha qalbi maqsuma.

PETRA: Min kienet... hi?

SAMWEL: Xagħarha twil u iswed, bħal tiegħek - għajnejha *(Jipprova jittwwal f'għajnejha)* - għajnejha kienu kbar, ċelesti, miksurin, hekk li meta tħares fihom tisma' għanja siekta, bħal qanpiena tidwi minn qiegħ ta' baħar profond - hekk li tinsa kollox - tħossok tgħum, ħafif, fi sliem bla qies... hekk li temmen li jista' jeżisti Alla. U forsi kollox jagħmel sens, imbagħad.

PETRA: Imma dawk ma kenux għajnejja. *(Bi ħjiel ta' għira?)* Min kienet?

SAMWEL: Jimporta min kienet?

PETRA: Forsi. Jimporta li int tkun taf.

SAMWEL: Immaġinajtha biss forsi. Jew rajtha xi mkien, f'xi film - jew qrajtha.

PETRA: Jew ħloqtha bħal ħrafa. Rapunzell oħra

SAMWEL: Rapunzell. Int - m'intix ħrafa int imma.

PETRA: Min jaf. *(Tagħtih lura n-nuċċali)*

SAMWEL: Tippreferi noqtluha?

PETRA: Min jaf.

SAMWEL: Ħrafa… U kien biss ftit ilu - bħaċ-ċinji u l- ġeranji. Dawk talanqas tassew tiftakarhom int, Petra?

PETRA: Fl-orfanatrofju niftakar biss vaska żgħira fil-bitħa. Imma kienet dejjem niexfa.

SAMWEL: Le! Kienet! Kienet kbira u tonda - b'denfil kbir tal-ġebel itajjar l-ilma! Jien bħalek niftakarha - hekk kienet!

PETRA: Ħlomtha hekk. Imma għadha qatt ma kienet. Għax jien ukoll kont noħlom. Imma jien taf biex kont no lom? Kont noħlom b'raġel - raġel twil - raġel b'għajnejh żoroq - xagħru twil u qastni. Nistennieh… U l-pass tiegħu fuq il-ħaxix, hekk kif jersaq lejja minn warajja kien ħafif. Kienet dejjem l-istess ħolma, dak iż-żmien.

SAMWEL: Dak iż-żmien? U issa?

PETRA: Issa - issa inqas u inqas. Fil-għaxija dejjem insibha itqal biex norqod - nistenna biss li nisma' l-pass tqil u goff fil-kurutur barra l-kamra.

SAMWEL: Eżra...

PETRA: Eżra wkoll forsi - wieħed minnhom. Pass meqjus li jieqaf wara l-bieb, kull lejl, jistenna. U x-xewqa li niftaħlu u nħallih jidħol tikber dejjem aktar ġewwa fija - u darba meħlus il-mostru, x'jibqa' jista' jitturmentak?... Biex forsi xi darba ninsa darba għal dejjem ir-raġel twil b'għajnejh żoroq, ir-raġel xagħru twil u qastni - u l-pass ħafif tiegħu fuq il-ħaxix hekk kif jersaq lejja… Biex forsi xi darba nkun bħalkom lkoll, jien ukoll.

SAMWEL: Imma m'intix. U ma tkun qatt - u lanqas jien! Ma rridx insir bħalhom. Għini biex ma nkunx bħalhom, Petra!

*EŻRA jitfaċċa fl-indana f'ras it-taraġ. Jinżel l-ewwel ftit tarġiet - jieqaf għal xi waqtiet, imrekken mal-ħajt, iħares 'il fuq - imbagħad ikompli jħaffef 'l isfel bla ħoss. PETRA tilmħu qabel jilħaq jinżel.*

PETRA : Eżra.

SAMWEL *(għadu ma rahx)*: Eżra? Ħallik minn Eżra, Petra

*PETRA tqum bilwieqfa - SAMWEL idur isegwi ħarsitha.*

*PETRA tersaq lejn tarf it-taraġ - SAMWEL warajha*

EŻRA: Ħallik minn Eżra, Petra! *(Ikompli nieżel)* Warrbu tfajla. Irrid noħroġ .

*PETRA twarrablu, iżda SAMWEL ma jiċċaqlaqx.*

SAMWEL: Eżra… Toħroġ fejn?

ELEN: Le! Xxx - Titkellmux. Tgħidu xejn. Għadhom hemm - ma raqdux. Warrab!

SAMWEL: Fejn sejjer? X int tagħmel?

EŻRA: Le - mhux hekk! Għid… Aħna nkunu miegħek... Għid, aħna nkunu miegħek - agħmel il-qalb u agħmel xi ħaġa! Hekk suppost tgħid. Għalikom ukoll - għalikom stess! Warrab!

PETRA *(tiġbed lil SAMWEL lura)*: Fejn sejjer, Eżra?

EŻRA: Min irid jaf? Għaliex? Jaqaw jien il-baħar jew il-mostru tal-qiegħ biex tagħmlu għassa fuqi? Barra. Jeħtieġ noħroġ.

SAMWEL: Toħroġ issa, f'din ix-xita? Aħjar tmur fuq…

EŻRA: Minn meta Eżra jisma' minnek jonqos? Bil-maqlub - hemm miktub; Isir li jrid Eżra - hemm miktub! - Sa mitt talent tal-fidda - sa mitt kor qamħ - sa mitt bat inbid - sa mitt bat żejt - u melħ bla qies. Hemm miktub.

SAMWEL: Eżra, aħjar…

EŻRA: Tersaqx lejja!

X għandek f'idejk?

SAMWEL *(iħares lejn idu)*: Din? Tuffieħa!

EŻRA: Le - ġebla!

SAMWEL: Ara - tuffieħa!

EŻRA: Warrab. Irrid noħroġ. *(Jipprova jersaq lejn il-loġġa - dejjem iżomm 'il bogħod minn SAMWEL.)*

PETRA: Ħallih imur, Samwel.

EŻRA: Warrabli. Trid li jinżlu dawk? Jinżlu u jerġgħu jaqbdukom flimkien?

U jekk ngħid lil Elen, terga' tisma' x-Xiħa - leħen il-qilla...

SAMWEL: X'tgħid lil Elen?

EŻRA: Leħen il-qilla! Ftakar. Dejjem tieħu gost Elen meta ngħidilha fuqkom.

SAMWEL: Għaliex - x'tgħidilha?

EŻRA: Verità biss - kif rajtkom hemm barra dalgħodu per eżempju…

SAMWEL: Biċċa ta' poxt!

EŻRA: Leħen il-qilla!

PETRA: Ħallih, Samwel! Aktar agħar! Ħallih imur fejn irid.

EŻRA *(jistaħba wara PETRA)*: Isma', Samwel - isma' minn wild nies ta' l-art - issa li l-art imniġġsa. Ibred u isma'! Ismagħni u ifhem in-nasba. Lilek ġabulek lil din - *(PETRA)* - ħasbu u għamlu kalkoli għal rashom, ix-Xiħ u x-Xiħa. Hu - hu ġabhielek hawn - tentazzjoni - biex int taqa' u wara tindem, għax tara l-kruha tad-dnub. U tmur lura - bebbuxu jqandel il-ħtija - qoxra vojta bħalu. Imma mbagħad ix-Xiħa wkoll qieset u rat wara kollox li biha hawn int ma tkun trid tmur imkien aktar. U ma jkollokx ħila titbiegħed mill-bejta. Sakemm fiha tħallilek lil din. Għax int dgħajjef - dgħajjef bħalna lkoll! Għalhekk, ġifa! Ifhem mela! *(Idur f'daqqa u jiġri lejn bieb il-loġġa. Jissara biex jiftaħ)* Misħutin swaba - ma nistax! Misħutin swaba rotob!

PETRA: Iftaħlu, Samwel. Se jqajjem 'il kulħadd.

SAMWEL: Ħażin għalih!

EŻRA: Ħażin għalik! Ifhem in-nasba!

*SAMWEL jitla' b'ġirja fil-loġġa u jiftaħlu l-bieb - EŻRA jżomm bogħod minnu sakemm jerġa' jersaq lura u SAMWEL iħallih jgħaddi.*

SAMWEL: Mur!

*EŻRA ma jħallihx jgħidlu darbtejn - pront jiżgiċċa 'l barra.*

*Leħħa ta berqa - EŻRA jieqaf zopptu għal xi sekondi, imħaxken mal-loġġa idejh miftuħin bil-ħasda, dahru mal-ħġieġ. Is-silwett tiegħu jibqa' msallab hekk mal-loġġa, taħt l-ittri RTO, sakemm sa fl-aħħar tinstema' r-ragħda.*

PETRA: Idħol, Eżra. Se ssir għasra!

EŻRA: Leħen il-ħasra - tard wisq! Jeħtieġ nerġa' nsibu - jeħtieġ nipprova! *(Jgħib fid-dalma tal-ġnien).*

PETRA: X'ħareġ ifittex? Se jsir għasra.

SAMWEL: Ħallih isir għasra! Żgur li semgħuna. Ħaffef ara, aħjar immorru fuq.

PETRA: Forsi għandu raġun Eżra - tard wisq.

SAMWEL: F'ġieħ kemm hemm, Petra! M'għandix aptit aktar xenati.

PETRA: Immorru mela, la m'għandekx aktar aptit.

*Iddur u tkun se tibda tiela t-taraġ mingħajr ma tistennieh, iżda f'daqqa waħda jinxtegħel id-dawl fl-indana ta' fuq.*

SAMWEL: Hemm huma! X għedtlek jien!

*Jipprova jiġbed lil PETRA lura biex joħorġu mil-loġġa, iżda tard wisq. Tidħol ELEN, u warajha, in-NANNA.*

ELEN: Rajtx kif huma! Rajtx! Imma int lil Elen ma tagħtix kasha - Elen m'hi ħadd hawnġew - tajba biss biex issefter, Elen!

NANNA: Elen!

ELEN: Elen, Elen! Dak biss taf tgħid!

NANNA: Elen! *(Lil SAMWEL)* Dħalt int mela, galantom!

SAMWEL: Dħalt iva. Din dari wkoll, le?

NANNA: Prosit għalik! Itla' dritt fuq! Għada nitkellmuha din, ibqa' ċert!

ELEN: Għada iva! Għax issa mhux in - qatt m'hu ħin issa.

*NIKOLA jidħol mill-bieb tal-lemin. Jidher li tefa' fuqu xi ħwejjeġ ta' malajr malajr u mingħajr il-libsa tar-rispettabilità li dejjem soltu jidher biha, issa naraw biss raġel pjuttost xiħ, iraxxibbli u meskin.*

NIKOLA: X'inhu jiġri hawn, issa?

ELEN: Hawn hu!

NIKOLA: Nista' naf? Ħadd ma jista' jorqod f'dil-misħuta dar?

ELEN: Hu biss kien jonqos! Skużana, Sur Nikola, imma le, f'did-dar ħadd ma jista' jorqod. Skużana, imma fid-dar tagħna l-qaddejja kienu mdorrija jorqdu wara s-sinjuri! Skużana, imma jekk ma jogħġbokx l-arranġament tista' titilqilna 'l barra mid-dar tagħna

NANNA: Elen!

ELEN: Elen xejn! Għax Sur Nikola, skużana, imma jekk f'did-dar m'hawnx irġiel u ħadd ma jissogra jgħidulek dan id-diskors, qed ngħidulek jien!

NIKOLA: Int - int agħlaq ħalqek - darba għal dejjem; ma tafx x'int tgħid, int. Itfu dak id-dawl u morru orqdu. Ilkoll!

ELEN: Rajtux x'jikkmanda, Ma! Rajtux kif wasalna. Itfu dak id-dawl u morru orqdu! Agħlaq ħalqek...! Tih ir-riħ, ħej, Ma, lit-twajjeb Nikola.

M'għedtlix li bil-lejl it-twajjeb Nikola m'għandux ilsienu ħelu daqs binhar, Ma !… Tih ir-riħ! Għax Nikola hu kollox għalina, hux, Mama? Li kieku ma kienx għalih - ir-raġel ta' din id-dar, kieku aħna m'aħna xejn. Imma jien mara - u għax mara ma jien xejn - imma jien ngħidlek. *(B'qilla sfrenata)* Itlaq 'il barra jekk hawn ma jogħġbokx aktar - ħadd ma bagħat għalik! Itlaq 'il barra! Mur! Barra!

NANNA *(hemm il-bi a fi kliemha issa)*: Iskot, Elen! Iskot!

NIKOLA: Le! *(Il-qilla wkoll qed tfur ġo fih - imma b'leħen imrażżan)* Le - ħalliha tgħid! Forsi wasal iż-żmien li hi wkoll - u kulħadd f'did-dar - jifhem - u jifhem darba għal dejjem. U jkun jaf kollox. U nibdew l-ewwel b'min bagħat għalija!

ELEN: Kollox xiex? *(Imma lanqas qed tisimgħu)* Dak li għandi nkun naf fuqek ili nafu!… It-twajjeb Nikola - Is-Superjur! Nikola l-vittma! Imma fuq kollox m'intix għajr parassita f'din id-dar int! Terdgħalna demmna u ġieħna!

NIKOLA: Lifgħa moqżieża - lifgħa bħall-oħrajn kollha! U titkellem fuq ġieħ int?… Trid tkun ir-raġel ta' did-dar meta lanqas mara m'int !

SAMWEL: Issa biżżejjed, Nikola! Erħilha!

NIKOLA: Aah! Id-demm anemiku tad-Depawli forsi qed jibda jiċċaqlaq xi ftit mill-qiegħ sa fl-aħħar! Hekk sbejjaħ - hekk mela! Urihom talanqas li int int raġel - ipprova urihom. Imma int - int diġà ppruvajt turihom darba, mhux hekk! Eh, diġà ippruvajt illum!

SAMWEL: Għedtlek biżżejjed - agħlaq ħalqek! *(Jaħtfu minn sidru)* Xi dritt għandek dejjem tindaħal int!

NIKOLA: Għaliex ma tgħidilhomx kif diġà ppruvajt? Weġibni!

SAMWEL: Għedtlek agħlaq ħalqek.

NIKOLA: Għaliex - forsi tmur iġġib xi senter għalija! Fejn hu s-senter? Eh, għidilhom fejn hu s-senter! Għidilhom!

NANNA: X senter?

NIKOLA: Fejn hu!

SAMWEL *(jitilqu)*: Ma nafx!

NIKOLA: Jien naf imma! Fil-girna! Fejn allejtu! Hemm qiegħed! S'hemm tasal bis-senter, int! U s'hemm biss! Iva, ippruvajt kieku turi 'l kulħadd kemm int raġel. Imma nafu li ma tasalx! Nannuk kien jasal... u wasal! Imma int qatt! Mela naqtgħuha! Naqtgħuha, a jar.

NANNA: Samwel, x'għamilt?… Veru?

NIKOLA: Veru; jekk ngħidlek jien, veru! Imma m'għamel xejn - għax m'hu kapa i jagħmel xejn! U int, *(idur fuq ELEN)* ngħidlek min hu l-parassita f'din id-dar. Intom - intom ilkoll - intom il-parassiti hawnġew! Jekk ma tafux, jien is-sid hawnġew! Is-sid! Qed tisimgħu - is-sid ta' kollox!

SAMWEL *(jipprova jqum fuq tiegħu, jaċċenna biex jerġa' jaħtfu minn sidru)*: Is-sid! X'sid int... ?

NIKOLA: Is-sid iva! *(Wiċċu ma' wiċċu - jimbuttah lura - u jkompli jgħid u jsus, dejjem jimbuttah lura)* Jien iva! Is-sid ta' kollox. Kull ġebla - kull maduma - kull biċċa għamara - kollox - ilhom is-snin imneżżlin f'ismi! U kulmin hawn hawnġew qed jgħix hawnġew bil-karità tiegħi! Tiegħi u tiegħi biss. *(L-aħħar imbuttatura, hekk li SAMWEL jispiċċa fl-art)* Dak li jien hawnġew, jien!

SAMWEL *(fl-art - in-nuċċali tarlu minn għajnejh, għalxejn ifitttxu b'idu fl-art)*: Qed tiġġennen!

NIKOLA: Ġenn? Veru, ġenn... Imma veru! Ħa nurik - hawn, ħa nurik! *(Joħroġ ċavetta minn ħżiemu - jiftaħ kexxun ta' l-iskrivanija)* Dawn mhux il-ħrejjef tiegħek, dawn. Ara, kambjali dawn, kontijiet, ċekkijiet u rċevuti! Min taħseb li ħallas kollox! Min ġera u seffaq wiċċu biex salva din id-dar - dawk l-erba' tomniet li baqa'? Min iġġieled għall-qbiela? Wara li Nannuk irvina kollox! Biex jippoża tal-kbir benefattur! Biex isikket ilsien in-nies - biex taparsi d-Depawli għadhom jiswew xi sold - biex ma jpaxxix nies! Il-bontà u l-irġulija tiegħu min taħseb li ħallas għaliha?… Jien! Iva jien, jien kont!

NANNA: Bi flusna - b'ġidna imma!

NIKOLA: Fluskom - flusi - idi - ġidkom - min jaf? Min jaf Tereża meta ħlejt l-aħħar sold tiegħi u meta missejt l-ewwel sold tad-Depawli? Jien kont imma!

SAMWEL: B'liema jedd imma, Nann? Kif stajt tħallih?

NIKOLA: B'liema jedd? Forsi għax min jerfa' qofftu m'hux pastaż, għalhekk! Forsi għax kien mistenni minni - bi tpattija. Forsi għax fil-bidu l-ħtija kienet tiegħi u l-prezz ta' l-irġulija hu għoli wisq… Imma jekk trid jedd legali - jekk bl-iswed fuq l-abjad, intihulek ukoll. Dan - dan hu l-jedd tiegħi. *(Joħroġ fajl minn ġol-kexxun)* Din - din m'hix ħrafa lanqas - din isejjħulha prokura! Dan hu l-jedd tiegħi! Jekk irridu nitkellmu legalment, dan hu l-jedd tiegħi!

SAMWEL: Veru? Veru, Nann? Int iffirmajtlu? *(Isib il-karta f'idejh - jipprova jaqraha mingħajr nuċċali - imma jaf)* Kollox - kollox, Nann? Tassew dak li qed jgħid - tassew Nann! Mela mhux biss minħabba... *(Lanqas issa m'għandu l-kuraġġ ikompli)* Mhux biss... Imma l-aqwa li legalment - kollox legalment. Imma moralment - moralment ukoll, Nikola? Iġġustifikat ukoll? U x'baqqgħalna li hu tagħna, hawnġew, Nann? Darna - idna - ġieħna? Ġieħna, Nann? X'baqagħlna, Nann!

*Barra jleħħu xi sajjetti - nindunaw li hemm EŻRA barra l-loġġa - jittawwal 'il ġewwa. Jidħol bil-mod - għal xi waqtiet ħadd ma jintebaħ bih.*

NIKOLA: Imma dak - dak li jien hawnġew. *(Donnu f'daqqa waħda, issa li żvoga, issa li hu stess neża' l-qafas ta' suppervja u mogħdrija għalih innifsu li ilu s-snin iggranfat miegħu, issa donnu jogħtor fiżikament u moralment; id-dagħdigħa tgħib f'daqqa, u jintelaq bilqiegħda mal-mejda)* Dak li kont hawn ġew jien.

*Pawsa.*

NIKOLA *(l-ewwel wieħed li jinteba b'EŻRA - forsi mingħajr m'hemm bżonn li jilm u. Idur iħares lejh, itenni, karba)* Dak li jien hawnġew.

NANNA: Kieku żammejt ilsienek, Elen - f'ġieħ Alla, għaliex kellek tagħmel hekk? Għaliex?

ELEN *(bla għajjat)*: Għaliex? Għaliex kont bsart, Ma. Le - għax aktar milli bsart, kont naf. Imma qatt ma ridt nemmen!... *(Bħal donnha tiskopri l-verità fil-waqt stess li ħerġin il-kliem minn ħalqha)*. Għalhekk, Ma! Għax kont naf - u ridt li ma nafx.

*In-NANNA tpoġġi mal-mejda ħdejn NIKOLA u tieħu l-prokura minn idejh bla ħajja.*

NANNA: Li għamilt - għamiltu għalikom... għalikom biss. Għaliex x'tiswa firma ta' mara - jekk mhux biex tirhan ruħha? Għalhekk biss - għalikom...

*EŻRA jidħol bil-mod u jersaq lejhom ħdejn il-mejda.*

EŻRA: L-omm u l-missier ġust - tassew li d-dinja ma tagħrafkomx. Imma jien għaraftkom. Intom m'għaraftunix - ħadd minnkom ma għarafni. (Ipoġġi bil-mod għarkubbtejh bejn riġlejhom, u, beżgħan humiex se jħalluh, ipoġġi idejh il-leminija fuq riġlejn NIKOLA, waqt li qajla qajla jniżżel rasu f'ħoġor in-NANNA. Bħal tarbija tfittex il-wens, jagħlaq għajnejh. Ilissen): Tagħrfuni issa?

*In-NANNA, iebsa, bilkemm tifla tiċċaqlaq, tgħolli kemm kemm id*

*waħda mriegħda, bħal donnha trid tmellislu wiċċu mxarrab.*

EŻRA *(taħt l-ilsien)*: Berikni, Ma.

*Imma n-NANNA tieqaf - ma tissugrax jew m'għandhiex saħħa tmelles xagħar binha.*

EŻRA *(mingħajr ma jitħarrek - rasu mgħaddsa)*: Dnubietkom maħfura. Għax ara, mara, żewġek sema' kull kelma minn fommok, imma sassodda tal-mewt dam biex iħollok mill-wegħda u l-obbligu. Tard wisq. U hu tgħabba bil-ħtija tiegħek, ja omm - għalhekk, tibkix aktar. Għax hu sema' - u ma qal xejn! U l-vittma titgħabba bil-ħtija. U kulħadd ħati. Berikni mela, Ma!

NANNA *(imriegħxa - tiġbed idha lura ħesrem. Titlob l-għajnuna)*: Elen Elen!

ELEN *(mietet kull emozzjoni - mekkanikament)*: Eżra, qum - ejja. *(Iżda ma tagħti ebda pass lejh).*

SAMWEL: Għaliex? Ħalluh! M'għad baqa' xejn x'taħbi hawnġew. *(Jixgħel id-dawl ta' nofs il-kamra. Idur qisu miġnun mal-kamra jixgħel kull dawl ieħor li jsib)* Hekk! Ħalluh - ħalli kulħadd jara! M'għandna xejn aktar x'naħbu! Xejn! Xejn li xejn!

*EŻRA jqum fuq riġlejh. Waħdu, umiljat u migdud, jidher maħkum minn sogħba u biża' bla qies. Hekk kif id-dwal jinxtegħlu madwaru, tikber il-fixla tiegħu. Jagħti xi passi mifxulin - donnu ma jafx fejn, jew lejn min jaqbad idur. Idejh donnhom imorru istintivament f'ħobbu, jipproteġu?...*

PETRA *(titfi l-ewwel swiċċ tad-dawl qrib tagħha)*: Itfihom, Samwel! Ieqaf! *(Lil EŻRA)* Ejja Eżra - itla' fuq miegħi. Ixxarrabt għasra.

*EŻRA, ħerqan, jersaq lejha.*

SAMWEL: Le! *(Pront ja tfu minn idu)* Hemm x'għandek f'idejk?

EŻRA: Xejn! Tmissnix! Int - int toqtol biss taf! Tmissux!

PETRA: Ħallih, Samwel!

SAMWEL: Minnu jimpurtak int? Fejn kien kulħadd meta jien kont hemm barra, waħdi, imxarrab għasra? Bis-senter f'idejja! Fejn kien kulħadd?

ELEN: *(Tersaq fuq EŻRA)* X'għandek hemm, Ezra?

EŻRA *(jaħrab minnha wkoll. Idur lejn PETRA)* Le - tħallihomx! Iridu joqtluh!.

PETRA: Xiex, Eżra? Għidli - lili tista' tgħidli

EŻRA: L-għasfur! *(Jieqaf ħesrem hekk kif jara lil SAMWEL riesaq ħdejha)* Dak imma int ukoll - kont miegħu! Ridtu toqtluh intom! Tgħaffġuh u toqtluh!

SAMWEL: L-għasfur fit-trabokk.

ELEN: L-għasfur mejjet?

EŻRA: Le! Ma mietx! Ma jmutx! Ried jgħaffġu - joqtlu! Bħalma qatel lill-oħrajn kollha! Int qattiel! *(Hekk kif jara lil SAMWEL jersaq lejh, jinxteħet fuq ELEN)* Tħallihx, Elen!

ELEN: Xi trid int? Xi trid aktar minni? Mur - mur għid lil dak! *(Turi lejn NIKOLA)* Ma smajtx - dak kollox hawnġew issa! Dak kollox! *(EŻRA iżda jibqa' ggranfat magħha)* Ħallini - u neħħi dak il-ħmieġ minn idejk - se timpestani kollha! Neħħih minn idejk! Dak mejjet - mejjet, qed tismagħni! *(Tissara miegħu tipprova tneħħilu l-ponn magħqud minn ma' sidru - aktar ma tmur aktar tinfexx fih b'rabja)* Neħħi dak il-ħmieġ minn idejk qed ngħidlek, baħnan! *(Tispiċċa tagħtih bl-addoċċ fuq wiċċu).*

SAMWEL u PETRA ji ruħfuqhom jifirduhom.

ELEN *(tinħall minn ma' SAMWEL li ħatafha minn idha)*: Itlaqni int! *(Tinxteħet tibki fuq siġġu)* Itilquni darba għal dejjem! Mhux li kien qatt ma għext! Qatt m'eżistejt!

EŻRA: Leħen il-biki… *(F'daqqa waħda donnu kalm)* Imma araw - araw, ma ġara xejn. Xejn ma ġara. Jien ridtu biss jipprova jtir. L-aħħar ċans. Ftaħtlu t-tieqa għall-ġnien u tajjartu 'l fuq. Tir - għasfur tir! Nixtieq kieku nista' ngħix f'għamartek għal dejjem - nistkenn fis-satra ta' ġwienħajk  Għasfur taċ-ċomb ma jtirx, imma għasfur tal-laħam itir! Għasfur tal-laħam itir! Tir mela! *(Jersaq lejn SAMWEL. Jgħolli idu miftuħa lejh - fiha għandu l-għasfur mejjet - jew dak li baqa' minnu. SAMWEL jipprova jieqaflu hekk kif EŻRA jressaqulu lejn wiċċu - imma l-istonku ma jtihx - jinġibed lura. EŻRA jkompli, donnu jiskonġra - jew iwettaq xi magħmul, idur miegħu)*: Għax ara - hu jeħilsek mix-xibka tan-nassab - bir-rix tiegħu jgħattik u taħt ġwenħajh tistkenn. L-għassiesa tiegħu hu jibgħatlek, fuq idejhom jerfgħuk li ma taħbatx ma' xi ġebla riġlejk. Imma għalxejn - għasfur taċ-ċomb ma jtirx. Arawh issa - gozz demm u rix, ġisem imtertaq. Kuntenti issa? Farraktuli l-ġwienaħ u riġlejja - kissirtuli għadmi kollha. Kuntenti issa?

SAMWEL *(ma jissaportix aktar - ixejjer b'idu hekk li jtajjar l-għasfur ma'*

*l-art minn idejn EŻRA)*: Neħħih minn ma wiċċi!

*B'għajta ta' biża' EŻRA jiġri jiġbru mill-art - jersaq lejn it-taraġ u jibda tiela .*

EŻRA: Kuntenti issa?… Kuntenti issa!

PETRA: X'se tagħmel, Eżra? Terġax titfgħu għal isfel

EŻRA: Għala le? Nagħtih lilkom minflok? Biex tilwulu għonqu forsi?

NIKOLA *(jipprova jsib leħen ta' kmand)*: Eżra!

EŻRA: Tard wisq, Xiħ. U int ukoll għad tinqered daqt. Int ukoll. Ħieni min iħallsek għal kull ma għamiltilna. Ħieni min jaħtaf it-trabi tiegħek u jsabbathomlok mal-blat!

ELEN: Eżra, issa biżżejjed… *(EŻRA iżda diġà tela' bil-ġirja l-aħħar ftit tarġiet u sparixxa fuq)* Eżra!

NANNA: Elen!

ELEN *(tersaq lejn it-taraġ warajh - donnha bl-addoċċ - ma tafx x'inhi tagħmel, ittenni):* Eżra!

NANNA: Elen - ħudu bil-mod.

*ELEN, timbotta lil SAMWEL minn nofs, titla' t-taraġ. SAMWEL, wara waqt ta' indeċiżjoni, jitla' warajha.*

NANNA: Int ibq' hawn, Samwel… Samwel!

*SAMWEL ikompli tiela'. Malli jasal fuq, jinstemgħu xi ilħna, għajjat, bibien jinstabtu. Jieqaf fuq, fl-indana, iħares mnejn ħarġu ELEN u EŻRA, donnu ma jafx xi jmissu jagħmel.*

NIKOLA *(jgħolli rasu - jissamma' hu wkoll. Mifni, ixejjer rasu... ir-rabja terġa' tikber u tikbes ġo fih)*: Għini, Sinjur! Mhux li kien kont nista', Sinjur! Agħtini s-saħħa!

PETRA *(aktarx titkellem waħedha - maqtugħa milli qed u se jiġri):* Darba, meta kont għadni żgħira, fl-Istitut, fil-kamra fejn kienu jraqqduna, kien hemm dar kbira tal-pupi fuq gwardarobba għolja. Dejjem niftakarha hemm. Naħseb kienu jqegħduha hemm apposta. U jien kemm kont nixtieq li kont nista' ngħix xi darba f'dar kbira bħal dik.

SAMWEL *(isejjaħ minn fuq)*: Issakkar ġewwa! Ma jridx jiftaħ.

PETRA: ...U kont nipprova nisthajjel in-nies sbieħ li kienu jgħixu ġo dar sabiħa bħal dik! Il-Mama u l-Papa, u t-tfal, kollha ndaf u lebsin puliti, s-sefturi bl-uniformi, u t-trabi - trabi fil-benniena bil-bizzilla, reqdin, reqdin... *(Tbennen tarbija immaġinarja f'ħoġorha. Tgħanni ninna-nanna)*

Aaah-aaah - Ninni ruħi... aaah. Kemm kienu xxurtjati li kienu jistgħu jgħixu f'dar hekk kbira u sabiħa.

*Barra, iberraq bla ħoss.*

*Tisbita (ta' bieb? tieqa?) minn fuq. Imbagħad pawsa - ħemda assoluta. Għajr PETRA, tgħanni taħt l-ilsien.*

PETRA: Ninni ruħi. Orqod ħanini. *(Imma wara xi waqtiet, hi ukoll tieqaf.)*

*SAMWEL abjad lellux, jerġa' jitfaċċa lura f'ras it-taraġ; jimxi b'lura, sakemm isib l-ewwel tarġa, imbagħad aktar jaqa' milli jinżel xkanat it-taraġ.*

SAMWEL *(isfel, jieqaf iċċassat lejn l-oħrajn - ma jafx x'se jgħidilhom)*: Kristu ħanin! Kristu ħanin!

PETRA: X'ġara, Samwel?

*SAMWEL, iħares lejha, imma ma jarahiex. Jitlaq b'ġirja lejn il-loġġa, iżda jieqaf qabel ma joħroġ. Idur. PETRA, li kienet qabdet se toħroġ warajh, tieqaf.*

SAMWEL *(b'leħen stramb - b'nofs daħqa assurda. Wieħed forsi jista' jistħajjel kważi ħjiel ta' sodisfazzjon isteriku)* Eżra! Eżra waqa' mit-terrazzin!

*Hekk kif NIKOLA jgħolli rasu minn fuq sidru…*

*Dlam ċappa.*

*Jumejn wara. Tard fil-għodu.*

*L-istess xena ta' qabel. Il-purtiera tal-loġġa tneħħiet għal kollox, hekk li issa jidher il-ġnien fil-għera xitwija kollha tiegħu. Xita traxxax.*

*L-iskrivanija tnaddfet mill-karti kollha li SAMWEL kien iħalli madwarha. L-għasfur ibbalzmat imperreċ fuqha tneħħa wkoll.*

*ELEN u n-NANNA, it-tnejn lebsin l-iswed, jinsabu bilqiegħda mal-mejda; in-NANNA għajnejha magħluqa, mitluqa fuq is-siġġu tar-roti, kutra fuq riġlejha, il-Bibbja f'ħoġorha, waqt li ELEN tinsab bilqiegħda f'tarf ieħor tal-mejda, kultant iteftef f'xi xogħol tas-suf, kultant tħares lejn in-NANNA, imma ħarsitha aktarx mitlufa fil-vojt.*

*Il-mejda tidher ippreparata u lesta għat-tè, b'sett tal-kina sabiħ ta' l-okkażjoni - tepot, kikkri, plattini, zukkariera, eċċ.*

*Hemm ukoll gabarre tal-fidda u buqar għall-ħalib, iżda t-tnejn huma vojta.*

*Jidħol NIKOLA mill-bieb tax-xellug; ġej mill-funeral. Liebes beritta u inċirata, u taħtha ġlekk b'faxxa sewda fuq l-ispalla. Jimxi bil-mod lejn il-loġġa, jinża' l-inċirata u jitlaqha fuq il-bandla. Jersaq imbagħad lejn il-mejda u jneħħi l-beritta. Idur ħares lejn l-art fejn ħalla l-ilma warajh minn kull fejn għadda. Jagħti ħarsa lejn ELEN, jistennieha tgħid xi ħaġa. Iżda ELEN, għalkemm ratu, tibqa' siekta.*

*NIKOLA donnu jħoss deħxa ta' bard u istintivament jaqbad kikkra u jressaqha lejh. Jagħmel idu mat-tepot u jsibu kiesaħ - m'hemmx tè lest. Jibqa' wieqaf mal-mejda, ma jafx xi jmissu jagħmel.*

ELEN: Fejn baqgħu Samwel u Petra?

NIKOLA: Ġejjin. *(Pawsa qasira)* Hemm in-nies ukoll.

ELEN: X nies? *(Pawsa - ebda risposta)* Jien mhux se nqum minn hawn.

*PETRA tidħol mix-xellug. Hi wkoll liebsa tal-vistu. F'idha għandha umbrella li dritt tmur tagħmilha miftuħa tqattar fil-loġġa. Wara tpoggi bott ħalib li ġabet magħha fuq il-mejda.*

PETRA: Hemm is-Sa Petronja u Dun Pawl. U xi tnejn oħra.

ELEN *(ma titħarrikx)*: M'għedtulhomx? Ma trid tara 'l ħadd. Ma tiflaħx.

NIKOLA: Billi tgħidilhom.

ELEN *(tħares lejn il-mejda)*: Lanqas gallettini ma sibt. Ma lestejt xejn.

PETRA *(tieħu t-tepot minn fuq il-mejda)*: Hemm il-misħun jagħli. *(Toħroġ mil-lemin).*

*NIKOLA jpoġġi mal-mejda. Joħroġ id waħda biex iressaq kikkra u plattina lejh. Donnu xi ħsieb iġagħlu jieqaf - iħares fiss lejn il-kikkra. Jibqa' hekk għal bosta sekondi - idu mifruxa fuq wiċċ il-mejda - ħarstu fissa, jistenna.*

*Tidħol is-SA PETRONJA mix-xellug. Tieqaf fid-daħla - umbrella mxarrba u nofsha miftuħa f'idha.*

SA PETRONJA: Elen, għażiża tiegħi! *(Tibqa' dieħla dritta għal fuqha)* L-għħomor lilkom u 'il min baqalkom, ruħi! *(Billi ELEN tibqa' ma titħarrikx, titbaxxa u tbusha fuq ħaddejha, l-umbrella dejjem tferfer f'idha)* Miskin Eżra, kif kellu jħallina jaħasra! Alla jagħtih il-Ġenna! Meta smajt ma ridtx nemmen! *(Tinfexx f'bikja)* Ma ridtx nemmen jaħasra! Kien għadu hekk żgħir miskin! Min jaf kemm ħadtuha bi kbira

jaħasra! *(Ebda tweġiba. Terġa' tirranka)* Jaħasra - mewta hekk ħesrem! U ara jien ukoll, nibki qisni tarbija! Tibżax Elen, ruħi, Alla jagħtikom is-saħħa! Hu jaf xi jkun irid minna, wara kollox. Illum hawn u għada - eh, għada min jaf! Min jaf ruħi… Kuraġġ!

ELEN *(bil-kemm titħarrek - timsaħ xi qtar tax-xita li s-SA PETRONJA waqqgħet fuqha. Moħħha xi mkien ieħor)*: Grazzi, Sa Petronja.

SA PETRONJA: M'hemmx imniex, ruħi! *(Pawsa qasira. Ma tistax tifhem din il-bruda stramba. F'daqqa waħda ddur lejn in-NANNA)* U l-Mama, jaħasra! Sinjura Depawli!

ELEN *(ma tqumx - imma leħinha jogħla u jiħrax għal mument)*: Le, Sa Petronja!

*Maħsuda, is-SA PETRONJA tieqaf ħesrem.*

ELEN *(terġa' tbaxxi lehinha)*: Le - aħjar ma tqajjimhiex.

SA PETRONJA: Le, hux? Iva, qalli Nikola; ma tiflaħx, hux? Dażgur - u jista' jonqos. Kienet tant tħobbu lil Eżra miskin. Iż-żgħir tagħha niftakar kienet issejjaħlu. Dejjem iż-żgħir tagħha baqa', jaħasra.

*Terġa' tidħol PETRA bit-tepot mimli, u biċċa ta' l-art f'idejha. Tmur tpoġġi t-tepot fuq il-mejda.*

SA PETRONJA *(tkellem lil ELEN, imma għajnejha jsegwu kull mossa ta' PETRA)*: Kemm tidher magħdura miskina wkoll. Batiet tant fi żmienha - batiet tant biex rabbietkom - ħadet ħsiebkom - jista' jonqos. U issa araha msejkna mara! Aħfruli, imma jien qalbi żgħira - ma tiflaħx! X'waħda din… Qalbi! Qed inħossha tferfer! Ajma, qalbi! *(Tagħti kull impressjoni li se jħossha ħażin - titlaq l-umbrella fl art, tħares madwarha donnha tistenniehom jiġu jiġru jnewwlulha xi siġġu).*

ELEN *(bla ma tqum - turi lejn siġġu mal-mejda)*: Poġġi Sa Petronja. Strieħ.

PETRA (tersaq biex tressaqlha s-siġġu): Poġġi, Sa Petronja. Trid tixrob xi ħaġa?

SA PETRONJA : Le! Iġġibli xejn! *(Taħtaf l-ewwel siġġu li jiġi għal idejha u tpoġġi deċiża ħdejn ELEN. X'jaħsbu - li se jeħilsu minnha hekk ħafif!)* Grazzi, Elen ruħi! Issa jgħaddili, tibżax, issa jgħaddili. Qalbi - dan l-aħħar ma nafx x'qed itini - daqsxejn ta' emozzjoni u erħilha tferfer qalbi! *(Tieħu nifs twil)* Eh, mhux kulħadd jaf irażżan l-emozzjonijiet tiegħu kif ġib u laħaq. Qed nixjieħu, dik hi, qed nixjieħu, Elen ruħi. Illum hawn u għada, eh għada l-Bambin jaf. Ma aħniex għal hawn, u dik hi - m'aħniex

għal hawn.

*PETRA tiġbor l-umbrella tas-SA PETRONJA, tmur biha fil-loġġa u tqegħedha miftuħa tqattar ħdejn l-oħra. Imbagħad tieħu l-biċċa ta'l-art u tinżel għarkubbtejha u tibda timsaħ ċ-ċaflis ta' l-ilma tax-xita.*

SA PETRONJA *(dejjem attenta, kurjuża, tosserva. - Tipprova tħajjar lil ELEN tiftaħ fommha)*: M'aħniex għal hawn - mhux hekk,Elen?

ELEN *(bi sforz)*: Għax ma teħux xi ħaġa, Sa Petronja?

SA PETRONJA *(talanqas!)*: Hi, iva, forsi m'hix idea ħażina! Dik hi, forsi, xi ftit debbulizza. Nieħu gallettina kieku. U hemm il-kejk tas-Sinjura Pinzi Grech ukoll. Ġabet *gateau* tgħidx kemm hu… *(Tiftakar)* Hi, il-*gateau*! U Dun Pawl! Ħallejtu lampa stampa hemm barra - x'għarukaża! Hi ara, ħa mmur ngħidlu jgħaddi, ta! Ma riedx jidħol dak ukoll - għedtlu jien jista' jgħaddi… Ma jimpurtax jgħaddi, hux? Jien għedtlu ta! Immur inġib il-kejk ukoll, daqt ġejja! Oqogħdu, ara, oqogħdu - ħa ngħidilhom jien! *(Toħroġ)*

*Matul is-sikta li taqa', PETRA tkompli timsaħ l-art għal ftit, imbagħad, lesta, tqum.*

PETRA *(tmur tiftaħ il-bott tal-ħalib. Lil NIKOLA)*: Tridni nibda nferra'?

NANNA: Stenna. Forsi ma jidħlux - imorru… *(Titħarrek kemm kemm - jaqa' l-ktieb minn ħoġorha.)*

NIKOLA *(igemgem taħt l-ilsien)*: X'imorru jmorru!... *(Iqum u jersaq biex jiġbor il-ktieb mill-art. Ikun se jnewwlu lin-NANNA, iżda minflok ipoġġih fuq il-mejda ħdejha. Hi la tħares lejh u lanqas tmissu).*

*Barra jinstemgħu jogħlew xi ilħna jargumentaw. Jingħaraf fuq kollox leħen is-SA PETRONJA.*

PETRONJA *(minn barra - il bogħod)*: U x'jiġifieri! Ħallih hawn issa la ġibtu! Kif tagħmel din ukoll!

NANNA: Aħjar taraw x'inhu jiġri hemm barra.

*SAMWEL jidħol mill-bieb tal-loġġa. Liebes in irata twila sewda u taħtha libsa griża skura bla ingravata, imma l-qmis, aktarx skura ukoll, magħluqa sa taħt geddumu. Xagħru, kemm għax imxarrab, kemm ukoll għax qatgħu, jidher qasir għall-aħħar. Liebes in-nuċċali u f'idu għandu ktieb tal-quddiesa. Huwa bniedem fid-dehra totalment differ enti mis-SAMWEL li rajna qabel. Infatti, naraw lis-SAMWEL serju - SAMWEL is-Seminarista.*

SAMWEL: Xi tridu qed jiġri hemm barra; l-istess fares ta' dejjem. *(Jinża'*

*n-nuċċali u jixxuttah mix-xita b'maktur)* U ġabu wkoll l-offerti tas-sagrifiċċju! *(Iħares madwaru)* Petra għadha ma ġietx? *(Jilmaħha għadha għarkubbtejha wara l-umbrelel, il-biċċa ta' l-art f'idejha).*

PETRA *(bla ma tqum)*: Fejn bqajt? *(Pawsa qasira - tinduna li mhux qed jieħu gost jaraha hekk. Bi sfida titbaxxa u tkompli timsaħ)* Ara fejn tirfes. Għax ma ġejtx magħna ċ-ċimiterju mill-knisja?

SAMWEL: Għalfejn? Minn trab għal trab, eċċetra, eċċetra. L-istorja nafha. *(Jersaq lejha waqt li jinża ' l-inċirata)* X int timsaħ hemm int?

PETRA *(titlaq il-biċċa fl-art - idejha fuq qaddha, minkbejha l barra)*: Għax dak xogħli. Is-sejħa tiegħi nafha - bħalma issa int taf tiegħek.

SAMWEL *(iħares lejn ħwejjġu - iġebbed il-pavru tal-ġlekk b'disprezz)*: Qed tgħid hekk minħabba dawn? *(Jixħet bl-addoċċ fuq l-umbrellel l-inċirata li neża')* Ma tafx għalfejn kelli nilbes hekk? Biex nisfida lilhom. *(Juri lejn NIKOLA u n-NANNA)* U lil dawk hemm barra. Ma rajtx kif baqgħu malli rawna deħlin flimkien fil-knisja? X'apotejosi? Xi skandlu!

PETRA: Rajt.

SAMWEL: Ħsibtek fhimnt.

PETRA: Ħibt ħażin. *(Tqum tiġbor l-inċirata).*

SAMWEL: U għal Eżra wkoll - bi tpattija! Forsi xi ftit miet minħabba fija wkoll. Rodd lil Alla dak li hu ta' Alla.

PETRA: U Ċesri jibqa' b'xiber imnieħer? Nobgħod insib li xiħadd inqeda bija, jien.

SAMWEL: M'iniex nifhmek. Għalhekk biss dil-farsa. Għaliex, xi ħsibt?

PETRA: Xi tridni naħseb? 'Kk stess, issa jekk naħseb - naħseb għalija biss.

SAMWEL: Għalhekk biss qed ngħidlek...

NANNA: Imma ma missekx, Samwel. Ma missekx. Issa... Kien ikun aħjar kieku tmur...

SAMWEL *(jaqtagħlha kliemha ħesrem. Kliemu iebes daqs qatt qabel)*: Xiex aħjar issa? *(Waqt is-sikta li taqa jimxi lejha. Jieqaf quddiemha)* Għidli, xiex? Għandek xi parir ieħor għalija llum ukoll? Għidli, xiex aħjar, Nann?

NIKOLA: Le, Samwel. Mhux hekk

SAMWEL: Iva, hekk! X'jimpurtakom aktar lilkom issa, hekk jew hekk? Tebgħa oħra mbajda sa fl-aħħar, dak kollox. Dak l-aqwa. U mhux li kien dak li kellu jiġri, ġara qabel. Dik l-unika sogħba tagħha.

NIKOLA: Le, Samwel. Mhux veru. M'intix tifhem li issa - issa kollox…

SAMWEL: Xiex issa imma, Nikola? Inbidel xi ħaġa issa, forsi? Le, Nikola, ma nemminhiex! Intom ma tinbidlux - għalxejn! Jiġri x'jiġri.

NIKOLA: Għandek żball, Samwel. Allaħares ikun hekk. Dak li ġara ma jistax ikun ġara għalxejn!

SAMWEL: Għalxejn, iva! Bħalma Eżra għex u miet għalxejn.

NIKOLA: Le, Samwel, mhux għalxejn.

SAMWEL: Kif mhux għalxejn? X'kont tistenna int, il-fidwa universali? Imm'int għadek taħsbek taf tinterpreta l-ġejjieni u il-preżent, Nikola? Possibbli?

NIKOLA: Int, Samwel - intom… *(jinkludi lil PETRA)* f'din m'għandkomx x'taqsmu. Isimgħuni. Jekk tridu ssibu xi ħtija, jekk jeħtieġ li xiħadd ikun ħati - jekk xiħadd jeħtieġ li jpatti, ħa npatti jien. Li kieku naf inpatti aktar. Għax ħsibt li stajt infassal il-għada, għedt kburi u għama li kont - Għada xejn ma se jiġri. Għada ma se jinbidel xejn. Għax hekk irrid jien!... Għax hekk irrid jien... Jien, jien, jien! Issa naf - issa naf! Naf li wkoll kieku kont Ġobb - li kieku l-Mulej staqsa lili - Jewwilla int għandek driegħ bħal Alla! - jien lanqas ma kont naf ngħidlu le kieku. X'suppervja għamja! Għax mingħalik tista' tfassal pjan u tagħmilha ta' profeta tiegħu - u tfittex mottivi u sinjali mis-Sema biex tiġġustifika ruħek - u biex tiġġustifika l-baħħ - il-Baħħ u s-Sikta eterna ta' madwarek. Imma kienet biss logħba - logħba ma' Alla li kont naf li se nitlef. Bla ma ridt - għalkemm xorta kont naf x'qed nagħmel - ippruvajt inġarrbu - ippruvajt nisfurzalu idejh! Qisni lgħabt mal-baħħ… u xorta tlift.

ELEN: Tilef Eżra. Talanqas imma issa hu ġġustifikat.

NANNA: Talanqas. U forsi issa jistrieħ f'dinja aħjar minn din.

SAMWEL: Dinja aħjar! Agħar żgur, ma teżistix!

NANNA *(insiet għal mument l-għelt bejniethom. Bi drawwa)*: Le Samwel. Tgħidx… *(Tieqaf, ukoll qabel ma tara lil SAMWEL idur fuqha).*

SAMWEL *(Jerfa' subgħajh bi twissija - idejh jirtogħdu)*: Int - int aħjar ma tgħidli xejn iżjed. Għedt biżżejjed, int. Ma jiswa xejn aktar it-tibjid bil-kliem bejnietna. Xejn aktar. Mela issa iskot int - darba għal dejjem.

*Sparatura waħda tinstema' barra, iċċaqċaq u tidwi fis-sikta.*

*PETRA tmur mal-mejda, tiftaħ it-tepot u tibda tħawwad it-tè, lesta biex tibda tferra'.*

SAMWEL: Ħalli.

PETRA: Se jerġa' jiksaħ.

SAMWEL: Għedtlek ħalli! Issa nieħu ħsieb jien iċ-ċerimonji, tibżax. Dan ir-rit talanqas nafu - aħjar minnek *(Jersaq lejn in-nofs tal-mejda, hekk li jista' jħares dritt 'il barra lejn il-platea- mifrud minnha biss mill-mejda. Jieħu t-tepot f'du biex jibda jferra')* Ejjew - ersqu lkoll. Jien l-iżgħar - imma llum imiss lili naqdi. Għax illum laħħquni raġel sa fl-aħħr. Ersqu eqreb. Poġġu. *(Pawsa qasira - ħadd donnu ma jrid jiċċaqlaq)* Poġġu!

*Kulħadd jinġabar mal-mejda. In-NANNA tinstab fuq il-lemin, b'NIKOLA faċċata tagħha fit-tarf l-ieħor. ELEN qiegħda fuq il-lemin ta' SAMWEL, u PETRA n-naħa l-oħra tiegħu, għalkemm hi żżomm is-siġġu tagħha kemmxejn aktar lura minn tiegħu.*

*Bl-akbar reqqa u attenzjoni SAMWEL jibda jferra' t-tè fil-kikkri quddiemu. Waqt li jagħmel hekk, il-monologu tiegħu jrid jingħad b'mod li joħloq atmosfera ta' diskors normali ta' waqt it-tè, minkejja l-akkużi tiegħu. Kliemu jipprova jżommhom kemm jista' jkun emozzjonalment distakkati, indirizzati lejn ħadd partikolari - ħlief forsi kultant lejn il-miġburin mal-mejda, kultant direttament lejn l-udjenza.*

SAMWEL: Intom tafu, mhux hekk? Tafu li intom qtiltuh. U jien magħkom, kompliċi. Għax għasfur taċ-ċomb ma jtirx. Imma aħna a nibqgħu ngħidulhom, Eżra waqa' mit-terazzin. Għax mhux biżżejjed tgħid, għasfur taċ-ċomb ma jtirx. Aħna nifhmu - imma għalihom mhux biżżejjed - ma jaċċettawhiex żgur. Miskin Eżra - għasfur tal-laħam itir - għasfur taċ-ċomb ma jtirx. *(Jidħaq - daħqa aktarx qarsa - imma l-gost, is-sens ta' l-umoriżmu pervers, huwa ġenwin)* Tgħidu: ukoll f'hekk isib biex jidħaq? Imma aħjar tgħidu: talanqas jidħaq - talanqas iħoss xi ħaġa. Il-verità hi imma li lanqas dakinhar, tafux - lanqas meta... waqa', ma stajt nitħassru. Ma stajt inħoss xejn infatti - ħlief sens ta' assurdità - banalità. Kulma stajt naħseb kien: Possibbli allura kellu jkun propju Eżra li jħallas ta' kollox? Dak in-nofs ġisem minxur qalb l-għollieq u l-ħġieġ imkisser - dak propju Eżra? L-enormità ta' l-assurdità issummatni! Kif seta' qatt ikun? *(Spjegazzjoni illogika - protesta)* Għasfur taċ-ċomb ma jtirx!...

*Inizżel it-tepot. Il-kikkri kollha issa mimlijin u jibda jqassamhom mal-mejda.*

*Titfaċċa s-SA PETRONJA mill-bieb tax-xellug b'kejk f'idejha.*

*Tieqaf fid-daħla, donnha ma tridx tinterrompi d-diskors. Jekk l-oħrajn jarawha, ħadd ma jagħti ebda sinjal ta' dan.*

SAMWEL: U dan kollu minħabba fina. Tort tagħna lkoll. Minħabba fik, Nann. *(Jgħaddilha l-kikkra tagħha)* Ara niftakarx, tnejn zokkor? U għalik ukoll, Nikola. Bla zokkor, bħas-soltu. Tort tiegħek ukoll. U tiegħek, Elen. Bla ħalib? U għalija - is-soltu. *(Itiegħem)* Mhux kark biżżejjed. *(Iħares lejn il-kikkra tè li għad fadallu f'idejh l-oħra. Iħares lejn PETRA - jaf li ma ħadhitx, iżda donnu m'għandu ebda għaġla jagħtiha. Forsi jistennieha titolbu? Fil-waqt jilmaħ lis-SA PETRONJA. Jimxi dritt lejha, waqt li jkompli)* Imma xejn. Assolutament. Ma ħassejt xejn aktar. Żgur ebda rimors. Allura mela dan hu s-sagrifiċċju - din it-tpattija tagħna lkoll? Possibbli ma kien fadlilna xejn aktar x'noffru? Possibbli msejkna daqshekk? Possibbli, Mulej, dan hu l-bikri li tlabtna noffrulek? Għasfur taċ-ċomb?

*Jgħid dan l-aħħar kliem waqt li wasal biswit is-SA PETRONJA li xxengel u tagħti b'rasha donnha taqbel ma li qed jgħid.*

SAMWEL: Bonġu, Sa Petronja. Tieħu ftit tè? *(Joffrilha l-aħħar kikkra).*

SA PETRONJA: Iva - iva, grazzi Samwel. Hawn hu l-kejk. Mort sibt sikkina ukoll.

SAMWEL: Għaddi, konna qed nistennewk. Għaddi, poġġi .

SA PETRONJA *(tidħol miegħu lejn nofs il-kamra)*: Grazzi. Dun Pawl u s-Sinjura Pinzi Grech telqu pero. Ma stajt infehemhom b'xejn! Taf int - qalu ma jridux jiddisturbaw. Imma bgħatulkom il-kondoljanzi tagħhom

SAMWEL: U l-kejk ukoll! Imn'alla tafx. *(Ibaxxi leħnu; f'widnejha baxx baxx)* Għax, skużana, imma llum gallettini milli jidher m'għandniex!

SA PETRONJA: Uh, ma jimpurtax, ma jimpurtax…

SAMWEL: Gentili wisq! *(Inewwlilha siġġu, hekk li hi tpoġġi mal-mejda minn-naħa ta' l-udjenza.)* Poggi, poġġi però.

*Is-SA PETRONJA tpoġġi u tieħu belgħa tè. Titqarras, imma ma tgħid xejn. Pawsa. Tinduna li kulħadd qed iħares lejha.*

SA PETRONJA: Isma', żgur mhux qed niskomodakom, hux?

SAMWEL: Le, tiskomodana int, ma tarax! Konna biss qed niftakru fl-imsejken Eżra, il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem

SA PETRONJA: Id-dawl ta' dejjem jiddi lilu jaħasra!

SAMWEL: Jistrieħ huwa fil-paċi…

SAMWEL / SA PETRONJA: Amen!

PETRA *(tqum minn mal-mejda)*: Hemm bżonn inkomplu b'dix-xarada, Samwel?

SAMWEL: Għaliex le? Qed nikkomunikaw, m'intix tara? Sa fl-aħħar jien u s-Sa Petronja qed nikkomunikaw.

PETRA: X'taħseb li se tirbaħ? Hemm barra, fost dawk, quddiem kulħadd kien forsi xieraq - kien forsi jagħmel sens. Imma żgur mhux hawnġew. Mhux issa.

SAMWEL: Imma għedtlek - jien fosthom diġà nżilt. Jiena u int flimkien, fil-knisja, hemm konna. U rawna flimkien il-Fariżej. Possibbli li lanqas int ma tifhem? Jew forsi forsi int tippreferi leħen il-qilla fost il-Fariżej? Dik hi! Hux dik hi?

SA PETRONJA : X'Fariżej, skużi?

PETRA: Forsi.

SAMWEL: Forsi. Għax għadni dgħajjef wisq. Forsi dik hi. Tajjeb! *(Lis-SA PETRONJA)* Hemm - fil-knisja - ma rajthomx, Sa Petronja? Qalb dawk iċ-ċerimonji u dmugħ il-kukkudrilli? Kulħadd iqum fuq saqajh itenni l-*mea culpa* u jħabbat fuq sidru Ismagħna nitolbuk Mulej! *(Eżortazzjoni)* Itolbu, ħuti. Ismagħna nitolbuk, Mulej!

SA PETRONJA: Ismagħna nitolbuk, Mulej!

PETRA: Imma int dik il-parodija ma tiflaħhiex aktar.

SAMWEL *(pront)*: Ma niflaħhiex! U ma flaħthiex. Kif stajt! Allura - allura kelli nqum fuq saqajja - u nitla' hemm fuq, quddiem kulħadd u ngħajjat- Ismagħhom, Sinjur! Ismagħhom jitkarbulek!...

SA PETRONJA: Ismagħna!

SAMWEL: Ismagħhom, Sinjur! Imma Int taf - ħadd minnhom ma jemmen dak li qed jgħid! Illum qegħdin hawn, itenni kliem-is sogħba, imma ħsiebhom m'huwiex - u lanqas qalbhom! Imma Int ħanin, Mulej, allura ismagħhom nitolbuk, Mulej!

SA PETRONJA (*bi ħrara ferventi)*: Ismagħna nitolbuk, Mulej!

SAMWEL: Ismagħna...! U tagħtix kas, Mulej, li minn hawn u ftit ieħor imorru lura lejn djarhom, iseksku bejniethom u jgħidu: Kif lanqas ommu ma ġiet għall-funeral! *(iseksek f'widnejn is-SA PETRONJA)* Imma ara, Nikola ġie! Nikola ġie! U kif Samwel qiegħed ma' dik it-tfajla! Taf min hi dik? U mhux għax trid tagħti kas ilsien in-nies, imma l-affari hekk u

hekk kienet - X'għarukaża!

SA PETRONJA: X'għarukaża!

SAMWEL: Għax kos, hux, dan Eżra kif waqa' minn hemm fuq? U Elen - Elen fejn kienet?

ELEN: Ieqaf. Tkomplix, Samwel.

SAMWEL *(ibaxxi leħnu, imma jkompli)*: Imma int ismagħhom, Mulej... Meta rajthom minn hemm fuq imma, iseksku u jroddu s-slaleb skandalizzati, l-għajta dik l-għajta ma setgħetx tinżamm lura aktar: Oqbra mbajda! Oqbra mbajda lkoll!

PETRA: Oqbra mbajda.

SAMWEL: Iva, għajjarthom u għedtilhom f'wiċċhom: Oqbra mbajda! U werżaqt biex kulħadd jismagħni: Mulej aħfrilhom! Mhux ħtija tagħhom huma daqshekk miżeri u koroħ! Aħfrilna lkoll, Mulej!

ELEN: Maħra - Maħfra, Mulej.

SA PETRONJA : Maħra.*(Donnha tipprova tirbaħ id-dehxa - tiġi f'tagħha)* U le, u le, Elen! X'maħfra...! Elen, ruħi! X'int taħseb? X'inhuma jgħidu dawn? X'inhuma jgħidu! Mhux veru - mhux veru ta, Sinjura Depawli. Ma ġara xejn minn dan, tafux. U le, u le!

PETRA: Imma jien rajtu. Iva, hekk rajtu. Hemm fuq - qalili u sabiħ - sejf tannar. U meta tkellem hu, ħadd ma ssogra jgiddbu. U jien ukoll ħarist 'il fuq u tlabt, għall-ewwel darba veru tlabt - Sinjur aħfrilhom; mhux kulħadd huwa ikreħ jew ħażin. Hawn min jista' jkun qalil - imma ħanin, u sabiħ .

ELEN: Tassew, Samwel? Fil-knisja? *(kważi b'xenqa)* Quddiem kulħadd?...

SA PETRONJA: U le, Elen ruħi! Qed ngħidlek, le, jaħasra! Aktar intom tieħdu għalihom. Qed jgħidu hekk biex jarawkom tinkwetaw, emmnuni. Imma ma jmisshomx - ma jmisshomx! Mhux fiċ-ċirkostanzi tagħkom jaħasra. Biss teħdux għalih imsejken tifel! Kien iħobbu tant lil zijuh!

SAMWEL: Le; kien ikreħ - kien stramb u kont nobgħodu! Fuq kollox - u minkejja kollox - kont nobgħodu.

ELEN: Le, Samwel.

SA PETRONJA: U le, temmnux, Elen ruħi. Kieku rajtuh miskin il-knisja, hemm, quddiem nett, rasu baxxuta l-ħin kollu jitlob - tassew kontu titgħaxxxqu! Mhux hekk, Nikola? Iva għidilhom int, jaħasra. Kont hemm int ukoll!

NIKOLA *(mhux bi tweġibha)*: Kien hemm, mela, leħen iċanfar l-oqbra mbajda. U lili. Kien hemm mela. Int smajtu?

SAMWEL: Kien hemm. Jekk smajtni int ukoll, kien hemm.

SA PETRONJA: U xi tridu jisma' 'l dak? Aktar jien!

NIKOLA: Le, dak ma jfisser xejn - Billi jien ma smajtx, ma jfisser xejn! Kemm xtaqt nisma' - kemm xtaqt inħoss! Imma billi jien ma smajtx - ma ħassejtx - dak ma jfisser xejn! L-aqwa li hu semgħu.

SA PETRONJA: U iva, iva - skużani, Nikola ruħi. Imma tagħmilx hekk int ukoll! Għandek raġun int, int batejt; imma jeħtieġ xi ftit tal-kontroll!

NIKOLA: Kontroll iva. U jien batejt, iva! Jien kont li batejt dawn is-snin kollha. Għax darba - darba żbaljajt - għax darba għext! Imma għalhekk kelli npatti ħajti kollha? Għalhekk - għalhekk sofrejt il-Baħħ u s-Siekta - u qatt aktar ma smajt leħnu. Fittixt għalxejn xi għelm - flejt sa l-iċken dettall għal xi sinjal minn tiegħu - għal tifsira tar-rieda tiegħu. Għamilt kollox għalih - kollox! U kollox kont lest nagħmel. Imma għalxejn. Ukoll kieku poġġejtlu l-istess ibni fuq artal u għollejt xafra għas-sagrifiċċju - kont naf li ebda id mis-smewwiet ma kienet se żżommli idejja. Imma issa ċert.

NANNA: Kont taf qabel ukoll, Kola. Int biss ma ridtx tifhem.

NIKOLA: Ridt inkun żgur, Tereża! Għedt, jiġri x'jiġri, basta nagħraf li hu għadu hemm - ukoll jekk biss billi nisma' leħnu jisħetni. Basta jkolli prova! *(Idur fuq SAMWEL)* Mhux il-maħfra kien hemm bżonn, Samwel - kien hemm bżonn is-saħta. Isħetni mela, Samwel! Talanqas int, isħetni.

SAMWEL: Min jaf kemm-il darba sħettek, Nikola - kemm sħett lil kulħadd. Imma issa - issa ma nafx aktar kif. Issa li s-siekta naf li qiegħda ġewwa fija ukoll.

NIKOLA: Le, fik le! Isħet lili - isħetni, qed ngħidlek! *(Jhe żhżu minn spallejh).*

SAMWEL: Ukoll dan il-ħelsien għandu prezz, Nikola.

NIKOLA: Ġo fik, le! Isħetni! *(Ikompli jheżhzu… sakemm flok jheżhżu jispiċċa jgħannqu miegħu)* Go fik, le. Imsejken, Samwel. Mela issa veru kollox mitmum.

SAMWEL *(jibqa' wieqaf dritt, iebes - iqiegħed biss id waħda ħafif ħafif fuq spallejh - l-uniku faraġ li jaf irodd)*: Imsejken Nikola. Imsieken ilkoll. Għax aħna lkoll nies twajba, wara kollox - minkejja kollox. Imsieken in-

nies twajba.

NIKOLA *(jinqata' minn miegħu - jintelaq fuq siġġu)*: Twajba. Imma mhux biżżejjed. Jgħidu li n-nies twajba jmutu qasir il-għomor... Mela issa ma baqagħli xejn aktar f'din id-dinja. Għajr nistenna l-mewt. Hija ħaġa stramba l-mewt. U jien - jien kont naħseb li meta nasal biex immut jien, ma kienx se jisgħobija; hekk jew hekk, jien li qatt ma tlabt xejn mid-dinja, għajr id-dinjità tiegħi, kont naħseb li billi nċedi ftit dinjità, il-kburija tiegħi kienet hekk bla qies li ma kontx nħoss il-għajb tat-telf ta' ftit dinjità. Ma temminx kemm wieħed jista' jissaporti, imwieżen fuq is-suppervja u l-għajb. Imma hija ħaġa stramba l-mewt - aktar u aktar meta l-ulied imorru qabel il-missirijiet u jpattulhom ta' ħtijiethom. U taf li ma baqagħlek xejn, la d-dinjità, u lanqas il-għajb.

SA PETRONJA: Sur Nikola, isa, mhux hekk. Mhux sew tagħmel hekk. U quddiem it-tfal ukoll!

NANNA: *(titkellem waħedha)* Iva, it-tfal

SA PETRONJA: Għidlu, Sinjura Depawli! Ftit dinjità, ħeqq! Ċerti affarijiet personali, delikati! - m'għandna ebda dritt! Jeħtieġ inżommu ftit dekor - f'ġieħ l-imħabba ta' dawn l-innoċenti!

NANNA *(l-istess)*: F'ġieħ l-imħabba *(Imbagħad, bħal donnu ħsieb irxuxtat mill-imgħoddi)*: Ħobbu - ħobbu kull tliet sigħat mela.

SA PETRONJA: Skużi?

NANNA: Ħobbu kull tliet sigħat. Għax l-ulied imorru qabel l-ommijiet ukoll. Sa fl-aħħar. Għandek raġun int, Samwel. U jien kemm tlabt lil Alla jeħoduli - jeħoduli u jeħilsu

SA PETRONJA: Sinjura Depawli!

NANNA: U jeħles lili. Kemm kont nitlob fil-bidu, Sa Petronja. Liema qaddis u qaddisa ma tlabtx! Ma kienx bħat-trabi l-oħra imma. Ukoll wara ftit ġimgħat kont diġà intbaħt. U ma donnu seta' jieħu r-ruħ qatt u b'xejn. Għalxejn ġrejt għand tobba u speċjalisti. Sakemm imbagħad, darba, Dun Pawl - kien għadu kjeriku novizz, niftakar, darba kien ħares lejh u mbagħad lejja, u staqsieni bl-akbar galbu - Imma int kull meta treddgħu, Sinjura? U jien, mifxula mhux ftit - għax il-ħalib tiegħi veru kien ftit u dgħajjef - jien għedtlu - Kull tliet sigħat. U hu pront wieġeb - Mela ħobbu kull tliet sigħat, Sinjura. Ħobbu kull tliet sigħat!

SA PETRONJA: Uuh, jaħasra; x'anġlu! Xi profeta!

NANNA: Iva, kellu intenzjoni tajba, miskin… Imma ma dak il-kliem ħassejt bħal dehxa kiesħa taqsamli ruħi fi tnejn. U demmi kesaħ. Għax dak il-ħin fhimt - fhimt aktar milli basar Dun Pawl. U minn dakinhar il-ftit ħalib ta' sidri nixef qoxqox. U qatt aktar ma stajt inreddgħu aktar. U minn dakinhar roddejtu lura lil Alla, u tlabtu jieħdu lura.

SA PETRONJA: Ġesumarija - x'int tgħid Sinjura!

NANNA: Ifhimni, Sa Petronja! Ipprova ifhimni. Hemmhekk - dakinhar - kont naf - kont diġà tliftu lil Eżra. Kulma stajt ngħidlu kien - Tista' tmur lura jekk trid! Għax qatt ma messek tkun tiegħi. Roddejtu lura u għedtlu - Mulej, issa tista' tieħdu lura meta tridu! Avolja kien l-ewwel iben tiegħi! Avolja kont naħseb li ma kienx jista' jkolli aktar ulied. Tajtulu lura, u wara bkejt. Imma qatt iżjed wara dakinhar. Tifhem issa għaliex ma nistax nerġa' nibkih it-tieni darba, Sa Petronja? Tifhem għala meta Nikola jiġi jgħidli: Alla jrid iben ieħor minn tiegħi għall-artali tiegħu jien ma nistax ngħidlu iva? Qatt iżjed! Tifhem, Sa Petronja?

SA PETRONJA: Ma nafx, ma nafx… Imma min kien qatt jobsor, jaħasra! Imma allura wara *(tbaxxi leħinha - kunfidenzjalment, bejn nisa)* Wara, meta kellek lill-ieħor- x'kien jismu? - wara?....

NANNA: Lil Philip?

SA PETRONJA: Eh, eh - kont tista' treddgħu? Jew forsi...eh, jaħarsra, hu ukoll?

ELEN *(kiesaħ u biered - bla ma tqum)*: U mbagħad, wara, meta kellek lili? Wara għalija kellek ħalib, Ma? Staqsiha, Sa Petronja? Lanqas għalija? *(Qabel ma jista' jkun hemm tweġiba. Bla qilla)* Imma għaliex jeħtieġ inħalluha hawn lil din? Bi tpattija?

SAMWEL: Tpattija. *(Jieħu sikkina f'idejh)* U għax aħna lkoll nies twajba, wara kollox. Jew għax forsi jeħtieġ xhud ukoll. *(Jaqsam il-kejk fi tnejn b'kolp wieħed, qisu qiegħed jaħsad ras)* Tibżax, ftit ieħor biss imma. Hawn, Sa Petronja, ma teħux biċċa kejk?

SA PETRONJA *(tinġibed minnu)*: U le, u le! Kif jista' wieħed jaħseb fl-ikel, x'kull waħda! X'diżgrazzja wkoll! Minn qatt kien jobsor!

*SAMWEL xorta jagħtiha l-kejk u hi tieħdu. PETRA terġa' timlielha l-kikkra bit-tè.*

ELEN: Xhieda tat-tpattija mela. Għax wieħed jeħtieġ li jpatti - ipatti mhux biss tad-dnubiet li jaf li għamel - imma għal dawk li ma jafx bihom ukoll.

Għal ħażen magħruf u mhux magħruf li wettaq. Imma qabel ngħidlek kollox, Sa Petronja *(bi sforz - mhux faċli għaliha tgħid dak li se jkollha tgħid)* Qabel kollox, ftakar li għalkemm hu kien il-martirju u l-passjoni ta' ħajti, madankollu jien qatt ma tlabt għall-mewt tiegħu. U qatt ma xtaqtha. Mhux tiegħu… Ftakar.

SA PETRONJA: Tiegħu? Ta' Eżra trid tgħid?

ELEN: Imma għalih biss kont ngħix. Qatt ma kien hemm raġuni oħra għal ħajti. Jekk ommu reddgħetnix jew le ma nafx ngħidlek. Li naf hu li jien qatt ma sirt vera mara. Anzi, jmissni ngħid, lanqas qatt ma sirt vera xebba, bħax xebbiet l-oħra kollha. Naf żgur infatti li qatt ma nista' nitlef il-ħalib ta' sidri, għax qatt ma jista' jkolli. Imma hu - fih u bih - kien hemm talanqas xi għan għal ħajti. Qed tifhem, Sa Petronja?

SA PETRONJA: Eh, ma nafx. Naħseb!

ELEN: Taħseb. Lilu biss kelli. Għax lilu biss seta' jkolli. U safrattant - safrattant jien qtiltu.

*Is-SA PETRONJA tixraq fil-kejk. Tieħu belgħa tè biex jgħaddilha.*

ELEN: Forsi stajt għedt - jien ħallejtu jmut. Xorta ħtja imma. Jien ukoll iva. Aħna ngħidu, Eżra waqa' mit-terazzin. Fil-fatt, kif ħriġt hemm barra, fuq is-seta', kien għadu hemm, iggranfat b'id waħda max-xriek maqsum. Jien ġrejt u nxtħett ma' l-art ħdejh u ppruvajt naħtaflu idu. Iddendilt għal isfel u xi mkien hemm, f'dik id-dalma, idejja ngħalqu ma idejh. Dik l-id... *(Tagħlaq għajnejha)* Kienet imxarrba - bix-xita, naf! - imma wkoll bid-demm. U xi ħaġa oħra... gozz rix mgħaffeġ li ma riedx jerħi minn idejh...

SA PETRONJA: Rix!... X'rix?

ELEN: Maqbud bejn idi u idu dik l-id xierfa, imxarrba, imċappsa demm. Ma stajtx inżommha aktar. U ħallejtu jaqa'!

NANNA: Imma ma kienx tort tiegħek, Elen. Int talanqas ippruvajt. Żelaqlek minn idejk - lili ħallejtu jiżloqli minn qalbi ukoll.

ELEN: Le! Le, qed ngħidlek, Ma! Mhux se nħallik tiċħadni mill-ħtija wkoll. Ħallili dik talanqas. Le! Int ma tafx! Dak il-ħin hu ħares lejja - ħares lejja u qrali f'għajnejja l-kruha kollha li kont qed inħoss għalih - f'idu! Ħass id-dehxa ġo ġismi kollu. U fehem.

NIKOLA: Lanqas kieku ridt ma kont iżżommu imma.

ELEN: Le! Ħalluni ngħid jien! Jien kont li rħejtlu idejh. Li kieku ridt kont insibha s-saħħa - ma kontx nitilqu! - kont saħansitra ninżel miegħu għal

isfel - intir f'dak id-dlam miegħu pjuttost milli nitilqu. Imma ħallejtu jaqa' għax ridt!

SA PETRONJA: Marijasanta!

ELEN: Imma hu ukoll ried! Fl-istess ħin li tlaqtu - kien hu li fetaħ idejh. Hu ukoll, donnu f'leħħa ta' mument kien qrali qalbi. U jien qrajtlu għajnejh - għajnejh jitolbu Erħini naqa ! Erħini mmur! U fl-istess waqt, fl-istess dehxa ta' mument, erħejna 'l xulxin. U wiċċu ma kienx aktar imbeżża'. Waqa' fis-skiet, bla lanqas għajta waħda. Fil-ħemda assoluta.

*Pawsa. Skiet perfett.*

SAMWEL: Għasfur taċ-ċomb itir.

NIKOLA: Darba - xi mkien ma nafx sew fejn jew meta - darba qrajt li għamlu esperimenti fuq ruħ il-bniedem... Tabilħaqq! Biex jippruvaw jekk teżistix jew le, ruħ il-bniedem.

SA PETRONJA: Sur Nikola! *(Tqum bilwieqfa)* Ara skużawni, jien illum ma ġejtx hawn biex noqgħod nisma' l-ereżijiet! Fejn hi l-umbrella?

SAMWEL *(ipoġġi idejh fuq spallejha u jġagħlha terġa' tpoġġi )*: Le! Int ibq'hemm issa. Ġejt hawn biex tisma' u tara - ereżijiet u m'humiex! Mela isma'... *(Is-SA PETRONJA terġa' se tqum, tipprotesta - jerġa' jżommha)* Isma' u ara. Sa l-aħħar!

NIKOLA: Ma hux ereżija, Sa Petronja. Anzi. Sabu prova jgħidu - prova xjentifika ta' kemm tiżen ruħ il-bniedem. Għax wiżnu wieħed - bniedem qed imut - ftit sekondi biss qabel ma miet, u wara, ftit sekondi eżatt wara li miet. U sabu tabilħaqq differenza minima - grammi infiniteżimali Imma xorta waħda prova, qalu, ta' kemm tiżen ir-ruħ li sa fl-aħħar ħelset. Għax hija hekk ħaġa fraġli, ruħ, maħkuma ġo dan il-ġisem iebes. U ssib min jistaqsi, hija tassew ir-ruħ li hi mjassra - jew ir-ruħ li tjassar?

*Pawsa.*

*PETRA timxi lejn is-SA PETRONJA, hekk li tiġi ħdejn SAMWEL minn warajha, u taħsadha meta titkellem.*

PETRA *(tqiegħed idha fuq spallejha - SAMWEL għadu jżomm idu fuq spallejha l-oħra)*: U int, Sa Petronja? Int temmen f'dik ir-ruħ? Hemm ġewwa fik ukoll ruħ imjassra, tixtieq il-ħelsien?

SA PETRONJA *(tinħasad - ħjiel ta' biża' f'leħinha)*: Ara - araw ruħi - jien qed nipprova nifhem id-dulur tagħkom. Nagħder u nifhem jien ukoll, ara taħsbux...!

SAMWEL: Għax x'tista' tagħmel għajr tagħder? Issa li ftaħna qalbna

miegħek - issa li l-aħħar qatra ta' demmna tajnihielek - u kxifnielek ruħna berah.

PETRA: Xi trid aktar minna?

SA PETRONJA: Irrid!... Imma jien ma rrid xejn, ruħi! Xejn ma rrid minn għandkom!

SAMWEL: Le. Għid, tibżax. Staqsi li trid. Imqar mistoqsija oħra waħda! Li ridt taf issodisfajnieh? Kull suspett, kull dubju, iċċarajniehulek? Żgur le! Mela staqsi - talanqas mistoqsija oħra - ta' l-aħħar, qabel ma tmur - jekk trid tmur.

SA PETRONJA: Iva ara, naħseb li aħjar t alluni mmur

SAMWEL *(iżommha)*: Imma ma tmur imkien! Staqsi li gejt biex tistaqsi!

SA PETRONJA: Samwel, f' ie is-Sema!

SAMWEL: Is-sema trid taf ukoll, Sa Petronja. Staqsi mela.

SA PETRONJA: Imma nistaqsi xiex! *(Titlob l-għajnuna)*: Sinjura Depawli!...

SAMWEL: Li trid. Mhux hekk, Nann? Lili issa tħalluni nistaqsi li rrid, le? Mela anki int - anki int, Sa Petronja. Għandek dritt. Staqsi mela.

SA PETRONJA: Ara - ara, int qed iġġegħelni

SAMWEL: Jiena iva. Staqsi.

SA PETRONJA: Tajjeb Imma ħallini - ħallini naħseb!

SAMWEL: Le! Ma għandekx x'taħseb! Taf! Rajtkom hemm barra, fuq iz-zuntier, konfoffa waħda! Fuqiex kontu qed titkellmu? X'riedu jafu? Staqsi lili u ngħidlek.

SA PETRONJA: X'konfoffa!

SAMWEL: Staqsini! Riedu jafu xi ħaġa jew le?

SA PETRONJA *(f wiċċu - bl-istess qilla)*: Iva - riedu jafu!

SAMWEL: Hekk mela. Kompli. X'riedu jafu?

SA PETRONJA: Riedu jafu! Riedu jafu jekk kontx'int.

SAMWEL: Jien xiex?

SA PETRONJA: Kontx int... Isma', di' m'hix biċċa tiegħi! Int qed tisfurzani!

SAMWEL: Kontx jien xiex?

SA PETRONJA: Li beżżajtu! Li werwirtu! Li ġagħaltu jaqbeż! Dak li riedu jafu! Jekk kienx minħabba fik!

SAMWEL: Minħabba fija?

SA PETRONJA: Kuntent issa?

SAMWEL: Li jien ġagħaltu? Imma x'jaħsbuni lili? Għaliex weħilt jien?...

SA PETRONJA: Għax kulħadd jaf li kien jibża' minnek! Bħalma dejjem kien jibża' minn missierek! Talanqas, hekk jgħidu...

SAMWEL: Missieri! X'għandu x'jaqsam missieri?

NIKOLA: Xejn! M'għandu x'jaqsam xejn - ħlief fil-moħħ ħażin li għandhom! Missierek qatt m'għamel xejn lil ħadd! Dak naħilfu jien!

SAMWEL: Ħalliha tgħid imma! U għaliex tiddefendih int lil missieri? Għaliex mhux ommu? X'kien missieri biex lanqas ommu ma tiddefendih? X mostru kien mela?

NIKOLA : Jekk qatt kien hemm raġel ġust - ġust u twajjeb!…

ELEN *(fuq kliemu - lis-SA PETRONJA, b'qilla)*: La missierek u la Eżra ma kienu mostri!

SAMWEL: Tajjeb. Mela allura beża' minni għax jien jien. Għax jien la jien raġel - la ġust u lanqas twajjeb. Naċċettaha. Beża' minni. Wara kollox, tiftakru x'qalli dak il-lejl - qalli - isma' din, Sa Petronja - qalli "Int qattiel!

SA PETRONJA: Qattiel! Lilek?

SAMWEL: Qattiel, iva. Mhux biss - qalli li jien qtilt l-oħrajn kollha wkoll!

SA PETRONJA: Ġesumarija! X'oħrajn huma!

SAMWEL: Dik - dik hi! Ili minn dak il-lejl nipprova niftakar! Dik hi! Kont naf li kien hemm xi ħaġa - li qalli xi ħaġa dak il-lejl u li nipprova kemm nipprova niftakar... Dik hi! X'oħrajn huma? Min huma dawn l-oħrajn kollha li jien suppost qtilt?

*Il-mistoqsija hija ndirizzata lejn kulħadd.*

*Skiet biss.*

NANNA : Ma kienx jaf x'qed jgħid, Samwel.

*Pawsa qasira.*

SAMWEL *(bla ma jdur lejha):* Kif, Nann? Erġa' għidha?...

NANNA: Ma kienx jaf x'qed jgħid.

ELEN *(kważi fuq kliemha)*: Minni ried jaħrab. Jien werwirtu. Werżaqtlu f'wiċċu...

NIKOLA: U kien dak il-maltemp, is-sajjetti. Strumblawh

NANNA: Ma kienx jaf x'inhu jagħmel.

*Wara d-diskors maqtugħ u maħtuf tagħhom, terġa' s-sikta.*

SAMWEL *(iħares minn wiċċ għal ieħor- jipprova jifhem x'qed jiġri)*: Imma

għaliex? Għaliex intom hekk? Issa wkoll? Għaliex tigdbu lkoll - u lkoll flimkien? Intom li ma tiftehemu qatt - tiftehemu biss biex tigdbuli - issa wkoll! Għaliex, Nann? Elen? Nikola, għaliex? *(Isabbat bil-ponn fuq il-mejda, hekk li jhe he kollox fuqha).*

*Pawsa*

*PETRA tersaq u fis-skiet tibda tirranġa jew tiġbor xi kikkri u kuċċarini, forsi tixxotta xi tè jew zokkor li nxtered.*

SAMWEL *(iżomm idu muġugħåli bit-tisbita fuq il-mejda):* Int biss ma tgħid xejn issa? Ħalli kollox!… Ħallejthom jagħmluk seftura lilek, wara kollox? Int biss imma… Ħares lejhom. Dawn jafu. U dik *(is-SA PETRONJA)* - dik taħseb li taf ukoll. Imma int - int biss ma tgħid xejn.

PETRA: U kieku stess ngħidlek li naf?

SAMWEL: Taf? X'taf? Kif taf?

PETRA: Kif taf int. Kif imissek ilek taf int.

SAMWEL: X'naf? X'int tgħid?

PETRA: Għaliex ħarab minnek Eżra. Kif dejjem ħarab minnek. Għala…

NANNA: Le, Petra. X'ġid jista' joħroġ b'daqshekk? X'tirbaħ?

PETRA: Xejn. Jien diġà tlift. Imma issa hu jrid jaf aktar.

NIKOLA: Imma jeħtieġ? U issa?

PETRA: Issa. Mewta oħra żgħira. Forsi - u jalla, ta' l-aħħar.

NIKOLA: Le, ħallih. Talanqas hu, ħa jeħles.

PETRA: Le, Nikola. Ħadd ma jeħles. Jew kulħadd - jew ħadd. Diġà insejt? M'intix il-Padr'Etern aktar! Ma tistax iżżomm il-verità moħbija aktar. U lanqas Alla ma jrid - lanqas Alla! *(Lil SAMWEL)* X ridt taf?

SAMWEL: X'ridt naf?… Ma nafx… Eżra - għaliex qalli hekk? Għaliex qattiel? Jien ma qtilt lil ħadd! Jien - int taf - jien 'qas qatra demm ma niflaħ nara! 'Qas fuq għasfur ma jien kapaċi nerfa'… Stenna! L-għasfur! Forsi ried jgħid għal dak il-pitirross - għax rana se noqtluh. Dik hi?

PETRA: Dik. Dik ukoll.

SAMWEL: Ukoll? Imma intom tafu - kont int li qtiltu! Jien ippruvajt in ommok!… U qas kieku stess. Ma rridx ngħid...

PETRA: Imma qed tgħid. Jien qtiltu, iva. Iżda min qatel l-għasafar l-oħra kollha bbalzmati li kien hemm fil-kamra ta' Eżra? Dawk xiħadd qatilhom ukoll.

SAMWEL: Dawk? Li kienu ta' missieri? L-għasafar mela - għal dawk kien qed jgħid… Għalhekk qal - l-oħrajn kollha li qtilt? Imma issa ilu dawn is-snin kollha kif stajt kont jien? U intom, Nikola, int, kont tgħid li li n-Nanna qatlithom! Int, Nann! Veru?

*In-NANNA ixxengel rasha kemm kemm; tiċħad.*

SAMWEL: Dażgur! Int dejjem tiċħad!… Għax int - int dejjem waħħalt f''Elen! *(ħarstu tfittex malajr wiċċ ELEN għall-verità)*

ELEN: Jien?…*(iżda trażżan reazzjoni ta' stmerrija)* Jien mela.

SAMWEL: Le - int għalfejn tipprotesta - int li dejjem waħħalt f'Nikola! Ċirku vizzjuż! U jien niżfen fin-nofs! Jien... Imma mhux jien kont. Kif stajt inkun jien? Xi ħaġa kont niftakar kieku! Mhux hekk? *(Pawsa qasira)* Mhux hekk imma?

*Pawsa.*

PETRA *(lil NIKOLA)*: Għidlu.

NIKOLA: Kont għadek ċkejken Kellek forsi erba' - ħames snin. Sibniek hemmġew - fil-guva - l-għasafar f'ħoġrok u taħt saqajk - madwarek. U Eżra barra, wara l-wajer. Kien ra kollox naħseb.

SAMWEL: Jien qtilthom mela. Kif? Għaliex?

NIKOLA: Ilwejtlhom għonqhom, wieħed wara l-ieħor. Sakkart ruħek hemmġew, u wieħed wara l-ieħor… Kellna nkissru l-ħġieġ u nidħlu mis-serra biex noħorġuk.

SAMWEL *(iħares lejn il-ponn ta' idejh)*: Imma għaliex?

NIKOLA: Għaliex?… Min jista' jgħid.

ELEN: Eżra qatt ma ried jgħid għaliex. Lanqas lili. Forsi lanqas hu ma kien jaf għaliex. Imma kien wara li hu beda… *(Tieqaf)* Aħna qatt ħadd ma kien isakkar lil Eżra imkien dak iż-żmien. Kien minn hemm li hu beda... jaħarbek. Jaħrab kollox u lil kulħadd.

SAMWEL: Għax beża' minni. Mostru ta' erba , ħames snin.

PETRA: Tifel imma. U issa taf. Ħaġa żgħira ta' darba. Ta' tifel. Imma ma riedux jgħidulek. Ħasbu li raw sinjal mis-sema forsi - jew minn xi mkien ieħor. Min jaf! Imma riedu jaħbulek, qed tifhem, Samwel? Għax kienu mdorrija jaħbu. Għax jibżgħu mill-verità. Imma kont biss tifel! Il-kruha tagħhom dejjem beżgħu juruha u għalhekk jibżgħu juru kollox. Għal ftit kruha tagħna lkoll, ftit kruha meskina, nibżgħu nuru min aħna. U ħadd ma juri - u ħadd ma jaf lill-ieħor. U s-sabiħ jibqa' mistur ukoll. Tibqa' biss il-kruha li kulħadd għandu - u li jaħseb li ħaddieħor jista' jkollu, u

kulma nafu tibqa' biss il-kruha. U l-biża'. Imma issa taf - u taf il-ftit kruha tiegħek ukoll. Parti ċkejkna minnek ukoll.

SAMWEL: U issa int tgħidilha ċkejkna… Imma jien mhux iċ-ċokon li nara Petra, imma l-kruha. X'inhija din tiegħek - l-att ta' konsolazzjoni? Issa int tant għarfa - tant għarfa! X'ġara minnha l-Petra ta' taħt it-taraġ - tistenna biex tiftaħ bieb għall-mostru? Jew dik lanqas ma kienet il-vera Petra - jew Frida, min int? Lil Rapunzell qtilnieha wkoll, issa? Min int int issa mela, tfajla barranija? Min int?

PETRA: Min qalulek li jien? Iejqa salvaġġa - jew it-tajra feniċe forsi? Imma tibżgħax, ma jeħtiġlix tweġiba. Għax jien bħalek inqbadt fil-labirint u sirt mostru. Forsi għax jien ridt hekk ukoll. Jien il-ftit ikraħ li kelli qatt ma stajt naħbih. U xandruh. Bi tpattija imma żidt nivvinta ħafna ikraħ ieħor fuqi nnifsi stess. U nwettaq bl-għemil il-gideb tagħhom. Mhux kollu tort tas-Sa Petronja li jgħidu fuqi. *(Tara lis-SA PETRONJA se tagħmel biex tqum biex tipprotesta; taħtafha)*: Le - int ibqa' hemm u isma ! Ngħid jien issa li hemm x'tgħid fuqi. Iva - sa ċertu punt kellha raġun hi. Jien il-ftit kruha tiegħi kabbartha għax ridt. Forsi għax ħadt gost biha ukoll. Forsi għax kien l-uniku mod biex insib lili nnifsi - billi noħloq lili nnisfi. Kerha kemm jiena kerha, il-kruha tiegħi hija tiegħi - parti minni - għax ħlaqtha jien. Mhux għax kienet nofs gidba tagħhom. Jew kollox jew xejn. Il-kruha tiegħi talanqas hija l-verità. (B enfasi): Il-verità, Samwel.

SAMWEL: Għaliex qed tgħidhuli issa dan?

PETRA: Għax diġà tafu. Biex temminhom. Biex ma jkollokx dubju - u int ma titgħabbix bla bżonn bil-ħtija kollha.

SAMWEL: U biex nitilqek? *(B'kemm konvinzjoni jiflaħ)* Qatt imma, Petra. Qatt!

PETRA: Le, Samwel. Taf li l-lejla stess int se titlaq minn hawn. U jien ma naħsibx li għandi wisq aktar hawn magħkom...

SAMWEL: Qed ngħidlek qatt. Ma għandekx għalfejn titlaq int.

PETRA: Konna nafu mill-bidu li jkolli nitlaq. Elen kellha raġun. In-nies ma taċċettax - u ma tiflaħx - sitwazzjoni bħal din - tfajla u ġuvni jgħixu flimkien taħt saqaf wieħed - ħenjin kemm huma ħenjin. Kieku veru konna ħenjin - kieku n-nies ma tirbaħx forsi. Imma kemm aħna ħenjin? Allura għandhom raġun huma. F'familja bħal din, ta' nies ta' l-affari tagħhom, sitwazzjoni bħal din m'hix aċċettabbli.

SAMWEL: Nies ta' l-affari tagħhom! Hemm - hawn - arana lkoll in-nies ta' l-affari tagħhom! In-nies twajbin kollha!

PETRA: Għalxejn, Samwel. Kontra min tista' teħodha aktar?

SAMWEL: Kontrija! Kontrija talanqas!

PETRA: Spiċċat, Samwel. Int taf. U jien ikolli mmur. Ma hawnx, u qatt ma kien hawn, post għalina t-tnejn hawnġew.

SAMWEL: Għalina t-tnejn, le. Għandek raġun int. Imma jekk trid hekk, tajjeb; spiċċat. Imma int ma tmurx.

PETRA: Għalxejn, Samwel.

SAMWEL: Le. Immur jien. *(Idur lejn in-NANNA u NIKOLA; jirrepeti)* Jien se mmur.

NANNA: Le, Samwel...

NIKOLA: Tmur? Hsibtha sew, Samwel... Terġa' tmur?

NANNA: Imur fejn?

SAMWEL: Fejn? X'taħseb? Is-Seminarju - lura s-Seminarju forsi, min jaf? *(Jidħaq)* Le - le, Nann. Tibżax! M'iniex sejjer lura hemm... Imma arakhom! Arakhom! Diġà se tibdew - diġà erġajtu bdejtu! Min se jirbaħ! Se jirbaħ hu? Se nitlef jien! Hu! Hi! Hu!?… Arakhom!

NIKOLA: Aħfirli, Samwel. Ma ridtx!

SAMWEL: Imma dak li ħsibt, veru? Veru? U dik ukoll!

NIKOLA: Ma ridtx - emminni, ma kontx naf... Ma ħsibtx! Agħmel int, Samwel! Iddeċiedi int!

NANNA: Agħtina ż-żmien, Samwel. Ma nibqgħux hekk. Tmurx imma. Tmurx minħabba fija.

SAMWEL: Minħabba fik? Le, tinkweta xejn, Nann. Tinkweta xejn. *(Jitbaxxa u jbusha ħafif fuq ġbinha. Hi żżomm iebes, imma tidher tibda se tieħu r-ruħ… sakemm:)* Ma mmurx minħabba fik. Immur minħabba fija. Inkella veru kontrija biss inkun nista' nkompli neħodha. Fantażma ieħor li ma nafux. Mostru ieħor. Għax min jaf imma l-mostru fejn hu f'did-dar? Forsi jien ukoll f'did-dar ma kont ħadd. Forsi jien bniedem ieħor li qatt ma għex - għajr fid-dellijiet tagħkom ilkoll. Kif kien jgħid Eżra?... Jaqaw jien il-baħar - jew il-mostru tal-qiegħ biex tpoġġu għassa fuqi? Issa imma l-għassa tneħħiet - u ma rridx insib li jien il-mostru tal-qiegħ - kif bżajtu intom. Għax ħaġa hi żgura - li l-mostru hu hawnġew, ġo din id-dar, fejn ħlaqtuh intom. Forsi jekk tħarsu sewwa, fid-dlam, intom ukoll tarawha ż-żlieġa fosforexxenti li jħalli warajh fil-labirinti ta'

kuruturi ta' Eżra. *(Idur fuq PETRA)* Int imma tista' tibqa'. Int barranija kont - u barranija għażilt tibqa'.

PETRA: U din darek tibqa'.

SAMWEL : Kienet dar missieri. Imma f'idejk nista' nħalliha. U issa - issa mela, ikolli mmur tassew... *(jersaq)* Għax - tassew nista' mmur issa, Petra?

PETRA *(tersaq eqreb - kważi wiċċ imb wiċċ. Mhux ċanfira - verità)*: Min għandi m'għandekx bżonn permess. Li għandek tagħmel, agħmlu Samwel.

*SAMWEL bil-mod jagħti l-aħħar pass. Hi tgħannqu magħha għal xi waqtiet, imbagħad hu jagħtiha bewsa fuq xufftejha - bewsa ta' ftit sekondi - ebda passjoni esaġerata... Forsi l-bewsa ta' l-addio. Forsi l-bewsa ta' Ġuda.*

*Is-SA PETRONJA tibqa' ċċassata tħares lejhom. Imbagħad f'daqqa waħda tirrejalizza li jekk trid taħrab, dan huwa l-waqt. Tqum bilwieqfa f'daqqa biex did-darba żgur ħadd ma jipprova jżommha. Imma nsiet il-kikkra li kellha bbilanċata fuq il-plattina f'idejha. Tipprova ma tħallihiex taqa', imma tferfer kemm tferfer idha biex tilqagħha, taqagħlha u titkisser fl-art.*

SA PETRONJA *(isterika):* Skużawni! Skużawni!... Ma nafx kif waqgħet! *(Tipprova tersaq lejn il-bieb ta' barra biex tizgiċċa 'l barra - iżda SAMWEL idur mal-mejda hekk li jagħlqilha t-triq)* Ippruvajt inżommha jaħasra - ippruvajt!

SAMWEL: Ma ġara xejn, Sa Petronja. Farradtilna sett - imma ma ġara xejn. *(Ħiel ta' logħba tal-qattus u l-ġurdien, hekk kif it-tnejn iduru mal-mejda, hi tipprova taħarbu, hu jsus warajha)* Mela sejra, jaqaw?

SA PETRONJA: Iva - skużawni! Imma naħseb aħjar!...

SAMWEL: Sarlek il-ħin, forsi.?

SA PETRONJA: Iva! Aħjar naħseb!

SAMWEL *(jerġa' jieħu s-sikkina):* Ma teħux biċċa kejk ieħor talanqas?

SA PETRONJA: Le - le grazzi! Biżżejjed! Ħadt biżżejjed! *(Sa fl-aħħar \issib ruħha qrib il-bieb tal-loġġa u dlonk terħilha lejh)* Grazzi!

SAMWEL: Allura diġà sejra? Forsi mqar ftit tè?

SA PETRONJA *(tieqaf fil-bieb tal-loġġa. Tipprova toħroġ bi ftit dinjità)*: Le, grazzi - grazzi, Samwel ruħi! Darb'oħra forsi. *(Tħares 'il barra fil-ġnien, minfejn kontra qalbha se jkollha toħroġ)* Reġa' beda jraxxax!

SAMWEL: Dnub... ikollok tmur diġà. Imma jekk sarlek il-ħin, Sa Petronja, ma nżommukx.

SA PETRONJA *(tagħti pass 'il barra)*: Ara! Dak duħħan hemm barra? Iva ta! Hemm xi ħaġa qed taqbad fis-serra!

PETRA *(titla' fil-loġġa ġġibilha l-umbrella):* L-umbrella, Sa Petronja. Tinsihiex.

SA PETRONJA *(bejn trid taħrab minn SAMWEL, bejn trid tistenna l-umbrella)*: Ara - ara dak id-duħħan!

SAMWEL: Għax ma tmurx tara? Anzi, ejja noħorġu flimkien...

PETRA *(tnewwlilha l-umbrella)*: Mur u ara, tibżax. U wara mur għid lilhom ukoll. Għidilhom kollox mitmum. U m'hemmx għalfejn darb'oħra. Ma jkunx hemm darb oħra.

SA PETRONJA *(mifxula - tissielet ma' l-umbrella biex tifta ha)*: Le - le, m'hemmx għalfejn, Samwel. Se tixxarrab għal xejn... Imma ara, veru ta, ħudu ħsieb; hemm xi ħaġa taqbad!

SAMWEL: *Auto da fè* - Sa Petronja. *Auto da fè. (Jipprova jgħinha tiftaħ l-umbrella)* Ejja - ħa żommha int, tibżax. Jien hekk jew hekk ma nixxarrabx. Ma ninħaraqx, lanqas. Li għandi bżonn issa hu nitgħallem nimxi fuq l-ilma mingħajr ma negħreq. Ejja, hekk, flimkien, imma int tħarisx lura...

SA PETRONJA *(tissara miegħu għall-umbrella, sa fl-aħħar teħodha f'idejha u jirnexxilha tiskappa xi żewġ passi bogħod minnu. Twerżaqlu waħda ta' l-aħħar f'wiċċu)*: Int miġnun! Imġienen ilkoll! Ir-razza kollha! Qatt ma nerġa' nirfes minn dik l-għatba... Nirrah Alla jagħmini! Qatt fuq li qatt!... *(Taħrab)*.

SAMWEL: Le, stenna Sa Petronja! Arani. mhux se nixxarrab! Se nimxi!... *(Skiet. Waħdu)*: Jista' jkun - qatt aktar allura?... Imma Sa Petronja, jekk tħares lura, tibża' li tarani nimxi fuq l-ilma? Jew, jekk tħares lura, issir statwa tal-melħ?

*Jibqa' wieqaf iħares barra l-loġġa.*

NANNA: Qatt aktar? *(Tqum bi tbatija u tibda riesqa lejn it-taraġ biex titla' fuq.)* Qatt aktar mela. *(Titla', tieqaf tistrieħ kull ftit tar iet)* Min jaf kemm ħareġ bebbux hemm barra. *(Tħares lejn il-ġnien)* Veru imma, ħarsu, hemm xi ħaġa taqbad fis-serra.

ELEN: Jien u Petra ħriġna kollox hemm barra lbieraħ. L-imbarazz kollu ta' Eżra. Bebbux u tjur, kollha bbalzmati - u ħwejjeġ u lbies li ma jiġu 'l ħadd

iżjed. U affarijiet - affarijiet li qatt ma raw id-dawl tax-xemx. Min jaf qattx ħaseb li xiħadd għad isibhom. Ħallejna t-tieqa miftuħa l-lejl kollu - forsi tidħol ftit arja.

NIKOLA: Dalgħodu ħriġt mas-sebħ u tajthom in-nar. Kienet diġà se tibda traxxax. Ħsibt li ntefa kollox. Imma arahom issa ħuġġieġa waħda.

NANNA: Jekk ma tagħlqux se nintlew duħħan

ELEN: Riħ isfel... Duħħan abjad - bil-kemm jista' jinqata' mill-art.

NIKOLA: U d-duħħan jerġa' jinżel, jintelaq fuq l-irmied, jinxtorob mill-ħamrija. Li kieku kont għadni nfittex sinjali mis-Sema - xi tifsira moħbija ta' l-għeġubijiet - tifsira sempliċi u innoċenti, imma loġika, kieku min jaf?... *(Imma jxengel rasu: le)* Xi tgħid, Tereża, qatt jista' jkun?

NANNA: Ma nafx, Nikola. Imma la tieqaf ix-xita, irridek tibgħat għal Dun Pawl. Ipprova ftakar, Elen.

ELEN: Le, Ma. Jien ma mmurx. Ma jien sejra mkien aktar.

NANNA: Mur int, Petra. Tinsiex. Għidlu neħtieġ inkellmu... le, għidlu nixtieq inkellmu. Ma nafx, forsi hu jista' jgħidli - dejjem xtaqt naf, wara daż-żmien kollu - kif tagħmel biex tħobb kull tliet sigħat. Forsi hu talanqas jista' jgħidli kif. Imqar kull tliet sigħat. *(Waslet fuq)* Fejn hi ċ-ċavetta tal-kamra ta' Eżra?

*ELEN toħroġ ċavetta minn but. Imma ma tqumx, Jersaq NIKOLA - pawsa - imbagħad tatihielu.*

NIKOLA *(jersaq lejn it-taraġ)*: X se tagħmel?

NANNA: Insakkar hemm fuq talanqas. Wara nimtedd u forsi nistrieħ ftit.

NIKOLA: Trid niġi ngħinek? Dik it-tieqa ġġamjata.

NANNA: Kif trid. Tinsiex imma, Petra. *(Toħroġ).*

*NIKOLA jitla' u joħroġ warajha.*

*ELEN tibqa' bilqiegħda. Tibda toftoq ix-xogħol tas-suf f' ħoġorha, b'determinazzjoni u kompulsività, u tkompli tagħmel hekk sat-tmiem.*

*Fil-bieb tal-loġġa SAMWEL ineħħi n-nuċċali mxarrab u jixxuttah fil-qmis.*

SAMWEL *(bla ma jħares lura):* Fejn naqbad immur, Petra?

PETRA *(tiġbor l-affarijiet tat-tè u tnaddaf il-mejda. M'għandhiex aktar moħħ diskors)*: Dak issa trid tarah int. Mur - jew idħol minn hemm.

SAMWEL *(juri lejn id-du an):* Jien hemm ħraqt kollox ukoll. Ħraqthom

kollha, Petra.

PETRA: Naf.

SAMWEL: Kull ħrafa - mitmuma jew le. Qattajt u ħraqt kulma ktibt.

PETRA: Naf. U issa ħuġġiega waħda, mal-bqija ta' Eżra.

SAMWEL: Taf mela. Imma tassew taf kollox int?...

PETRA: Tibqax hawn, Samwel. Mur.

SAMWEL: Għini mmur mela! Għini, Rapunzell!

PETRA (tieqaf minn xogħolha. Leħen iebes - akkuża): Rajtek ilbieraħ wara nofsinhar ħiereġ mill-kamra tan-Nanna.

*Skiet.*

*SAMWEL idur lejha. In-nuċċali għadu f'idu, jtella idejh it-tnejn ma' wiċċu jogħrok għajnejh.*

SAMWEL (nifs twil - sa fl-aħħar!): Rajtni mela. *(jilbes in-nuċċali)* Bgħatet għalija. Biex tkellimni fuq il-funeral qaltli.

PETRA: Domtu siegħa hemmgew.

SAMWEL *(bla animożità)*: Kont qed tg assisli.

PETRA: Iva.

SAMWEL: Int ukoll. Il-mostru tal-qiegħ…

PETRA *(taqtagħlu)*: Meta ħriġt imbagħad għaddejt minn quddiem il-bieb tal-kamra tiegħi. Kont se tiftaħ u tidħol, imma mbagħad ħsibt li aħjar tħabbat qabel. *(Pawsa qasira)* Qatt ma kont tħabbat qabel. *(Pawsa qasira. Ebda tweġiba)* U did-darba lanqas ma ħabbatt. Donnok naqsitlek il-ħila. Ippruvajt terġa' tgħolli idejk biex tħabbat, imma ma stajtx issib l-almu. U bqajt sejjer inkiss inkiss, bla ma ħabbatt. Bla ma dħalt.

SAMWEL: Kif rajtni?

PETRA: Mill-kamra ta' Eżra. Meta tlajna nnaddfu hemm fuq jien u Elen. Hemm ġew għandu - kellu - elf moħba. Kellu ċwievet għal kullimkien. U kellu ċavetta għall-bieb tal-garigor - u fil-ħitan tal-garigor ma nafx kemm-il xaqq, kemm-ilħofra u rewwieħa hemm li minnhom tista' tissindika fil-kuruturi. U fil-kmamar ukoll. Għaliex ma ħabbattlix il-bieb, Samwel?

SAMWEL *(jaf li taf li qed jigdeb)*: Ma ridtx. Ma ridt inkellem 'il ħadd.

PETRA: Għax lin-Nanna kont ġa kellimtha għal siegħa sħiħa. Jew forsi, kellmitek hi?

SAMWEL: Fuq il-funeral. Qaltli…

PETRA: Min miet tassew hemmġew, Samwel, wara dak il-bieb magħluq?

SAMWEL: Għedtlek! Jekk taf, għalfejn tistaqsi, Petra?

PETRA: Għax ġew qalulek, u ma qalulekx, hux hekk, Samwel? Taħseb li dak li ma ridtx taf fuqi, issa qaluhulek. U fin-nisġa tal-ħrejjef wieħed imut bl-iċken kelma - l-iċken magħmul. L-iċken iffa ta' realtà kapaċi ssir riefnu u teqred l-illużjoni. U meta r-riħ idur kontra tiegħek ma tistax tkompli timxi fuq l-ilma. Fejn se nidfnuha issa lil Rapunzell, Samwel?

SAMWEL: Elen. Elen kienet taf. Kienet taf għaliex bagħtet għalija n-Nanna, u għalhekk…

PETRA: Għalhekk tellgħatni hemm fuq magħha. Qaltilha n-Nanna. Jew forsi le. Għalhekk urietni l-moħbiet ta' Eżra. Mewta oħra żgħira. Bi tpattija.

SAMWEL: Ġuda.

PETRA: Biex żgur ma jkollix - u lanqas int - illużjonijiet aktar. Forsi Dun Pawl ikun jaf itaffilhom xi ftit is-sens ta' ħtija. L-intenzjoni li tgħodd, jgħidu. Tneħħi l-intenzjoni, x'jibqa' mill-imħabba?

SAMWEL: Mela issa tassew li nista' mmur. Issa ħieles tassew. Niżżik ħajr, Elen!... Ħajr, Petra. *(Jagħti xi żewġ passi reżoluti 'l barra mill-loġġa.)* Veru sejjer mela. *(Imma dlonk jieqaf)* Imma taħseb huwa hekk ħażin wieħed ikompli jżomm nitfa illuzjoni, Petra? Ara - arani se nimxi fuq l-ilma, Petra. Qed tarani? *(Jgħolli u jiftaħ idejh bħal għasfur - iħares 'l isfel lejn l-art, u jagħti pass żgħir meqjus, takkuna ta' żarbuna tmiss mal-ponta ta' żarbuna l-oħra - akrobata miexi fuq ħabel stirat, jipprova ma jitlifx il-bilanċ.)* Arawni! Qed nimxi fuq l-ilma! Qed tarawni? *(Jagħti ftit passi imma jieqaf zopptu, imwerwer, ma jissograx jitħarrek iżjed.)* Arawni! Arawni!

*Dwal jitbaxxew bil-mod il-mod.*

*Tmiem it-Tielet Att...*

# EPILOGU

*Tinstema' fid-dlam nota fuq flawt, hekk kif id-dawl jerġa' jibda tiela bil-mod il-mod. Aktar ma jmur, aktar id-daqq fuq il-flawt jieħu nota ħafifa, pastorali, hekk kif tibda tinstema' wkoll xi għana ta' l-għasafar - għall-ewwel bil-mod il-mod imma dejjem tiżdied u togħla.*

*Ix-xena għadha kważi identika, biss issa wieħed irid jieħu l-idea li jinsab f'xi post, xi palazz miftuħ għall-pubbliku: ħbula ħoxnin kulur porporina, imdendlin nofs qamar fuq arbli qosra ta' l-aluminju jservu ta' lqugħ biex il-viżitaturi ma jmissux l-affarijiet esebiti - il-mobbli u l-antikitajiet tad-Depawli. Xi "spotlights" irranġati strateġikament idawlu xi dettalji li forsi qabel ma kinux għal kollox viżibbli - xi gwarniċ indurat ta' kwadru ta' l-antenati, kotba antiki fl-iskrivanija jew xi fidda f'xi vetrina. Il-mejda hija apparekkjata bl-istess sett tat-tè ta' qabel, imma bi dvalja tal-bizzilla mill-ifjen. F'nofs il-mejda mbagħad hemm kornukopja kbira ta' frott - larinġ, għeneb, dulliegħ, rummien, kif ukoll xi qmuħ.*

*Hekk kif jissaħħah id-dawl, wieħed għandu jsib quddiem għajnejh xena ta' rebbiegħa fl-aqwa tagħha. Ix-xemx tiżreġ fil-ġnien fuq pjanti u siġar mimlija frott. Fil-loġġa ukoll hemm pjanti mdendlin u fjuri ma' kullimkien - ġeranji, qronfol u ward. Fuq il-bandla hemm arranġament ta' fjuri fejn jispikkaw il-gladjoli.*

*Fir-rokna tal-loġġa, mill-ħawt niexef issa hemm nixxiegħa safja tgelgel - salib sempliċi ta' l-injam imdendel fuq il-blat għeri.*

*L-għana ta' l-għasafar issa jinstema' sewwa, qrib u ma' kullimkien, im allat ma l-għajjat individwali ta' tjur eżotiċi u tropikali li jidwu max-xena kollha.*

*Tidħol il-GWIDA u warajha għadd zgħir ta' turisti li qed jisimgħu b'attenzjoni dak li qed tgħid. B'ilsien barrani, orjentali, Il-GWIDA tispjega, xi ħaġa dwar il-kamra u mbagħad tersaq lejn il-loġġa.*

## Epilogu

*Mis-siġġu fejn l-aħħar rajna lil ELEN - għoxrin sena ilu - tqum PETRA. Kibret sew u għall-ewwel wieħed forsi jista' jitfixkilha ma' ELEN, forsi minħabba l-istil ta' xagħarha qasir, forsi wkoll mill-ilbies li wirtet mingħandha.*

PETRA: Għall-ġonna minn hawn, jekk jogħġobkom. *(Tmur hi tiftaħ il-bieb tal-loġġa.)* Nitlobkom toqogħdu attenti u ssegwu ċ-ċangaturi bojod bejn ix-xtieli. Li se taraw huma l-akbar serer tal-fjuri li qatt kien hawn f'dil-gżira. Ma jsirx tieġ li ma jordnawx minn hawn, kif forsi qalulkom.

*Tieqaf biex tħalli l-GWIDA tittraduċi.*

PETRA *(turi barra)*: Dak li qed tisimgħu - u li qed taraw hemm isfel hu l-Avvjarju Nazzjonali - mibni u ssussidjat mill-*European Wild Life Foundation* taħt il-patroċinju tad-Dipartiment ta' l-Ambjent. Kultant xorta għadek issib xi fanatiku li jispara xi tir bl-addoċċ lejh - imma issa tista' tgħid huwa aċċettat u apprezzat minn kulħadd.

*Il-GWIDA tittraduċi bl-akbar ħerqa. Xi turisti jixxukjaw ruħhom.*

*PETRA tinnota TFAJLA TURISTA li resqet qrib tħares lejn gwarniċ tal-fidda fuq l-iskrivanija. PETRA immedjatament tersaq fuqha. Tirranġa l-gwarniċ f'postu - għalkemm forsi ma kienx hemm bżonn.*

PETRA: Dak kien l-aħħar min-nisel tad-Depawli - is-sidien ta' did-dar. Miet fl-1973 f-inċident tat-traffiku.

*It-TFAJLA TURISTA tibqa' tħares lejn ir-ritratt - jidher li xi ħaġa fih qed jinterresaha; turih lil ġuvni ħabib tagħha. Kulma wieħed jista' jifhem hija l-kelma Suzuki jew Kawasaki. Iddur u tħares lejn PETRA tistenna tweġiba.*

GWIDA *(tispjega xi ftit sogħbiena)*: Iridu jafu jekk dak il-mutur hux Suzuki jew Kawasaki.

PETRA *(imqita)*: Le. BMW għidilhom, jekk jinteressahom daqshekk... Kien tfarrak bih f'inċident frontali ma' Ford Cortina fil-Mina tar-*Regional Road*... Inċident banali... Imma ma naħsibx li jista' jinteressahom.

*Waqt li l-GWIDA tittraduċi xott xott, wieħed mit-turisti taqagħlu karta ta' film tar-ritratti. Turist ieħor dlonk jiġborha. Jagħtiha lil PETRA li immedjatament kienet resqet biex tiġborha hi.*

PETRA: Grazzi. *(Iddur lura lejn il-loġġa.)* Minn hawnhekk jekk jogħġobkom. U nitlobkom timxu dejjem fuq iċ-ċangaturi bojod, jekk jogħġobkom.

Tħalli l-aħħar turist joħroġ, imbagħad tagħlaq il-bieb warajhom. Tersaq lejn il-ġemb tal-loġġa biex tagħlaq il-purtiera. Jirnexxilha ġġeriha xi ftit pulzieri iżda mbagħad malajr terġa' titlaqha minn idha u tniżżel subgħajha lejn ħalqa. Issoff għal xi ftit sekondi, imbagħad tħares lejn subgħajha.

## Epilogu

Issoffu xi ftit ieħor, toġġrku ħafif, terġa' ttella' idha u b'ġest determinat, tiġbed il-purtiera

*Fl-istess waqt li jagħlaq is-siparju.*

*Xejn għajr il-kakofanija ta' l-għana ta' l-għasafar.*

*TMIEM*